



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 21.6.2013  
COM(2013) 459 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**Ir-Raba' Rapport dwar l-implimentazzjoni mir-Repubblika tal-Moldova tal-Pjan ta'  
Azzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Viża**

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## Ir-Raba' Rapport dwar l-implimentazzjoni mir-Repubblika tal-Moldova tal-Pjan ta' Azzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Viża

### 1. INTRODUZZJONI

Id-Djalogu bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-Viża li jeżamina l-kundizzjonijiet għall-ivjaġġar mingħajr viża taċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova (iktar 'il quddiem iċ-ċittadini tal-Moldova) lejn l-UE kien inniedi fil-15 ta' Ġunju 2010. **Il-Pjan ta' Azzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Viża** (iktar 'il quddiem VLAP)<sup>1</sup> ġie ppreżentat lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Moldova (iktar 'il quddiem l-awtoritajiet Moldovani) mill-Kummissjoni fl-24 ta' Jannar 2011. Il-VLAP jistabbilixxi sensiela ta' parametri referenzjarji preċiżi għar-Repubblika tal-Moldova dwar erba' hekk magħrufa "elementi"<sup>2</sup> ta' kwistjonijiet teknikament rilevanti, bl-għan kemm tal-adozzjoni ta' qafas leġiżlattiv u politiku (fażi 1) kif ukoll tal-implimentazzjoni effettiva tiegħu (fażi 2).

Il-Kummissjoni irrappurtat regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-VLAP. **L-Ewwel Rapport ta' Progress** dwar l-implimentazzjoni mir-Repubblika tal-Moldova tal-Pjan ta' Azzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Viża ġie ppreżentat fis-16 ta' Settembru 2011<sup>3</sup>. Fis-7 ta' Ottubru 2011, saret Laqgħa tal-Uffiċjali Għolja, li matulha ġie ppreżentat l-Ewwel Rapport ta' Progress u ġew diskussi l-passi li jmiss fil-proċess.

Il-missjonijiet ta' evalwazzjoni dwar l-Elementi 2, 3 u 4 tal-VLAP ġew organizzati fit-tieni nofs ta' Ottubru u fil-bidu ta' Novembru 2011, u involvew esperti mill-Istati Membri tal-UE akkumpanjati mill-uffiċjali tal-Kummissjoni u tas-Servizz Ewropew għal azzjoni Esterna (iktar 'il quddiem EEAS). L-għan ta' dawn il-missjonijiet esperti kien li jivvalutaw il-qafas leġiżlattiv, politiku u istituzzjonali skont il-parametri referenzjarji tal-ewwel fażi tal-VLAP u l-konformità tiegħu mal-istandards Ewropej u internazzjonali. Ir-rapporti tal-esperti ġew iffinalizzati f'Diċembru 2011.

**It-Tieni Rapport ta' Progress** dwar l-implimentazzjoni mir-Repubblika tal-Moldova tal-Pjan ta' Azzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Viża nħareġ fid-9 ta' Frar 2012<sup>4</sup>. Fis-27 ta' Frar 2012, saret Laqgħa tal-Uffiċjali Għolja li matulha ġie ppreżentat it-Tieni Rapport ta' Progress u ġew diskussi l-passi li jmiss fil-proċess.

**It-Tielet Rapport ta' Progress** dwar l-implimentazzjoni mir-Repubblika tal-Moldova tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża nħareġ fit-22 ta' Ġunju 2012<sup>5</sup>. Kien it-tielet u l-aħħar rapport ta' progress dwar l-ewwel fażi tal-VLAP u ppreżenta valutazzjoni konsolidata mill-Kummissjoni dwar il-progress li sar mir-Repubblika tal-Moldova sabiex tilħaq il-parametri referenzjarji tal-ewwel fażi tal-VLAP relatati mal-istabbiliment ta' qafas leġiżlattiv, politiku u istituzzjonali.

<sup>1</sup> Id-Dokument tal-Kunsill 18078/10.

<sup>2</sup> (i) is-sigurtà tad-dokument, inklużi l-bijometriċi; (ii) l-immigrazzjoni irregolari, inkluża r-riammissjoni; (iii) l-ordni pubbliku u s-sigurtà; kif ukoll (iv) ir-relazzjonijiet esterni u d-drittijiet fundamentali.

<sup>3</sup> SEC (2011) 1075 finali.

<sup>4</sup> SWD (2012)12 finali.

<sup>5</sup> COM (2012) 348 finali.

**Il-valutazzjoni tal-impatti migratorji u ta' sigurtà li jista' jkollha l-liberalizzazzjoni futura tal-viża għaċ-ċittadini tal-Moldova li jivvjaġġaw lejn l-UE** nħarġet fit-3 ta' Awwissu 2012<sup>6</sup> mill-Kummissjoni bl-involvement tal-aġenziji tal-UE u l-partijiet interessati rilevanti.

Il-Kunsill, wara li bena fuq dawn ir-rapporti, adotta Konklużjonijiet fid-19 ta' Novembru 2012 li fihom ġie miftiehem mal-Kummissjoni li r-Repubblika tal-Moldova kienet **issodisfat il-parametri referenzjarji kollha skont l-ewwel fażi** tal-Pjan ta' Azzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Viża. Sussegwentement, tnediet il-valutazzjoni tal-parametri referenzjarji stabbiliti skont it-tieni fażi.

Il-passi li jmiss tat-tieni fażi kif ukoll it-tnejn tal-missjonijiet ta' evalwazzjoni ġew diskussi matul Laqgħa tal-Uffiċjali Għolja li saret fit-28 ta' Jannar 2013. Ġiet organizzata sensiela ġdida ta' **missjonijiet ta' evalwazzjoni** dwar l-erba' elementi kollha tal-VLAP mit-18 ta' Frar sal-15 ta' Marzu 2013. Il-missjonijiet ta' evalwazzjoni ma kellhomx paragon f'terminu ta' ambitu u dettalji tal-valutazzjoni – erba' ġingħat ta' involviment ta' 12-il esperti mill-Istati Membri tal-UE akkumpanjati minn uffiċjali tal-Kummissjoni u tal-EEAS.

Il-missjonijiet tal-esperti kellhom l-għan li jivvalutaw kemm l-istatus ta' l-huq tal-parametri ta' referenza tat-tieni fażi tal-VLAP, kif ukoll il-limitu tal-implimentazzjoni tal-qafas leġiżlattiv, politiku u istituzzjonali, b'konformità mal-istandards Ewropej u internazzjonali. Inġhatat attenzjoni partikolari għal oqsma bħall-antidiskriminazzjoni u l-integrazzjoni ta' minoritajiet u t-traffikar ta' bnedmin, xi wħud minnhom imsemmija wkoll fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2012.

**Ir-rapporti tal-esperti** ġew iffinalizzati f'Mejju 2013. Ir-Repubblika tal-Moldova impenjat ruħha li tindirizza r-rakkomandazzjonijiet inklużi f'dawn ir-rapporti permezz ta' Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali aġġornat li l-abbozz tiegħu sar fl-aħħar ta' Mejju 2013.

Il-Pjan ta' Azzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Viża wera li huwa inċentiv importanti għar-riformi u għen lir-Repubblika tal-Moldova biex iżżomm pass kontinwu ta' riformi strutturali mill-2010. Ġie stabbilit il-qafas leġiżlattiv u politiku kif rikonoxxut mill-konklużjoni tal-ewwel fażi tal-VLAP f'Novembru 2012.

L-għan ta' dan ir-rapport huwa li jippreżenta **l-istat tal-implimentazzjoni tal-qafas leġiżlattiv u istituzzjonali, il-funzjonament tal-istituzzjonijiet u l-livell ta' koordinazzjoni bejn l-aġenziji**. Il-Kummissjoni ppreparat dan ir-rapport ta' progress abbażi ta' **missjonijiet komprensivi ta' evalwazzjoni ta' Frar-Marzu 2013**, inklużi r-rapporti li l-abbozz tagħhom sar f'dak il-kuntest minn esperti tal-Istati Membri, kif ukoll informazzjoni addizzjonali li waslet għand is-Sottokomitat Konġunt Nru 3 tal-UE u tar-Repubblika tal-Moldova<sup>7</sup> u matul id-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-UE u r-Repubblika tal-Moldova li t-tnejn saru f'April 2013. Inġhatat attenzjoni speċjali għas-sostenibbiltà tar-riformi u r-riżultati miksuba, inkluż permezz ta' persunal u finanzjament li għandu rilevanza. Ir-rapport jinkludi wkoll valutazzjoni dwar l-istat ta' **ssodisfar tar-rakkomandazzjonijiet** indirizzati lir-Repubblika tal-Moldova inklużi fir-rapport **tal-Valutazzjoni tal-Impatti**<sup>8</sup> ta' Awwissu 2012.

## **2. VALUTAZZJONI TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ERBA' ELEMENTI TAL-PJAN TA' AZZJONI GĦAL-LIBERALIZZAZZJONI TAL-VIŻA**

### **ELEMENT 1: SIGURTÀ TAD-DOKUMENT, INKLUŻI L-BIJOMETRIĊI**

<sup>6</sup> COM(2012) 443 final.

<sup>7</sup> Sottokomitat Nru 3: Dwana, kooperazzjoni transfruntiera, ħasil ta' flus, drogi, migrazzjoni irregolari.

<sup>8</sup> COM(2012) 443 final.

### (a) Parametri ta' referenza VLAP

- **Ħruġ gradwali ta' passaporti bijometriċi b'konformità mal-istandards ICAO, inklużi f'konsolati Moldovani 'l barra mill-pajjiż, u l-eliminazzjoni gradwali ta' passaporti li ma jikkonformawx mal-istandards ICAO**

Minn Jannar 2011, ir-Repubblika tal-Moldova bdiet toħroġ esklussivament passaporti bijometriċi (passaporti ordinarji, passaporti diplomatiċi, passaporti uffiċjali u passaporti għal persuni mingħajr stat) bl-implimentazzjoni tal-prinċipju "Passaport wieħed, dokument wieħed".

Fil-31 ta' Diċembru 2012, kien hemm jiċċirkolaw 2 514 335 passaport ta' ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova, li 487 745 minnhom (jew 19.3%) kienu passaporti bijometriċi. Sal-2020, hija ppjanata l-eliminazzjoni totali ta' passaporti mhux bijometriċi.

Mill-1 ta' Jannar 2012, iċ-ċittadini tal-Moldova li jgħixu barra mill-pajjiż jistgħu jissottomettu applikazzjonijiet lill-missjonijiet diplomatiċi tar-Repubblika tal-Moldova u lill-uffiċċji konsulari sabiex jiksbu passaporti bijometriċi. L-ambaxxati u l-konsolati kollha tar-Repubblika tal-Moldova barra mill-pajjiż, mingħajr eċċezzjoni, kienu mgħammra b'tagħmir speċjali għall-ġbir ta' dejta bijometrika mill-applikanti. Dan il-passaport bijometriku ġdid jikkonforma mal-istandards ICAO u jinkludi għadd ta' fatturi tas-sigurtà rakkomandati mill-ICAO<sup>9</sup>.

Mit-2 ta' Jannar 2013, iċ-Ċentru għar-Riżorsi ta' Informazzjoni tal-Istat "Reġistru" (CSIR Reġistru, iktar 'il quddiem ir-"Reġistru") jaħdem bir-riżorsi tiegħu stess u b'ċertifikati pubbliċi ewlenin. Fit-28 ta' Settembru 2012, l-awtoritajiet tal-Moldova għamlu applikazzjoni biex jingħaqdu mad-Direttorju Ewlieni Pubbliku tal-ICAO (iktar 'il quddiem ICAO PKD). Fil-bidu tal-2013, sar l-abbozz tal-Ordni bi ħlas tal-Ministeru tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjonijiet (iktar 'il quddiem MITC) mir-Reġistru tat-tariffa ta' reġistrazzjoni unika sabiex jingħaqad mal-ICAO PKD. L-iffirmar mir-Reġistru ta' kuntratt ta' akkwist ta' ktejjeb b'ċippa integrata, abbażi tar-riżultati tas-sejħa għall-offerti ta' Jannar 2012 ġie sospiż sa Frar 2013 minħabba proċedura legali li ġiet miċħuda mill-Qorti Suprema tal-Ġustizzja tar-Repubblika tal-Moldova. Ir-rebbieħ tas-sejħa għall-offerti u r-Reġistru huma mistennija li jiffirmaw kuntratt fis-sajf tal-2013.

- **Livell għoli ta' integrità u sigurtà tal-proċess ta' applikazzjoni, personalizzazzjoni u distribuzzjoni għall-passaporti, kif ukoll karti tal-identità u ta' dokumenti oriġinaturi oħra**

Ir-'Reġistru' huwa responsabbli mill-ħruġ ta' dokumenti tal-Ivjaġġar u tal-Identità. L-uffiċċji kollha tas-Servizz tal-istatus Ċivili huma kkompjuterizzati u assoċjati permezz ta' kanali ta' komunikazzjoni siguri ma' Sistema ta' Informazzjoni Awtomatizzata bl-isem "Reġistru tal-Istat tal-Popolazzjoni (iktar 'il quddiem RSP). Iċ-ċertifikati tat-twelid, taż-żwieġ, tal-mewt u tat-tibdil fl-isem/kunjom maħruġa huma fformattati b'mod identiku u jinkludu l-istess elementi ta' sigurtà<sup>10</sup>.

Applikazzjonijiet għal dokumenti tal-ivjaġġar u karti tal-identità nazzjonali jsiru fid-49 uffiċċju territorjali u reġjonali tar-Reġistru. Il-verifiki li jsiru minn dawk l-uffiċċji ġeneralment jikkonċernaw il-preċiżjoni tad-dejta u l-kompletezza tal-applikazzjoni, kif ukoll

<sup>9</sup> Watermark b'żewġ kuluri, fibri fluworexxenti taħt id-dawl UV, ħajta tas-sigurtà fluworexxenti, mikrostampar, innumerar tal-passaport b'perforazzjoni bil-lażer, kif imsemmi fil-punt V tal-Appendiċi I Informattiv tat-Taqsima III. L-istandards tas-Sigurtà għal dokumenti tal-ivjaġġar li jinqraw b'magna tad-Dok 9303 tal-ICAO, Parti 1.

<sup>10</sup> Il-watermark, il-mikrostampar, l-emblema u n-numru tas-serje tal-formola li taħt id-dawl UV jidhru fluworexxenti.

verifiki mhux elettroniċi b'relazzjoni mal-MoI fir-rigward ta' ksur tal-liġi, każijiet kriminali u persuni li jkunu wettqu reati.

Il-potenzjal għal xi ħadd biex juża identitajiet multipli jidher li huwa limitat ħafna minħabba l-eżistenza tal-RSP li jinkludi ammont kbir ta' dejta relatata ma' kull ċittadin Moldovan. L-inklużjoni tal-bijometriċi fil-passaporti "tiffriża" l-identità tad-detentur u tipprevjeni li tintuża identità differenti.

Ir-'Reġistru' qed jieħu passi serji biex inaqqas kemm jista' jkun il-korruzzjoni fil-livell tal-persunal, fost l-oħrajn permezz ta' separazzjoni ċara ta' obbligi u l-funzjonijiet tal-persunal, assenjar aleatorju ta' applikanti lill-uffiċjali; reviżjoni tat-talbiet tal-applikanti minn minimu ta' 3 uffiċjali differenti u ħlasijiet ta' tariffi permezz ta' magna tal-flus awtomatika (ATM). Il-preżenza ta' diversi verifiki tal-applikazzjonijiet tagħmel l-introduzzjoni ta' applikazzjonijiet ta' frodi fis-sistema mill-persunal iktar diffiċli.

Minbarra dan, is-Servizz tal-Istatus Ċivili żviluppa strateġija għall-prevenzjoni u l-għieda kontra l-korruzzjoni fil-livell tal-persunal. Il-miżuri jinkludu spezzjonijiet mhux ippjanati, aċċess limitat għal dejta, sorveljanza bil-vidjow u dikjarazzjonijiet ta' dħul, proprjetà u kunflitt ta' interess. F'kull uffiċċju lokali tal-applikazzjonijiet, jidhru avviżi b'informazzjoni rigward korruzzjoni.

Konsegwentement għal dawn il-miżuri l-ġodda, ġew imposti seba' sanzjonijiet dixiplinarji għal ksur imwettaq mill-impjegati tal-Uffiċċju tal-Istatus Ċivili, wara investigazzjonijiet li saru fl-2012.

L-applikanti li jgħixu fir-reġjun ta' Transnistria<sup>11</sup> jistgħu japplikaw għal dokumenti f'wieħed mill-uffiċċji li jinsabu ħdejn il-linja amministrattiva. Mis-17 ta' Lulju 2003, sitt uffiċċji permanenti fir-Repubblika tal-Moldova u uffiċċju mobbli wieħed jindirizzaw tali talbiet u huma stabbiliti l-istess organizzazzjoni Prattika u proċeduri ewlenin bħal fil-bqija tar-Repubblika tal-Moldova. Il-persuni li għandhom dokumenti maħruġa mill-"awtoritajiet" ta' Transnistria jistgħu jirreġistraw id-dokumenti tal-istatus ċivili tagħhom mal-awtoritajiet tal-Moldova billi jittraskrivuhom mill-Uffiċċju tal-Istatus Ċivili u jiġu inklużi fl-RSP. Imbagħad jinħareġ dokument lill-individwu mill-Uffiċċju tal-istatus Ċivili li jippermettilhom jiksbu passaport Moldovan. Proċedura speċjali għar-rikonoxximent tad-dokumenti oriġinaturi maħruġa mill-"awtoritajiet ta' Transnistria" hija prevista fil-liġi. L-identità tista' tiġi stabbilita permezz ta' dokumenti ta' identità jew ivvjaġġar preċedenti tar-Repubblika tal-Moldova jew abbażi ta' rekords familjali. F'ħafna każijiet, il-verifikazzjoni tal-identità tal-individwu se tkun relattivament sempliċi peress li rekords sal-1992 huma disponibbli. Għall-persuni li twieldu fir-reġjun ta' Transnistria mill-1992 'il quddiem, l-istabbiliment u l-intitolament għal ċittadinanza tar-Repubblika tal-Moldova jirrikjedu investigazzjoni ta' rekords tal-ġenituri jew ta' aħwa sabiex tiġi stabbilita relazzjoni familjari. Fl-aħħar nett, livell raġonevoli ta' ċertezza dwar l-identità jista' jintlaħaq permezz ta' dejta inkroċjata relatata ma' rekords ta' membri tal-familja fl-RSP.

- **Rappurtar fil-pront u sistematiku lil bażi tad-dejta tal-Interpol/LASP dwar passaporti mitlufa jew misruqa**

Minn Ottubbru 2011, ġew stabbiliti proċessi għad-dettalji tal-passaporti mitlufa jew misruqa kollha li jintbagħtu kull ħames minuti mir-'Reġistru' lill-Uffiċċju Ċentrali Nazzjonali tal-Pulizija (iktar 'il quddiem NCB) li huwa punt ta' kuntatt mal-Interpol. L-NCB jibgħat din l-informazzjoni lill-Interpol anke fuq bażi ta' kuljum permezz ta' sistema elektronika dak il-ħin

<sup>11</sup> Skont l-awtoritajiet tal-Moldova, il-popolazzjoni tar-reġjun ta' Transnistria hija ta' 509 400 persuna, li minnhom 55% huma ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova u 33 128 minnhom għandhom passaporti bijometriċi tar-Repubblika tal-Moldova.

stess. Ma ssir ebda distinzjoni bejn passaporti mitlufa u passaporti misruqa. Il-punti ta' qsim fuq il-fruntieri huma konnessi ma' bażi tad-dejta tal-Interpol dwar passaporti mitlufa jew misruqa. L-għadd ta' passaporti mitlufa huwa għoli ħafna meta mqabbel mal-għadd ta' passaporti li jinħarġu. Fl-2011, 29 946 passaport ġew iddikjarati mitlufa filwaqt li nħarġu 261 259. Fl-2012, 32 343 passaport ġew iddikjarati mitlufa filwaqt li nħarġu 260 393. Minn Ottubru 2011, 15 603 passaport mitluf ġew iddikjarati li nstabu u nġabru lura.

- **Skambju regolari ta' kampjuni ta' passaporti u kooperazzjoni dwar is-sigurtà ta' dokumenti fl-UE**

L-Istati Membri tal-UE huma aġġornati fuq bażi annwali dwar kampjuni ġodda ta' passaporti fir-Repubblika tal-Moldova permezz ta' kanal speċifiku ta' komunikazzjoni. Barra minn hekk, mill-2009, ir-Repubblika tal-Moldova nġhaqdet nar-Reġistru Pubbliku ta' Identità Awtentika u Dokumenti tal-Ivjaġġar onlajn (iktar 'il quddiem PRADO) tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. L-aħħar aġġornament li sar fis-sistema PRADO kien fl-1 ta' Lulju 2011, meta ġew introdotti kampjuni ġodda bil-fatturi ta' sigurtà tal-passaporti bijometriċi tal-Moldova. F'Diċembru 2012, intbaġħtu 65 kampjun ġdid bil-fatturi tas-sigurtà tal-passaporti bijometriċi diplomatiċi u tas-servizz tal-Moldova. Fl-2012, id-Diviżjoni tal-Esperti tad-dokumenti tad-Dipartiment tal-Pulizija tal-Fruntiera, irċeviet, permezz tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u tal-Integrazzjoni Ewropea (iktar 'il quddiem MFAEI) kampjuni tad-dokumenti tal-ivjaġġar tal-Istati Membri tal-UE (62 biċċa).

**(b) Rakkomandazzjonijiet tal-Valutazzjoni tal-Impatt**

- *Jiġu stabbiliti u applikati sanzjonijiet proporzjonati, effettivi u dissważivi għall-persuni akkużati li bieġħu jew sellfu l-passaporti tagħhom*

L-Artikolu 361 tal-Kodiċi Kriminali tar-Repubblika tal-Moldova diġà jipprevedi sanzjonijiet għall-fabbrikazzjoni, il-pussess, il-bejgħ jew l-użu ta' dokumenti uffiċjali foloz. Rigward passaporti mitlufa jew misruqa, l-awtoritajiet tal-Moldova bħalissa qed jeżaminaw il-possibbiltà li jirristringu iktar il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' passaporti lill-persuni li jkunu ammettew tali każijiet.

- *Kondiviżjoni regolari mal-awtoritajiet tal-UE dwar passaporti bijometriċi mitlufa jew misruqa, b'mod partikolari permezz tal-użu tal-baży tad-dejta tal-Interpol dwar Dokumenti tal-Ivjaġġar Mitlufa jew Misruqa*

Ara l-punt tal-parametri ta' referenza "Rappurtar fil-pront u sistematiku lill-baży tad-dejta tal-Interpol/LASP dwar passaporti mitlufa jew misruqa", paġna 5 ta' dan ir-rapport.

- *Tiżiħ tal-qafas legali u istituzzjonali rigward "ir-Reġistru Ċivili" sabiex jiġi evitat l-abbuż tat-tibdil fl-ismijiet jew fl-identità għall-finijiet ta' kisba ta' passaport ġdid. Għandhom jiġu stabbiliti u applikati regoli ċari rigward it-tibdil tal-ismijiet; il-qafas legali u istituzzjonali għandu jissaħħaħ u jinkludi kontroll effettiv kif ukoll miżuri ta' traċċibbiltà*

Kwalunkwe ċittadin jista' japplika sabiex jibdel ismu jew kunjomu. Id-deċiżjoni tittieħed mill-uffiċċju tal-Istatus Ċivili Ċentrali. Il-liġi ma tinkludi ebda limitu fuq in-numru ta' drabi li l-isem u l-kunjom jistgħu jinbidlu. In-numru ta' identifikazzjoni personali uniku (minn hawn 'il quddiem IDNP) fiċ-ċertifikat tat-twelid ma jista' jinbidel qatt u fil-każ ta' tibdil fl-isem jew il-kunjom, id-dokumenti tal-ivjaġġar u tal-identità preċedenti jiġu invalidati. Il-kontrolli fuq il-fruntieri fil-punti tal-ħruġ, isiru abbaży tal-IDNP, filwaqt li l-Pulizija tal-Fruntiera għandhom l-aċċess għall-RSP li jinkludi l-ismijiet/kunjomijiet preċedenti taċ-ċittadini tal-Moldova. Is-sistema stabbilita tnaqqas b'mod sinifikanti l-abbuż tat-tibdil tal-ismijiet.

## **Valutazzjoni Ġenerali tal-Element 1**

L-organizzazzjoni u l-proċessi stabbiliti jiżguraw livell tajjeb ta' integrità u sigurtà ta' dokumenti. Ir-reġistrazzjoni ta' status ċivili u l-proċessi ta' ħruġ ta' dokument tjiebu b'mod sinifikanti mill-2010. Is-sistemi ta' applikazzjoni u ħruġ stabbiliti huma siguri, maħsuba sew u jipprovdu servizz tajjeb liċ-ċittadini. Qed jiġu distribwiti passaporti bijometriċi li jikkonformaw mal-ICAO u l-passaporti l-qodma qed jiġu eliminati gradwalment. Ir-Repubblika tal-Moldova qed tintalab ukoll tipprovdi informazzjoni ulterjuri dwar in-numru għoli ta' passaporti mitlufa.

Il-Kummissjoni tqis li **r-Repubblika tal-Moldova ġeneralment tissodisfa l-parametri referenzjarji tat-tieni fażi stabbiliti taħt l-Element 1.**

Azzjoni ulterjuri hija meħtieġa dwar:

- L-introduzzjoni tal-użu ta' ktejjeb b'ċippa integrata, li timplimenta kemm il-Kontroll Estiż tal-Aċċess (KES) kif ukoll il-Kontroll Supplimentari tal-Aċċess (KSA).
- L-awtomazzjoni ta' kemm jista' jkun possibbli proċessi, l-eliminazzjoni tan-numru ta' proċeduri manwali li għadhom fis-seħħ bħalissa u l-ħolqien ta' ħolqa elettronika tar-*'Reġistru'* mal-Ministeru tal-Intern.

## **ELEMENT 2: IMMIGRAZZJONI IRREGOLARI, INKLUŻA R-RIAMMISSJONI**

### **Element 2 / suġġett 1 – L-immaniġġjar tal-fruntieri**

#### **(a) Parametri referenzjarji tal-VLAP**

- **Implimentazzjoni effettiva ta' leġislazzjoni ta' kontroll tal-fruntieri permezz ta' verifiki tal-fruntieri, u sorveljanza tal-fruntieri, proċeduri u effettività operazzjonali, stampa tas-sitwazzjoni fil-livell nazzjonali u lokali, inkluża l-implimentazzjoni tal-analiżi tar-riskju, l-immaniġġjar tal-intelliġenza u l-fluss tad-dejta kif ukoll l-aċċess dirett u l-konsultazzjoni ta' bażijiet tad-dejta rilevanti nazzjonali u internazzjonali**

Fl-1 ta' Lulju 2012, daħlet fis-seħħ liġi dwar il-Pulizija tal-fruntiera li tgħid li s-Servizz ta' Gwardja tal-Fruntieri ġie ristrutturat f'Dipartiment tal-Pulizija tal-Fruntiera tal-Ministeru tal-Intern (iktar 'il quddiem MoI) tar-Repubblika tal-Moldova.

Il-Pulizija tal-Fruntiera għandhom il-kompetenzi u s-setgħat eżekuttivi fil-qasam ta' mmaniġġjar integrat tal-fruntieri, kif ukoll fil-prevenzjoni u l-mitigazzjoni ta' kriminalità transfruntiera. Il-Liġi dwar il-Fruntiera tal-Istat issegwi d-definizzjonijiet u l-qafas tal-Kodiċi ta' Schengen dwar il-Fruntieri<sup>12</sup> u tikkunsidra wkoll il-qafas legali tal-Unjoni Ewropea għar-responsabbiltà tat-trasportaturi, speċjalment id-Direttiva dwar l-obbligi tat-trasportaturi li jikkomunikaw dejta dwar il-passiġġieri (Direttiva 2004/82/KE). Il-Pulizija tal-Fruntiera qed iwettqu l-attivitajiet tagħhom skont regoli u regolamenti simili bħall-gwardji tal-fruntieri tal-istati ta' Schengen tal-UE. Fiż-żona kkontrollata mill-Moldova, ġew stabbiliti 56 punt ta' qsim tal-fruntieri (iktar 'il quddiem BCPs) u t-traffiku fuq il-fruntieri tar-Repubblika tal-Moldova jvarja bejn 13 u 15-il miljun passiġġier kull sena. Il-verifiki fuq il-fruntieri huma b'mod ġenerali mwettqa b'konformità mal-aħjar Prattiki tal-Katalogu ta' Schengen tal-UE.

<sup>12</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għall-oħra tal-fruntiera

Is-sistemi ta' rappurtar u analiżi tar-riskju jinsabu f'livell tajjeb ħafna, anke meta mqabbel mas-sistemi tal-pajjiżi ta' Schengen. Is-sistemi tal-analiżi tar-riskju ssegwi l-mudell komuni integrat tal-analiżi tar-riskju (CIRAM) tal-FRONTEx u l-profilu huma maħsuba sew u huma ta' kwalità għolja. Bħala parti min-Netwerk tal-Analiżi tar-Riskju tal-Fruntieri tal-Lvant tal-FRONTEx (EB-RAN), il-Pulizija tal-Fruntiera jiskambjaw informazzjoni mal-FRONTEx kull xahar. Barra minn hekk, bl-ghajjnuna tal-Missjoni ta' Assistenza tal-Fruntieri tal-UE għar-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna (iktar 'il quddiem EUBAM), il-Pulizija tal-Fruntiera u d-Dwani, u l-kontrapartijiet Ukranjani tagħhom qed ifasslu abbozz ta' Rapport ta' Valutazzjoni dwar is-Sigurtà Komuni tal-Fruntieri.

Is-sorveljanza tal-fruntieri hija ppjanata u mwettqa skont sistema tal-analiżi tar-riskju. In-numru ta' rondi huwa f'livell raġonevolment tajjeb. L-immaniġġjar integrat tal-fruntieri (iktar 'il quddiem IBM) jinkludi pjanijiet għall-bini ta' sistema ta' sorveljanza komprensiva fissa fuq il-fruntieri. Billi tiġi introdotta sistema ta' sorveljanza fissa ma-sistemi portabbli (awtomatiċi) ta' kumplimentazzjoni, il-Pulizija tal-Fruntiera jistgħu jimplementaw is-sistema tas-sorveljanza tal-fruntieri b'livell adegwat. Il-Pulizija tal-Fruntieri għandhom numru adegwat ta' klieb tas-servizz (total ta' 123, li 74 minnhom kienu klieb tal-intraċċar). B'mod ġenerali, it-tagħmir għall-ewwel kontrolli tal-fruntieri jissodisfa l-istandards Ewropej. L-għadd ta' twissijiet fil-bażijiet tad-dejta kien iktar minn 5 700 fl-2012 (5 687 twissija nazzjonali; 56 twissijiet tal-Interpol) u l-għadd totali żdied b'iktar minn erba' darbiet meta mqabbel mal-2011. L-uffiċjali tal-ewwel linja għandhom aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni Integrata tal-Pulizija tal-Fruntiera (iktar 'il quddiem BPIIS), qafas legali, twissijiet barranin, profili tar-riskju u internet (e.ż. PRADO). Il-BCPs kollha għandhom konnessjonijiet onlajn mal-bażijiet ta' dejta ċentrali. Minħabba n-nuqqas ta' tagħmir suffiċjenti, il-livell tal-verifiki tat-tieni linja mhuwiex f'livell adegwat fil-BCPs kollha.

- **Il-provvediment ta' infrastruttura adegwata, tagħmir tekniku, sistemi tal-IT, riżorsi finanzjarji u umani b'konformità mal-Istrateġija IBM u l-Pjan ta' Azzjoni li għandhom jiġu adottati u l-implimentazzjoni effettiva ta' programm ta' taħriġ u l-miżuri kontra l-korruzzjoni**

Il-Pulizija tal-Fruntiera qed jaġġornaw is-sistema ta' sorveljanza tal-fruntieri u se jstabilixxu Ċentru Nazzjonali ta' Koordinazzjoni (iktar 'il quddiem NCC). L-iżvilupp tal-istampa tas-sitwazzjoni huwa parti mill-pjan tat-tielet fażi li għaddej bħalissa bl-isem "Żvilupp ta' sistema ta' komunikazzjoni fissa u mobbli fuq il-fruntiera tal-istat". Dawn il-fażijiet jinkludu l-akkwist ta' tagħmir u l-bini ta' sistema ta' telekomunikazzjoni fissa u mobbli għall-pajjiż kollu. L-istabiliment tal-NCC se jtejjeb is-sensibilizzazzjoni sitwazzjonali, u se jippermetti wkoll kooperazzjoni mas-sistema Ewropea ta' sorveljanza tal-fruntieri esterni<sup>13</sup> (iktar 'il quddiem EUROSUR). Il-Pulizija tal-Fruntiera għandhom għadd suffiċjenti ta' tagħmir għas-sorveljanza tal-fruntieri (e.ż. kameras ta' viżjoni termini u nuċċalijiet għall-vista bil-lejl, iżda bħalissa għandhom nuqqas ta' sistemi fissi ta' sorveljanza).

In-numru ppjanat ta' persunal tal-Pulizija tal-Fruntiera huwa ta' 3 543, li minnhom bħalissa, 83% (2 945) huma rekrutati. Ir-raġuni għan-nuqqas ta' persunal hija li ma għadhomx jiġu impjegati suldati tal-lieva għall-kontrolli tal-fruntieri u l-postijiet vakanti kollha għandhom jimtlew sal-aħħar tal-2013. Il-Kulleġġ nazzjonali tal-Pulizija tal-Fruntiera jorganizza programm ta' taħriġ ta' sentejn għall-uffiċjali mhux kummissjonali u korsijiet ta' sitt xhur ta' taħriġ bażiku għall-impjegati ġodda. Il-programm ta' sentejn għall-uffiċjali mhux kommissjonati japplika għall-proċess ta' Kopenhagen, u kien imfassal bl-ghajjnuna tal-EUBAM u skont il-Kurrikulu Komuni Ewlieni tal-UE (iktar 'il quddiem CCC) għat-taħriġ tal-wardji tal-fruntieri. B'mod ġenerali, il-programmi ta' taħriġ jagħtu bażi soda għall-

<sup>13</sup> SEC(2011) 145 finali



preparazzjoni ta' persunal professjonali għall-finijiet tal-immaniġġjar tal-fruntieri. Il-Pulizija tal-Fruntiera diġà implimentaw il-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet u l-aħjar Prattiki għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni<sup>14</sup> tal-Katalogu ta' Schengen tal-UE dwar il-Kontroll tal-fruntieri esterni<sup>15</sup>. Il-Kodiċi Deontologiku tal-Pulizija tal-Fruntiera ġie approvat fit-13 ta' Ġunju 2008 u s-salarji tal-Pulizija tal-Fruntiera huma f'livell kompetittiv. Jitwettqu kontrolli mhux avżati u l-persunal tal-Pulizija tal-Fruntiera għandhom jippubblikaw l-interessi personali u d-dħul tagħhom meta jidħlu fis-servizz u kull sena wara dak inhar. Hija stabbilita sistema ta' rotazzjoni regolari.

- **Titjib tal-kooperazzjoni interaġenzija (inkluż l-iskambju tad-dejta bejn is-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi) il-kooperazzjoni internazzjonali, inkluża l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien u l-implimentazzjoni ta' arranġament ta' ħidma mal-FRONTEX għal livell għoli ta' effettività.**

Il-kooperazzjoni interaġenzija fl-immaniġġjar tal-fruntieri laħqet livell sodisfaċenti. Il-Pulizija tal-Fruntiera għandhom kooperazzjoni intensiva ħa'fna mal-Pulizija, id-dwani, u l-uffiċċju tal-Migrazzjoni u l-Ażil (iktar 'il quddiem BMA). Il-kooperazzjoni bejn il-Pulizija tal-Fruntiera u l-uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali (iktar 'il quddiem GPO) żdiedet strutturalment wara li l-Pulizija tal-Fruntiera rċeviet kompetenzi ġodda għal investigazzjonijiet kriminali. Il-forom ewlenin tal-kooperazzjoni interaġenzija huma l-iskambju tal-informazzjoni, timijiet konġunti tal-investigazzjoni, azzjonijiet konġunti u taħriġ konġunt. Fil-BCPs kollha, il-Pulizija tal-Fruntiera u tad-Dwana implimentaw kontrolli f'punt wieħed. Huma qed jużaw sistema komuni ta' reġistrazzjoni ta' vetturi tal-merkanzija u jistgħu jużaw it-tagħmir ta' xulxin, pereżempju sabiex jiċċekjaw il-vetturi.

Il-Pulizija tal-Fruntiera stabbilixxiet sett komprensiv ta' ftehimiet u protokoll ta' kooperazzjoni mar-Rumanija u l-Ukrajna. Fl-2012, il-Pulizija tal-Fruntiera kompliet il-kooperazzjoni mal-EUBAM, biex tiżgura implimentazzjoni effiċjenti tal-attivitajiet tad-9 Pjan ta' Azzjoni tal-Fażi Annwali<sup>16</sup>. Mill-2006, il-Pulizija tal-Fruntiera għandha uffiċjal ta' kuntatt fiċ-ċentru konġunti ta' Galati għall-kooperazzjoni transfruntiera. Il-ftehimiet ta' kooperazzjoni jeżistu ma' xi Stati Membri tal-UE (il-Latvja, il-Litwanja, l-Estonja, l-Ungerija u l-Polonja). Il-Kooperazzjoni ma' pajjiżi oħra tal-Istati Indipendenti tal-Commonwealth (iktar 'il quddiem CIS) isseħħ permezz tal-Kunsill Kmandant tas-Servizzi tal-Gwardja tal-Fruntieri tas-CIS. Fl-aħħar nett, hemm protokoll ta' kooperazzjoni bejn il-gwardji tal-fruntieri tal-istati tal-GUAM<sup>17</sup>. Il-Pulizija tal-Fruntiera ffirmat arranġament ta' ħidma mal-Frontex f'Awgust 2008 u pparteċipat f'diversi attivitajiet ikkoordinati tal-FRONTEX. F'Diċembru 2012, ġie stabbilit il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tal-FRONTEX (NFPOC) fid-Dipartiment tal-Pulizija tal-Fruntiera, u ġie assenjat b'kompetenzi fil-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Pjan ta' Kooperazzjoni tal-FRONTEX.

#### **(b) Rakkomandazzjonijiet tal-Valutazzjoni tal-Impatt**

- *Ikompli t-tiżiħ tal-kontrolli tal-fruntieri, inkluż l-analiżi tar-riskju u l-miżuri ta' sorveljanza, kif ukoll il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fuq il-fruntieri, u t-tkomplija tat-tiżiħ tal-kooperazzjoni mal-EUBAM fl-oqasma kollha tal-immaniġġjar tal-fruntieri;*

<sup>14</sup> Fl-2012, kien hemm 87 każ investigat ta' korruzzjoni, 92 każ ta' investigazzjoni ġew konklużi, ġew applikati 102 sanzjonijiet dixxiplinarji, li minnhom 34 każ irriżultaw fi tkeċċija. Matul l-2010-2012, inbdew erba' każijiet kriminali għal reati ta' korruzzjoni serji.

<sup>15</sup> Il-Katalogu ta' Schengen tal-UE dwar il-kontroll tal-Fruntieri esterni, ir-Ritorn u r-riammissjoni, ir-rakkomandazzjonijiet u l-aħjar parattiki, dokument tal-Kunsill 7864/09.

<sup>16</sup> [http://www.eubam.org/files/20121206142708402683P9AP\\_ENG\\_Second\\_Year.pdf](http://www.eubam.org/files/20121206142708402683P9AP_ENG_Second_Year.pdf)

<sup>17</sup> L-Organizzazzjoni għad-Demokrazija u l-Iżvilupp Ekonomiku tal-Ġeorġja, l-Ukrajna, l-Azerbajġan u r-Repubblika tal-Moldova (GUAM).

Ara l-parametri referenzjarji tal-VLAP fil-paġni 7 u 8 ta' dan ir-rapport.

- *Tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-viċinat. Jissaħħu l-kooperazzjoni bilaterali u internazzjonali u l-iskambju tal-informazzjoni dwar dejta statistika u analitika u dejta/intelliġenza tattika/operattiva, permezz ta' miżuri bħall-inizjazzjoni/parteċipazzjoni f'operazzjonijiet transfruntiera konġunti, timijiet ta' investigazzjoni konġunti, u timijiet ta' intelliġenza konġunti, sabiex ikun iffaċilitat l-iskambju ta' uffiċjali ta' kuntatt u sabiex jiġi offrut taħriġ għal twettiq ta' kontrolli konġunti fuq il-fruntieri u fid-dwana*

Ara l-Parametri referenzjarji tal-VLAP fil-paġni 8, 9 u 10 ta' dan ir-rapport.

- *Jitjiebu t-taħriġ u l-bini tal-kapaċità fir-rigward ta' dwana internazzjonali u kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u l-iskambju tal-informazzjoni.*

Ara l-Parametri referenzjarji tal-VLAP fil-paġni 8, 9 u 10 ta' dan ir-rapport.

- *Jiġu kkoordinati l-attivitajiet ta' kontroll fuq il-fruntieri komuni. Kondivizzjoni ta' intelliġenza u tisħiħ ta' valutazzjoni komuni ta' sitwazzjoni fil-livell operattiv.*

Ara l-Parametri referenzjarji tal-VLAP fil-paġni 8, 9 u 10 ta' dan ir-rapport.

- *Tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien, b'mod partikolari l-Ukrajna*

Ir-Repubblika tal-Moldova u l-awtoritajiet tal-Ukrajna fl-2007 bdew proġett pilota dwar il-Punt tal-Qsim tal-Fruntiera Rososhany-Briceni operat b'mod konġunt (iktar 'il quddiem JOBCP). Il-proġett pilota dawr il-JOBCP kien ippjanat u mibdi bl-għajnuna u l-appoġġ tal-EUBAM u tal-Kummissjoni Ewropea. Iż-żewġ kontrapartijiet għaddew ir-responsabbiltà tal-verifiki fil-punti tal-ħruġ lil xulxin. Il-prinċipji ta' "tieqa waħda", "punt fejn tinqeda minn kolloxx", "minn id għall-oħra", "taħt saqaf wieħed" u "spalla ma' spalla" ġew introdotti b'suċċess fil-proġett pilota JOBCP.

- *Jitkompli s-sostenn għall-kooperazzjoni mal-EUBAM u l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet EUBAM dwar it-titjib u l-intensifikazzjoni tal-użu ta' unitajiet mobbli*

Il-parti tal-fruntiera ta' Transnistria mar-Repubblika tal-Moldova-Ukrajna ma taqax taħt il-Kontroll tal-Pulizija tal-Fruntiera u tad-dwana tar-Repubblika tal-Moldova. Din il-parti tinkludi 25 punt ta' qsim uffiċjali lejn l-Ukrajna u l-verifiki tal-fruntiera rikonoxxuti internazzjonalment isiru biss mill-Gwardja tal-Fruntiera tal-Ukrajna. Matul il-linja amministrattiva interna bejn ir-reġjun ta' Transnistria u r-Repubblika tal-Moldova, hemm stabbiltà 14-il Punt Intern għall-Kontroll tad-Dwana (ICCP) fejn jiġu vverifikati oġġetti mid-Dwana tar-repubblika tal-Moldova.

Fi Frar 2013, l-awtoritajiet tal-Moldova bdew jimplimentaw strateġija ġdida sabiex jevitaw immigrazzjoni irregolari u kriminalità transfruntiera, u sabiex ikun iffaċilitat il-fluss tal-passiġġieri li jgħaddu mir-reġjun ta' Transnistria. L-istrateġija tinkludi miżuri bħal: reġistrazzjoni ta' ċittadini barranin li jidħlu fir-Repubblika tal-Moldova u li joħorġu minnha fil-linja amministrattiva kollha; it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-ICCPs mill-BMA (f'6 mill-ICCPs se jkun hemm ufficēju 24/7 ta' reġistrazzjoni għall-barranin); regoli għall-abbozzar għall-ICCPs (protezzjoni tad-dejta, skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet u diviżjoni ta' kompiti); kampanji ta' informazzjoni dwar regoli ġodda ta' reġistrazzjoni għall-barranin; l-istabbiliment ta' unitajiet mobbli<sup>18</sup> fil-pajjiż kollu u r-rinfurzar tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Ukrajna u l-EUBAM. Skont din l-istrateġija, iċ-ċittadini barranin li jidħlu fit-territorju tar-Repubblika tal-Moldova u li joħorġu minnu billi jgħaddu mir-reġjun ta'

<sup>18</sup> F'April 2013, id-Dipartiment tal-Pulizija tal-Fruntiera rċieva t-tagħmir neċessarju kollu u 30 karozza għar-rondi sabiex l-unitajiet mobbli jsiru funzjonali.

Transnistria, inklużi dawk li jgħixu hemmhekk, jistgħu jirreġistraw ruħhom b'mod volontarju fl-ICCPs, BCPs jew uffiċċji definiti fi Chisinau, Balti jew Comrat. Dan il-mekkaniżmu mhux se jaffettwa l-moviment tal-barranin fuq il-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tar-Repubblika tal-Moldova. Sabiex tiġi indirizzata l-immigrazzjoni irregolari u l-kriminalità transfruntiera, unità mobbli magħmula minn 70 uffiċċjal, se twettaq analiżi tar-riskju bbażata fuq kontrolli interni fil-pajjiż kollu. Dawn ir-rondi se jsiru b'mod aktar frekwenti bħala rondi konġunti magħmula mid-Dwana, il-Pulizija, il-Pulizija tal-Fruntiera u l-BMA. L-implimentazzjoni ta' din il-politika, inkluż il-qafas legali għandha l-intenzjoni li titwettaq fl-ewwel nofs tal-2013. Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Moldova għandha l-intenzjoni li testendi l-prattika ta' kontroll konġunti u r-rondi mal-gwardji tal-fruntiera tal-Ukrajna tal-parti ċentrali (ta' Transnistria) tal-fruntiera komuni. Din il-prattika nbdiel fl-2012 fuq il-parti tat-tramuntana tal-fruntiera, fil-punt tal-qsim tal-fruntiera ta' Rososhany-Briceni sorveljata b'mod konġunt, u li dalwaqt se tiġi estiża għall-punt tal-qsim tal-fruntiera fi Palanca / Mayaki fuq in-naħa tan-nofsinar tal-fruntiera.

### **Valutazzjoni tal-Element 2 / suġġett 1 – L-immaniġġjar tal-fruntiera**

Il-Pulizija tal-Fruntiera tar-Repubblika tal-Moldova hija organizzata skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Katalogu ta' Schengen tal-UE, il-verifiki tal-fruntieri u s-sorveljanza jitwettqu skont l-istandards tal-UE u s-sistema tal-analiżi tar-riskju hija organizzata skont l-aħjar Prattiki ta' Schengen. Ċertament għad hemm bżonn ta' titjib tekniku.

Azzjoni ulterjuri hija meħtieġa għal:

- L-introduzzjoni ta' sistemi ta' sorveljanza tekniċi fissi fuq il-fruntiera fuq l-art. L-implimentazzjoni tal-aħjar Prattika tal-UE għall-istabbiliment tal-NCC u l-RCCs.
- L-intensifikazzjoni ta' kontrolli ta' vetturi għall-identifikazzjoni ta' persuni moħbija u titjib tal-analiżi tar-riskju u tal-profilu tat-Traffikar tal-Bnedmin (THB). Titjib tat-taħriġ u d-disponibbiltà tal-uffiċċjali tal-ewwel linja u tat-tieni linja għall-identifikazzjoni ta' dokumenti ffalsifikati. Akkwist kontinwu ta' tagħmir għall-verifiki tat-tieni linja u għall-kontrolli tal-vetturi. Monitoraġġ u reġistrazzjoni ta' verifiki fuq il-fruntiera f'kull punt. Intensifikazzjoni tal-prevenzjoni kontra l-korruzzjoni fid-dwana u implimentazzjoni tal-aħjar Prattiki.
- Implimentazzjoni ulterjuri tal-kunċett ta' unità mobbli għar-reġjun ta' Transnistria kompost minn awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi mħarrġa biex jindirizzaw l-immigrazzjoni irregolari u l-kriminalità transfruntiera. Għandhom jiġu żgurati skambju awtomatiku ta' informazzjoni u dejta personali dak il-ħin stess bejn l-awtoritajiet kollha tal-infurzar tal-liġi.

### **Element 2 / suġġett 2 – Ġestjoni tal-migrazzjoni**

#### **(a) Parametri referenzjarji tal-VLAP**

- **L-implimentazzjoni effettiva kontinwa tal-ftehim ta' riammissjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova u l-miżuri għar-riintegrazzjoni taċ-ċittadini tal-Moldova (ritorn volontarju jew riammessi)**

L-Uffiċċju tal-Migrazzjoni u l-Ażil (BMA) tad-Dipartiment tal-MoI huwa l-awtorità kompetenti għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' riammissjoni tar-Repubblika tal-Moldova. Huma stabbiliti l-ftehimiet ta' riammissjoni li ġejjin tar-Repubblika tal-Moldova u stati oħra: UE (iffirmat fi Brussell fl-10 ta' Ottubru 2007), in-Norveġja (09 ta' Awwissu 2006), il-Konfederazzjoni Żvizzeri (01 ta' Ġunju 2004, 19 ta' Mejju 2010), u t-Turkija

(01 ta' Novembru 2012). Negożjati kontinwi mal-Albanija, l-Ażerbajġan, il-Federazzjoni Russa, u l-Libanu. Matul l-aħħar laqgħa bejn ir-Repubblika tal-Moldova u l-Kumitat Konġunt tal-UE dwar ir-Riammissjoni<sup>19</sup> ġie spjegat li f'termini ta' applikazzjonijiet ta' riammissjoni li jikkonċernaw ċittadini Moldovani mill-pajjiżi tal-UE, iċ-ċifri naqsu minn 242 fl-2011, għal 142 fl-2012 u għal 57 għall-ewwel ħames (5) xhur tal-2013. Fl-2012, l-ogħla numru ta' applikazzjonijiet ġie minn Franza (54), il-Ġermanja (34) u l-Awstrija (26).

Il-Ministeru tax-Xogħol, il-Protezzjoni Soċjali u l-Familja stabbilixxa miżuri sostenibbli għar-riintegrazzjoni taċ-ċittadini Moldovani permezz tal-uffiċċji tal-Aġenziji Nazzjonali tal-Impjeg. Jiġu organizzati fieri regolari tas-suq tax-xogħol, ġiet stabbilita hotline, informazzjoni disponibbli (faxxikli, pannelli tal-informazzjoni, brochures) dwar postijiet vakanti fis-suq tax-xogħol u l-benefiċċji soċjali għal dawk li ma jaħdmux huma esebiti b'mod viżibbli fil-fergħat lokali kollha. Il-programm PARE 1+1 ikompli jappoġġa l-investimenti lokali ta' ċittadini Moldovani ritornati flimkien ma' kontribuzzjoni addizzjonali mill-gvern.

- **Implimentazzjoni effettiva ta' qafas legali għall-immaniġġjar tal-migrazzjoni, inkluż il-provvediment ta' strutturi amministrattivi b'riżorsi umani adegwati u b'kompetenzi rilevanti għall-aspetti kollha tal-immaniġġjar tal-migrazzjoni, kif ukoll il-kooperazzjoni effettiva bejn aġenziji rilevanti**

L-immaniġġjar tal-migrazzjoni fir-Repubblika tal-Moldova huwa inkluż fil-Liġi Nru 200/16.07.2010 dwar ir-reġim tal-barranin fir-Repubblika tal-Moldova. Il-liġijiet nazzjonali iktar antiki (jiġifieri l-Liġi Numru 275/1994, Liġi Nru 180/2008) għadhom japplikaw għall-barranin li jibqgħu b'mod legali u għadhom ma ġewx revokati u ġew integrati fil-Liġi Ġdida. Għadhom pendenti proċeduri komprensivi għall-kjarifikazzjoni tal-limiti taż-żmien u ebda sanzjoni ta' kontravvenzjoni fil-mekkaniżmu ta' ritorn volontarju, kif ukoll salvagwardji għall-familji u t-tfal<sup>20</sup>.

L-Uffiċċju għall-Migrazzjoni u l-Ażil (BMA) fil-MoI huwa l-awtorità responsabbli ewlenija għall-immaniġġjar tal-immigrazzjoni fir-Repubblika tal-Moldova. Il-Kummissjoni għall-Koordinazzjoni ta' ċerti attivitajiet relatati ma' kwistjonijiet ta' migrazzjoni (stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Gvern 133/23.02.2010) tipprevedi l-implimentazzjoni tal-politiki u l-istrateġiji statali kollha fil-qasam tal-migrazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġlieda tal-immigrazzjoni irregolari, kif ukoll il-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti kollha fil-qasam tal-immaniġġjar tal-migrazzjoni. Fil-kuntest tar-ristrutturar intern tal-MoI, il-BMA ġie mgħammar b'riżorsi umani adegwati (22 persunal) għall-koordinazzjoni ta' diversi kompiti mwettqa fl-Istrateġija tal-Migrazzjoni. Id-Dipartiment tal-Immigrazzjoni fil-BMA għandu kompetenzi addizzjonali, bħar-reġistrazzjoni/kanċellazzjoni tar-residenza jew id-domiċilju ta' barranin, ir-reġistrazzjoni ta' residenza temporanja ta' barranin fir-Repubblika tal-Moldova sa 90 ġurnata<sup>21</sup>, kif ukoll il-koordinazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal terminu twil ta' żmien u l-ġlieda kontra persuni barranin li joqogħdu b'mod irregolari. It-taħriġ kontinwu lill-persunal tal-BMA jiġi pprovdut fil-kuntest ta' proġetti differenti tal-UE, bl-appoġġ tal-IOM, ICMPD and UNHCR. Workshops estensivi dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża u żjajjar ta' studju f'diversi Stati Membri tal-UE, jiġu organizzati fil-kuntest tal-Proġett ReVis.

Matul l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Konġunt dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viża bejn ir-Repubblika tal-Moldova u l-UE<sup>22</sup>, ġie konkluż li r-rata tar-rifjut tal-viża għaċ-ċittadini tal-Moldova naqset

<sup>19</sup> L-iktar Kumitat Konġunt riċenti dwar ir-Riammissjoni ltaqa' fit-12 ta' Ġunju 2013.

<sup>20</sup> B'konformità mal-istandards minimi d-Direttiva 2008/115/KE dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

<sup>21</sup> B'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 96/71/KE dwar l-impjeg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi.

<sup>22</sup> L-iktar Kumitat Konġunt riċenti dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viża ltaqa' fit-12 ta' Ġunju 2013.

b'mod sinifikanti minn 11.43% fl-2010 għal 6.53% fl-2012. L-istatistiki għall-2010 u l-2012 juru li r-rata tar-rifjut tal-viża uniformi ta' Schengen naqset fl-ambaxxati u l-konsulati tal-UE f'Chisinau. Għar-Repubblika Ċeka – tnaqqis minn 22.72% għal 9.55%; il-Litwanja – minn 15.86% għal 2.9%; Franza – minn 14.11% għal 9.9%; il-Polonja – minn 11.64 % għal 6.42%; l-Italja – minn 15.23% għal 8.0%; l-Ungerija (ċentru komuni għall-Applikazzjoni tal-Viża) – minn 7.75% għal 5.9%; il-Ġermanja - minn 5.33% fl-2010 għal 2.4% fl-2012. Ir-rata medja ppiżata tar-rifjut tal-viża fl-2010 kienet 11.43%%, fl-2012 kienet 4.8%. Il-perċentwal ta' viżi ta' Schengen bi dħul multilpu maħruġa fir-Repubblika tal-Moldova wkoll żdied b'mod kontinwu (25.2% fl-2010 u 26.7% fl-2012).

- **Profil tal-migrazzjoni stabbilit u aġġornat regolarment u analiżi effettiva ta' dejta dwar stokks u flussi tal-migrazzjoni**

Skont statistika uffiċjali (Punti ta' Qsim tal-Fruntieri) fl-1 ta' Jannar 2013 – kien hemm 899 500 ċittadin tal-Moldova barra mill-pajjiż, li minnhom 274 500 baqgħu msifrin għal inqas minn 3 xhur, 289 500 għal iktar minn 3 xhur, 100 700 sa sena (1), 55 600 sa 3 snin u 179 100 għal iktar minn 3 snin. Il-Profil ta' Migrazzjoni Estiża (EMP) ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 634/24.08.2012 dwar l-approvazzjoni tal-lista ta' indikaturi u mudell EMP. L-ewwel EMP ġie ppubblikat f'April 2013. L-EMP se jservi bħala strument għall-iżvilupp ta' politiki ta' migrazzjoni iktar effiċjenti u koerenti fir-Repubblika tal-Moldova, li jkun kumplimentari għall-Istrateġija Nazzjonali tal-Migrazzjoni u l-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni tagħha. Ġiet maħluqa unità speċjalizzata responsabbli għall-produzzjoni u l-aġġornament tal-Profil ta' Migrazzjoni Estiża fil-BMA (Unità dwar l-iżvilupp tal-informazzjoni, l-immaniġġjar tad-dejta u l-analiżi tar-riskju – 5 persuni).

- **Implimentazzjoni konsistenti ta' metodoloġija effettiva dwar l-identifikazzjoni fuq l-art ta' migrazzjoni irregolari, l-analiżi tar-riskju (inkluż ir-rappurtar ta' aġenziji rilevanti u l-analiżi ta' kull livell amministrattiv e.ż. lokali, ċentrali) u l-investigazzjoni ta' każijiet ta' migrazzjoni irregolari ffaċilitata organizzata, inkluża l-kooperazzjoni effettiva bejn l-aġenziji rilevanti**

L-identifikazzjoni ta' persuni barranin li jibqgħu b'mod irregolari ssir permezz ta' verifiki u kontrolli speċifiċi tal-BMA. L-evidenza tiġi vverifikata mas-Sistema tal-BMA ta' Informazzjoni Awtomata Integrata dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil (SIIAMA), rekords tal-Pulizija tal-Fruntiera, ir-Reġistru tal-Popolazzjoni tal-Istat (AĊĊESS), BNC INTERPOL, Evidenza kkomputerizzata ta' persuni mħarrkin – “SEARCH”. Il-BMA jagħmel rejds fil-pajjiż kollu b'kooperazzjoni mal-Ispazzjoni tax-Xogħol, l-Ispettorat Statali dwar it-Taxxa, u ċ-Ċentru Nazzjonali għas-Saħħa Pubblika. Bħala riżultat, 107 persuni barranin fl-2011 u 123 persuna barranija fl-2012 ġew akkużati bi ksur tar-regoli sabiex jibqgħu fil-pajjiż u ta' xogħol mhux iddikjarat. Ġie pprovdut 34 persunal sabiex tiġi żgurata kopertura reġjonali tal-pajjiż u t-twaqqif ta' tliet servizzi reġjonali tal-BMA li jiġġieldu l-fatt li persuni barranin jibqgħu fil-pajjiż. Il-BMA riċentiment stabbilixxa Unità għall-Iżvilupp tal-Infomazzjoni, l-Immaniġġjar tad-Dejta u l-Analiżi tar-Riskju (persunal ta' 5) u l-Pulizija tal-Fruntiera wkoll stabbilixxiet Unità speċjalizzata għall-Analiżi tar-Riskju dwar il-migrazzjoni irregolari. Id-disseminazzjoni u l-użu ta' din id-dejta fil-BCPs kollha ssir permezz ta' bażi tad-dejta onlajn disponibbli fil-BCPs kollha. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni komprensiva tal-Liġi dwar il-persuni barranin u atti regolatorji, il-BMA jikkoopera mad-dipartimenti speċjalizzati tal-MoI li ġejjin: id-dipartiment tal-Pulizija, id-dipartiment Penitenzjarju, is-Servizz tal-Infomazzjoni u tas-Sigurtà, id-Dipartiment tal-Pulizija tal-Fruntiera, id-dipartiment tat-Truppi Carabineer. Fl-20 ta' Diċembru 2012 ġie ffirmat ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-BMA u d-dipartiment tal-Pulizija tal-Fruntiera sabiex tiġi evitata u miġġielda l-migrazzjoni irregolari ta' persuni barranin fuq il-fruntiera u fit-territorju tar-Repubblika tal-Moldova.

Qed jiġi implimentat Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni ta' miżuri li jiżguraw il-kontroll tal-flussi tal-migrazzjoni li jgħaddu mir-reġjun ta' Transnistria. Huwa maħsub li jkollu reġistrazzjoni aħjar ta' barranin fil-Punti ta' Kontrolli Interni tad-Dwana u kontroll tal-flussi migratorji mill-MoI fuq il-linja amministrattiva. Il-BMA stabbilixxa unità responsabbli għall-immaniġġjar tal-attività tal-Punti ta' Kontroll Interni għall-evidenza u r-reġistrazzjoni ta' persuni. L-obbligu ta' reġistrazzjoni se japplika għall-barranin kollha, mingħajr ma tiġi imposta verifika tal-vjaġġaturi kollha li jaqsmu r-reġjun ta' Transnistria. Minbarra l-proċedura proposta fil-Punti ta' Kontroll Interni, il-barranin jistgħu jirreġistraw (i) fi kwalunkwe uffiċċju territorjali tal-evidenza u d-dokumentazzjoni tal-popolazzjoni tal-Ministeru tat-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni u l-Kommunikazzjoni, (ii) Servizzi Reġjonali kwalunkwe subdiviżjoni territorjali tal-BMA (f'Chisinau, Balti u Cahul) kif ukoll (iii) f'subdiviżjonijiet tad-Dipartiment tal-Pulizija tal-Fruntiera, sa massimu ta' 72 siegħa wara l-qsim tal-fruntiera.

- **Provediment ta' infrastruttura adegwata (inklużi ċ-ċentri ta' detenzjoni) u t-tisħiħ ta' korpi responsabbli sabiex tiġi żgurata l-espulsjoni effettiva ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu b'mod irregoli jew li jkunu fi tranżitu mit-territorju tar-Repubblika tal-Moldova**

L-infurzar tal-miżura ta' tkeċċija titwettaq mill-BMA billi l-persuni barranin jiġu eskortati lejn il-fruntiera tal-istat jew tal-pajjiż tal-orijini. Il-barranin jitpoġġew taħt kustodja pubblika f'Ċentru ta' Kollokament Temporanju għall-Barranin, subdiviżjoni tal-BMA, fejn l-aċċess għal assistenza ġuridika, soċjali, kulturali u d-drittijiet tal-bniedem previsti fil-liġi huma ggarantiti. Fil-kuntest tar-ristrutturar intern tal-BMA/MoI, iċ-ċentru ġie allokat riżorsi umani addizzjonali, u issa għandu 5 servizzi u persunal ta' 40 persuna. Bejn l-2009 u l-2013, 360 persuna barranija tpoġġew taħt kustodja pubblika li minnhom: 71 persuna fl-2009, 80 persuna fl-2010, 103 persuni fl-2011, 97 persuna fl-2012 u (s'issa) 9 persuni fl-2013. Minn 115-il każ ta' identifikazzjoni mibdija mill-BMA, ġew identifikati 85 persuna barranija li tpoġġew taħt kustodja pubblika mingħajr dokumenti ta' identifikazzjoni.

#### **(b) Rakkomandazzjonijiet tal-Valutazzjoni tal-Impatt**

- *Jiġu organizzati kampanji ta' informazzjoni kontinwi u mmirati bil-għan li jiġu kkjarifikati d-drittijiet u l-obbligi tal-ivvjaġġar mingħajr viża, inkluża informazzjoni dwar ir-regoli li jirregolaw l-aċċess għas-suq tax-xogħol tal-UE (inkluż permezz tal-Portal tal-UE dwar l-Immigrazzjoni) u r-responsabbiltà għal kwalunkwe abbuż ta' drittijiet taħt ir-reġim mingħajr viża*

Ġew organizzati laqgħat estiżi tat-task force dwar il-Viża mal-Konsulenti ta' Livell Għoli tal-UE, is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi. Jiġu organizzati sessjonijiet pubbliċi ta' informazzjoni fuq bażi regolari, bħala parti mis-sessjonijiet ta' integrazzjoni tal-UE, imwettqa mill-MFAIE f'ambjenti differenti tal-midja/ soċjali u tal-università. Dawn is-sessjonijiet pubbliċi għandhom l-għan li jikkjarifikaw id-drittijiet u l-obbligi ta' vjaġġar mingħajr Viża, inkluża informazzjoni dwar regoli li jirregolaw l-aċċess għas-suq tax-xogħol tal-UE u r-responsabbiltà għal kwalunkwe abbuż ta' drittijiet taħt ir-reġim mingħajr viża. F'Balti jinsab ċentru ta' informazzjoni attiv ħafna, fil-bini tal-Università Nazzjonali. Barra minn hekk, jitwettqu ħafna attivitajiet dwar il-komunikazzjoni u l-informazzjoni fi proġetti differenti tas-Sħubija UE-Repubblika tal-Moldova (eż. Legali fl-UE, Nexus, eċċ.). Rigward il-Kundizzjonijiet eżatti tal-ivvjaġġar fl-UE, il-politika tal-viża tal-UE, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-Faċilitazzjoni tal-Viża tal-UE-Repubblika tal-Moldova, huma kollha ppreżentati u aġġornati b'mod permanenti fuq il-websajt tal-MFAEI (il-parti tal-informazzjoni konsulari), kif ukoll fiċ-Ċentru ta' Appell tal-MFAEI, hotline b'xejn.

## **Valutazzjoni tal-Element 2 / suġġett 2 – Il-ġestjoni tal-migrazzjoni**

Il-proċeduri operattivi għall-applikazzjoni ta' Liġi dwar il-persuni barranin huma funzjonali u l-BMA sar l-attur ta' koordinazzjoni fl-immaniġġjar ta' flussi ta' migrazzjoni. Ġie stabbilit il-Profil ta' Migrazzjoni Estiża flimkien ma' Rapport dwar Valutazzjoni tad-Dejta. Qed tiġi osservata l-implimentazzjoni effettiva tal-ftehimiet ta' riammissjoni u tal-faċilitazzjoni tal-viża tal-UE-Repubblika tal-Moldova. Teżisti wkoll infrastruttura adegwata inklużi ċentri ta' detenzjoni.

Azzjoni ulterjuri hija meħtieġa dwar:

- Il-kontinwazzjoni tal-applikazzjoni tal-Liġi Nru.200/2010 dwar ir-reġim tal-barranin u r-revokazzjoni ta' liġijiet nazzjonali antiki.
- It-tisħiħ ta' riżorsi umani għall-kopertura reġjonali tal-BMA fil-qasam tal-immigrazzjoni u l-ġlieda kontra persuni barranin li jibqgħu b'mod irregolari. Il-provvediment ta' rappurtar u mekkaniżmu ta' analiżi dwar kull livell amministrattiv billi tissaħħa l-Unità tal-Analiżi tar-Riskju.
- It-tkomplija tal-ftuħ ta' unitajiet għar-reġistrazzjoni tal-BMA fil-linja ta' Transnistria. Kooperazzjoni ma' awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi oħra u l-iżgurar tal-iskambju awtomatiku tad-dejta.

## **Element 2 / suġġett 3 – Il-politika tal-ażil**

### **(a) Parametri referenzjarji tal-VLAP**

- **Implimentazzjoni effettiva ta' leġislazzjoni tal-ażil, inklużi l-provvediment ta' infrastruttura adegwata u t-tisħiħ ta' korpi responsabbli (persunal, finanzjament), b'mod partikolari fil-qasam tal-proċeduri tal-ażil, l-akkoljenza ta' dawk li qed ifittxu ażil u l-protezzjoni tad-drittijiet tagħhom, kif ukoll l-integrazzjoni ta' rifuġjati; l-iżgurar li benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom aċċess għal dokumenti tal-ivjaġġar previsti fil-leġislazzjoni**

Il-liġi tar-Repubblika tal-Moldova fil-qasam tal-protezzjoni tar-rifuġjati b'mod ġenerali hija konformi mal-istandards internazzjonali u Ewropej. Il-liġi dwar l-ażil tipprevedi l-qafas istituzzjonali neċessarju u proċeduri u prinċipji ġuridiċi. Il-liġi hija implimentata b'mod sodisfaċenti. Il-kwalità tal-Proċedura għad-Determinazzjoni ta' Status ta' Refuġjat hija tajba u qed titjieb. L-aċċess għall-proċedura huwa ggarantit mil-liġi u implimentat fil-prattika. Il-UNHCR għandha aċċess sħiħ għall-persuni ta' tħassib u għandha relazzjonijiet ta' ħidma tajbin mal-awtoritajiet tal-ażil u l-pulizija tal-fruntiera. Il-prinċipju ta' non-refoulement huwa fil-prinċipju rispettata. Huwa mifhum li l-RSD huwa ta' kwalità tajba u qed ikompli jitjieb. Fl-2012, l-istatus ta' rifuġjat ingħata lil 19-il persuna u nġhatat għajnuna umanitarja lil 45 persuna. B'kollox ittieħdu 119-il deċiżjoni, li jfisser li iktar min-nofs l-applikazzjonijiet irriżultaw fl-ġhoti ta' forma ta' protezzjoni. Pajjiżi oħra fl-ogħla 5 applikazzjonijiet li rriżultaw fl-ġhoti ta' forma ta' protezzjoni huma: l-Armenja, l-Afganistan, il-Kirgistan u r-Russja. Dawn in-numri jistgħu jkunu indikazzjoni li d-deċiżjonijiet huma bbażati fuq informazzjoni oġġettiva u aġġornata tal-pajjiż tal-orġini (COI) u li l-protezzjoni tingħata lil dawk il-persuni li jinħtieġu protezzjoni internazzjonali. Madankollu, is-sistema tal-COI jeħtieġ li tiġi infurzata u għandu jiġi reklutat iktar persunal. Fl-ewwel istanza<sup>23</sup> fit-teħid ta'

<sup>23</sup> Fl-2012, iż-żmien medju għall-ipproċessar ta' deċiżjonijiet fl-ewwel istanza kien ta' mija u sebat ijiem (107), li huwa żmien tajjeb ħafna fit-terminu ta' skadenza ta' 6 xhur. Meta hija inkluża t-tieni istanza,

deċiżjonijiet, hemm rata estremament baxxa ta' turnover fl-appell: fl-2012, id-deċiżjonijiet kollha nżammu fi proċedura ġudizzjarja.

Fid-Dipartiment tal-Ażil u l-Integrazzjoni, 5 persuni qed jaħdmu fl-Unità tal-Protezzjoni Internazzjonali u l-Proċedura tal-Ażil. Bħalissa dan huwa meqjus bħala suffiċjenti, peress li n-numru ta' applikazzjoni għall-ażil għadu relattivament baxx (177 fl-2012, 72 fl-2011), li jiggarrantixxi żmien biżżejjed sabiex isiru intervisti u jittieħdu deċiżjonijiet kwalitattivi. Hemm kamra waħda għall-intervisti fil-bini tal-AID u hija mgħammra tajjeb u toffri biżżejjed privatezza lill-applikant tal-ażil. Huwa rrapportat li attenzjoni speċjali tingħata lill-iktar persuni vulnerabbli bħall-minorenni, vittmi ta' tortura, persuni trawmatizzati, vittmi ta' vjolenza u tortura, persuni trawmatizzati u persuni b' diżordni psikoloġika. Huma ġeneralment jiġu assistiti mill-NGO "Memoria". Ġiet stabbilita unità ġdida fl-istruttura tal-BMA: l-unità għall-persuni mingħajr stat u għall-informazzjoni, b'persunal li jikkonsisti f'4 persuni. Din l-unità tittratta applikazzjonijiet mingħajr stat<sup>24</sup>, iżda wkoll ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jfittxu ażil. Ġew żviluppati kwestjonarju, mudell ta' intervista u ktieb ta' gwida li jiggarrantixxu li jiġu pprattikati d-dispożizzjonijiet ġuridiċi. Minn Frar 2012, waslu 160 talba u 16-il persuna ngħataw status ta' persuni mingħajr stat.

Il-"Liġi dwar l-integrazzjoni ta' persuni barranin fir-Repubblika tal-Moldova" daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2012. Ġew żviluppati l-metodoloġiji għat-twettiq ta' sessjonijiet ta' akkomodazzjoni soċjokulturali u tal-korsijiet fil-lingwa tal-istat. Ir-Regolament dwar il-proċedura u l-kundizzjonijiet għall-kiri ta' akkomodazzjoni għall-benefiċjarji barranin ta' programm ta' integrazzjoni u l-barranin li jkunu kisbu forma ta' u r-Regolament taċ-Ċentru tal-Akkomodazzjoni ġew approvati. Il-liġi tiggarrantixxi aċċess sħiħ għas-suq tax-xogħol għall-benefiċjarji ta' forma ta' protezzjoni u għall-applikanti għal ażil, assistenza għall-qgħad u miżuri għall-prevenzjoni tal-qgħad. Ġew osservati diversi proġetti pilota li kellhom suċċess. Fiż-żmien meta saret din l-evalwazzjoni, kien għadu mhux possibbli għar-rifuġjati li jiksbu dokumenti tal-ivjaġġar li jippermettulhom jivvjaġġaw barra mit-territorju tar-Repubblika tal-Moldova. Minħabba kwistjonijiet dwar l-għoti tal-offerta għall-ħruġ ta' karti tal-identità u passaporti bijometriċi dawn id-dokumenti jkunu disponibbli sa Settembru 2013. Ir-Regolament taċ-Ċentru tal-Akkomodazzjoni għal Dawk li qed ifittxu Ażil ġie approvat mill-Gvern fit-28 ta' Diċembru 2012. Iċ-Ċentru ilu jeżisti minn Settembru 2010 u l-manutenzjoni u l-persunal tiegħu jitħallsu mill-baġit tal-Istat. Fil-15 ta' Frar 2013, 18-il persuna li qed ifittxu ażil, żewġ (2) benefiċjarji tal-protezzjoni Umanitarja u wieħed (1) li għandu Status ta' rifuġjat kienu qed jgħixu fiċ-ċentru ta' akkoljenza. Il-ħaddiema soċjali, l-avukati u l-UNHCR għandhom aċċess għaċ-ċentru l-ħin kollu. Il-kundizzjonijiet u l-kwalità taċ-Ċentru huma ġeneralment tajbin, minkejja m-nuqqas ta' persunal u fondi insuffiċjenti.

### **Valutazzjoni tal-Element 2 / suġġett 3 – Il-politika tal-ażil**

Il-Liġi dwar l-Ażil hija implimentata b'mod adegwat u l-Kwalità tal-Proċedura għad-Determinazzjoni ta' Status ta' Rifuġjat hija tajba u qed titjeb. Ir-Repubblika tal-Moldova żviluppat proċedura eżemplari għad-determinazzjoni ta' mingħajr stat. Sar progress konsiderevoli fil-qasam tal-integrazzjoni.

Azzjoni ulterjuri hija meħtieġa dwar:

- L-inklużjoni ta' punti li fihom tinqeda minn kollox bħala wieħed mill-awtoritajiet kompetenti li jirċievu applikazzjonijiet għall-ażil fl-Artikolu 52 tal-Liġi dwar l-Ażil.

dan iż-żmien ta' pproċessar huwa konsiderevolment itwal - 401 jum. Bħalissa hemm pendenti 82 każ (85 persuna) li qed jistennew deċiżjoni fl-ewwel istanza jew fl-istanza tal-appell.

<sup>24</sup>

Mill-bidu tal-proċedura tieħdu 17-il deċiżjoni. Fl-1 ta' Jannar 2013 kien hemm 1998 persuna mingħajr stat fit-territorju tar-Repubblika tal-Moldova (rikonnoxxuti/ bi dritt ta' residenza permanenti).



- Il-provvediment ta' taħriġ kontinwu fl-ażil lill-pulizija u lill-pulizija tal-fruntiera. Jiġi żgurat l-għarfien espert neċessarju f'każijiet ta' ažiż fil-qrati, pereżempju permezz tal-ħolqien ta' qrati speċjalizzati jew imħallfin speċjalizzati.
- L-iżvilupp ulterjuri ta' metodoloġija għall-immaniġġjar tal-COI u jiġi żgurat aċċess għal Laqgħat ta' informazzjoni aġġornati tas-COI dwar is-suġġett.
- Iż-żieda tal-fondi għall-miżuri ta' integrazzjoni sponsorjati mill-Istat u l-iżvilupp ta' kodiċi tal-etika għall-persunal fiċ-ċentru(i) ta' akkoljenza.

## Valutazzjoni ġenerali tal-Element 2

Il-Kummissjoni tqis li **r-Repubblika tal-Moldova fil-biċċa l-kbira tissodisfa l-parametri referenzjarji tat-tieni fażi stabbiliti taħt l-Element 2**. Xi rakkomandazzjonijiet għad iridu jiġu implimentati iktar, kif deskritt hawn fuq.

## ELEMENT 3: ORDNI PUBBLIKU U SIGURTA

### Element 3 / suġġett 1 – Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, it-terroriżmu u l-korruzzjoni organizzati

#### (a) Parametri referenzjarji tal-VLAP

- **Implimentazzjoni tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità inkluża l-koordinazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet rilevanti, kif ukoll it-twettiq ta' investigazzjoni effettiva, il-prosekuzzjoni u l-konfiski ta' rikavat mill-kriminalità;**

Sabiex tiġi implimentata l-Istrateġija Nazzjonali dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kriminalità organizzata, mill-2011 twettqu diversi attivitajiet ta' implimentazzjoni. Fl-4 ta' Mejju 2012 twaqqaf il-Kunsill Nazzjonali għall-koordinazzjoni ta' attivitajiet li jevitaw u li jiġġieldu kriminalità organizzata. Il-Kunsill huwa korp kolleġjali interdipartimentali mwaqqaf biex jiżgura kooperazzjoni effiċjenti bejn l-awtoritajiet tal-amministrazzjoni ċentrali pubblika u koordinazzjoni tal-attività tagħhom fil-prevenzjoni u l-ġlieda tal-kriminalità organizzata. Fit-8 ta' Ġunju 2012, ġie approvat il-Pjan direzzjonali dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-missjonijiet ta' evalwazzjoni tal-UE minn Ottubru sa Novembru 2011 rigward il-miżuri investigattivi speċjali u għall-ġlieda tal-kriminalità organizzata. Il-Kunsill Nazzjonali ta' Koordinazzjoni tal-attivitajiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda ta' kriminalità ġie mwaqqaf mill-GPO. Matul l-2012, 70 reat twettqu minn 49 grupp kriminali b'229 membru attiv (li minnhom 6 gruppi kriminali għandhom attività fil-livell internazzjonali). Fil-prattika ġie osservat titjib tar-rappurtar tas-soċjetà ċivili dwar atti illeċiti, żamma ta' rekords iktar stretta u dixxiplina riġida sabiex jiġi evitat li jinħbew reati u offiżi oħra.

B'mod parallel għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni, fil-5 ta' Marzu 2013, daħlet fis-seħħ riforma ewlenija tal-Ministeru tal-Intern (MoI). Il-prinċipji u l-għanijiet ewlenin tar-riforma huma: id-depolitiċizzazzjoni tal-attivitajiet tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi; id-demilitarizzazzjoni tad-dipartiment tal-Carabinieri Troops; iktar preżenza ta' aġenziji tal-infurzar tal-liġi (LEAs) fil-pajjiż kollu, permezz ta' mobilizzazzjoni aħjar tal-unitajiet tal-pulizija; armonizzazzjoni u koordinazzjoni aħjar ta' dipartimenti differenti tal-pulizija sabiex jiġu evitati sovrappożizzjonar u dupplikazzjoni ta' funzjonijiet; reazzjoni iktar effiċjenti għal reati kbar u serji billi jiġu speċjalizzati attivitajiet ta' investigazzjoni kriminali u

servizzi paralleli ta' prosekuzzjoni. Permezz tar-riforma tal-Ministeru tal-Intern, ġew introdotti żewġ kunċetti ġodda u jinsabu fil-proċess ta' implimentazzjoni: speċjalizzazzjoni tal-unitajiet tal-pulizija li għandhom il-kompitu ta' fajls ta' reati serji u ta' kriminalità organizzata u approċċ ta' pulizija mmexxija mill-intelliġenza. Twaqqfet l-Unità tal-Pulizija għall-Analiżi li għandha ħames analisti tal-intelliġenza li jużaw I2 u l-ġodda analitika tal-IT Letizia. Ir-riforma ġiet rikonoxxuta universalment bħala mezz eċċellenti kif it-tfassil tal-politika jiġi separat mill-implimentazzjoni tal-politika. Il-kompetenzi l-ġodda tal-Ministru li jikkonċernaw attivitajiet tal-pulizija ma għadhomx jinkludu l-funzjoni ta' qabel tagħhom ta' investigazzjoni kriminali, b'konformità mal-aħjar standards tal-UE u internazzjonali. L-ewwel riżultat pożittiv tar-riforma hija l-ħatra tal-Kap tal-Pulizija mill-Gvern wara li ġie propost mill-Ministeru tal-Intern. Skont ir-riforma tal-MoI, il-Carabinieri ġew riorganizzati, dimilitarizzati u pożizzjonati fl-istruttura tal-Ispettorat Ġenerali tal-Pulizija.

Saru wkoll attivitajiet sabiex jissaħħu l-laboratorji forensiċi. Permezz tal-Ordni Nru 399 mid-29 ta' Novembru 2012 twaqqaf grupp ta' ħidma interdipartimentali sabiex jiżviluppa qafas leġislattiv u regulatorju neċessarju sabiex tinħoloq u tiġi mmaniġġjata bażi tad-dejta tad-DNA u laboratorju tad-DNA. F'Ġunju 2013, esperti mill-Awstrija se jassistu lill-MoI fl-abbozz ta' liġi dwar id-DNA. Se jiġu allokati EUR 2 miljun għat-tagħmir u t-taħriġ ta' persunal fl-oqsma tekniċi u forensiċi.

Ġew adottati l-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti kollha, u b'mod ġenerali, il-qafas leġislattiv kurrenti u s-sistema istituzzjonali tal-infurzar tal-liġi jistgħu jiġu kkunsidrati bħala li jikkonformaw mal-acquis tal-UE u l-aħjar standards tal-UE, u l-implimentazzjoni tagħhom tinsab fi stadju avanzat. Madankollu, il-leġislazzjoni dwar il-konfiska għadha turi xi nuqqasijiet fir-rigward tal-istandards internazzjonali u l-acquis tal-UE. Tali nuqqasijiet huma prinċipalment relatati mal-iffriżar tas-setgħat u l-konfiska ta' partijiet terzi.

Ir-Repubblika tal-Moldova għandha ssaħħaħ ir-regoli kurrenti tar-reġistrazzjoni tal-kumpaniji u d-dispożizzjonijiet tar-responsabbiltà korporattiva kriminali sabiex jiġi limitat l-użu ta' kumpaniji "qoxra" għall-ħasil ta' rikavat minn kriminalità u sabiex jinħbew assi kriminali. Abbażi tal-istatistika dwar konfiska, l-ammonti konfiskati huma baxxi meta mqabbla man-numru ta' kundanni. L-awtoritajiet Moldovani għandhom jagħmlu iktar użu mis-setgħat ta' konfiska tagħhom. Ir-Repubblika tal-Moldova għandha tistabbilixxi uffiċċju ċentralizzat għall-irkupru tal-assi sabiex jissaħħu l-identifikazzjoni u l-intraċċar tar-rikavat minn kriminalità li jirriżulta kemm minn attività kriminali domestika kif ukoll minn attività kriminali transfruntiera u jiskambja informazzjoni b'mod effiċjenti mal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi fl-Istati Membri.

### **Valutazzjoni tal-Element 3 / suġġett 1a – Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu**

L-implimentazzjoni tar-riforma tal-MoI ġiet pjanata u mibdija b'mod xieraq. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi responsabbli mill-ġlieda kontra reati serji u organizzata huma kkoordinati tajjeb, jilhqqu l-livell tal-istandards Ewropej u jipproduċu riżultati. Hemm bżonn ta' aġġustamenti ulterjuri u investiment f'mezzi tekniċi sabiex ir-riforma tkun sostenibbli u sfruttata b'mod sħiħ.

#### Azzjoni ulterjuri hija meħtieġa għal:

- L-iżvilupp ulterjuri ta' mudell strateġiku ta' analiżi ta' intelliġenza għall-Pulizija b'konformità mal-Pulizija mmexxija mill-Intelliġenza. Jiżiedu l-isforzi sabiex titjeb il-kordinazzjoni tal-obbligi li jsiru rondi tad-dipartimenti kollha taħt l-ispettorat Nazżjonali tar-Rondi. Jitneħħa r-rwol tekniċu intermedjarju tas-Servizz tas-Sigurtà u Intelliġenza fl-interċezzjoni ta' komunikazzjonijiet peress li għall-finijiet ta' investigazzjoni kriminali tali

attivitajiet għandhom jiġu implimentati esklużivament mill-awtoritajiet għall-infurzar tal-liġi.

- It-tisħiħ tal-qafas legali dwar il-konfiska, jiġi stabbilit uffiċċju għall-irkupru tal-assi, tissaħħaħ it-trasparenza tal-entitajiet ġuridiċi u sistematikament jużaw is-setgħat ta' konfiska.

- **L-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni dwar il-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin u l-Pjan Nazzjonali rispettiv, inkluża l-koordinazzjoni effettiva bejn aġenziji tal-istat u l-protezzjoni effettiva ta' vittmi ta' traffikar, b'mod partikolari tfal;**

Ir-Repubblika tal-Moldova għamlet passi sinifikanti 'l quddiem fil-qasam kontra t-traffikar fl-aħħar sentejn (2) f'termini tal-immodernizzar tal-qafas legali u istituzzjonali. Huwa evidenti li l-politiki kontra t-traffikar huma prijoritizzati fl-aġenda politika. Il-Pjan ta' azzjoni Nazzjonali 2010-2011 u l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali 2012-2013 (fir-rigward tal-azzjonijiet ipplanati għall-2012) kienu 75 % implimentati b'mod sħiħ u 11 % implimentati b'mod parzjali. Ħafna attivitajiet tal-pjan ġew implimentati anke minħabba l-appoġġ pprovdut mill-IOs u l-NGOs f'għadd ta' programmi internazzjonali. Is-sitt (6) Pjan ta' Azzjoni THB ġdid se jiġi żviluppat fit-tieni nofs tal-2013. Skont l-istatistika<sup>25</sup> fl-2012, fuq il-fruntiera ġew identifikati 18-il każ ta' THB b'35 persuna, filwaqt li n-numru fl-2010 kien 10 (15-il persuna) u 13 (29 persuna fl-2011). Aktar minn nofs il-każijiet ġew identifikati fl-ajruport ta' Chisinau. Il-vittmi, tipikament bniet żgħar kienu se jiġu ttraffikati lejn l-Emirati Għarab Magħquda, it-Turkija, Ċipru ta' Fuq u s-Sawdi Għarabja, iżda rari ħafna lejn pajjiżi tal-Ewropa.

Il-liġijiet u r-regolamenti huma b'konformità mal-istandards internazzjonali u Ewropej f'dan il-qasam – il-Protokoll ta' Palermo – Il-Konvenzjoni TOC tan-Nazzjonijiet Uniti, 2000, u l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar it-THB, Varsavja 2005, kollha ġew irratifikati u qed jiġu implimentati. L-istruttura tas-sistemi nazzjonali kontra t-traffikar hija mibnija fuq kooperazzjoni ta' multiagenziji fost l-iktar istituzzjonijiet rilevanti, inkluża s-soċjetà ċivili. Hija ffukata wkoll fuq approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem li huwa maħsub biex jagħti prijorità lill-bżonnijiet tal-vittmi. Saru sforzi addizzjonali fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja internazzjonali, inklużi n-negozjati ta' ftehimiet bilaterali ma' xi pajjiżi ta' destinazzjoni ta' persuni traffikati. Fil-kuntest tar-riforma tal-MoI, iċ-Ċentru għall-Mitigazzjoni tat-Traffikar ta' Persuni (CCTP) ġie integrat għalkollox fl-ispettorat Ġenerali tal-Pulizija u ġiet maħtura persuna ċivili bħala Direttur tas-CCTP, b'esperjenza estiża fil-qasam kontra t-traffikar.

F'termini ta' implimentazzjoni attwali tal-politiki kontra t-traffikar, minkejja sforzi konsiderevoli, l-allokazzjoni tal-baġit (riżorsi finanzjarji u umani) tidher li għadha insuffiċjenti mill-perspettiva ta' sjieda komprensiva tal-gvern u sostenibbiltà tal-azzjoni fuq terminu ta' żmien twil. Il-gvern qed iżid l-isforzi tiegħu b'mod kontinwu f'dan ir-rigward. Bħalissa l-istat ma jistax jiffinanzja NGOs (minħabba l-qafas legali li bħalissa huwa fis-seħħ), fattur li b'xi mod itellef il-kooperazzjoni sħiħa mas-soċjetà ċivili. Madankollu, riċentiment ġie adottat l-abbozz ta' liġi dwar il-finanzjament pubbliku ta' fornituri ta' servizzi soċjali privati. Fir-rigward tal-ġbir ta' dejta, għadha qed titħejja bażi ta' dejta nazzjonali dwar l-istatistika dwar it-THB. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għandhom il-bażijiet tad-dejta tagħhom dwar investigazzjonijiet u proċeduri kriminali u l-Ministeru tax-Xogħol u l-Protezzjoni Soċjali

<sup>25</sup> Ċifri annwali dwar it-THB: reati reġistrati (140 fl-2010; 111 fl-2011; 151 fl-2012) u vittmi assistiti mis-CAP (355 fl-2010; 339 fl-2011; 424 fl-2012). Vittmi identifikati skont il-MoI: 131 fl-2011; 266 fl-2012. Kundanni: 7 fl-2011; 13 fl-2012. Vittmi tat-traffikar tat-tfal assistiti: 9.6% fl-2010, 14% fl-2011, 13% fl-2012.

għandu l-bażi tad-dejta tiegħu dwar persuni assistiti. Riċentement, ġie mniedi proġett pilota għall-armonizzazzjoni tal-ġbir ta' dejta mis-Segretarjat Permanenti tal-Kumitat Nazzjonali għall-ġlieda kontra t-traffikar b'kollaborazzjoni mal-IOM.

Il-Gvern huwa konxju u impenja ruħu fil-prevenzjoni u s-sistema nazzjonali ta' riferiment dwar it-THB tipprevedi wkoll assistenza għal vittmi potenzjali u gruppi vulnerabbli. Madankollu, jidher li l-kwistjoni ta' prevenzjoni sa ċertu punt hija interpretata b'mod limitat ħafna u għandha tinkludi wkoll ħidma dwar l-għeruq tal-kawża tat-THB. F'dan ir-rigward qed isiru sforzi mill-gvern, bl-appoġġ ta' NGOs, sabiex titjeb il-protezzjoni ta' tfal vulnerabbli, u bħalissa qed jiġi kkunsidrat abbozz ta' liġi dwar il-protezzjoni tat-tfal. Ġew stabbiliti kmamar speċjali fejn jiġu intervistati t-tfal u addizzjonalment, fir-reġjuni ġew stabbiliti kmamar speċjali fejn jiġu intervistati l-vittmi u x-xhieda. Ġew abbozzati linji gwida għall-pulizija, għall-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa u l-ħaddiema soċjali sabiex jgħinuhom isolvu każijiet ta' vjolenza domestika. Barra minn hekk, il-Ministeru tal-Finanzi se jagħti fondi għall-kampanji ta' sensibilizzazzjoni fost il-pubbliku għall-2013. Il-kampanji għas-sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-perikli u l-gravità ta' reati mwettqa fuq l-internet jibqgħu għaddejjin sa Awwissu 2013, u wara se jkun hemm ġimgħa ta' kampanji dwar it-THB f'Ottubru tal-2013, skont il-jum tal-UE għat-THB.

Il-gvern jidher li huwa impenjat ħafna biex jindirizza l-korruzzjoni fost il-ħaddiema ċivili tiegħu u l-uffiċjali pubbliċi u l-involviment tagħhom f'każijiet ta' traffikar. Matul l-2012, inbdiet investigazzjoni kriminali kontra 11-il persuna li jaqgħu taħt il-kategorija ta' uffiċjali pubbliċi, li minnhom: intbagħtu l-qorti – 7 persuni; klassifikati –persuna 1; investigazzjoni kriminali għaddejja – 3 persuni.

### **Valutazzjoni tal-Element 3 / suġġett 1b – Prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin**

Inkiseb titjib sostanzjali permezz tal-implimentazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali. L-istruttura ta' sistema nazzjonali kontra t-traffikar hija mibnija fuq kooperazzjoni bejn aktar minn aġenzija waħda, inkluża s-soċjetà ċivili. Għandhom jiġu pprovduti finanzjament addizzjonali u persunal sabiex tiġi ggarantita s-sjieda tal-gvern tal-implimentazzjoni tal-politiki kontra t-THB.

#### Azzjoni ulterjuri hija meħtieġa għal:

- Il-konsolidazzjoni ta' bażi tad-dejta nazzjonali dwar traffikar li timentela b'dejta mill-awtoritajiet kollha tal-infurzar tal-liġi u minn korpi pubbliċi u privati responsabbli mill-assistenza għall-vittmi. Allokazzjoni ta' riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti għall-implimentazzjoni tan-NAP.
- Il-kollegament tas-sistema nazzjonali għall-protezzjoni tal-vittmi u l-vittmi potenzjali tat-traffikar mas-sistema nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal. Jinħoloq fond nazzjonali għall-assistenza, il-protezzjoni u l-kumpens tal-vittmi.
- L-iżvilupp ulterjuri tal-istandards ta' kwalità minimi għall-assistenza u t-trattament ta' vittmi u vittmi potenzjali tat-traffikar u r-rikonossiment tal-istatus ta' ħaddiema soċjali. Implimentazzjoni tal-liġi u regolament dwar l-akkreditazzjoni ta' fornituri ta' servizzi soċjali privati.

- **Implimentazzjoni ta' leġislazzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, li tiżgura l-funzjonament effiċjenti tal-aġenzija indipendenti kontra l-korruzzjoni; l-iżvilupp ta' kodiċi tal-etika u t-taħriġ kontra l-korruzzjoni, speċjalment immirat għall-uffiċjali pubbliċi involuti fl-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura;**

Fil-aħħar erba' snin, ir-Repubblika tal-Moldova għamlet passi serji fil-perkors tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, filwaqt li riċentiment tfaċċaw diversi każijiet ta' livell għoli ta' abbuż minn uffiċjali superjuri. L-avvenimenti riċenti fir-Repubblika tal-Moldova jinnutaw li d-dipendenza politika indiretta ta' istituzzjonijiet kontra l-korruzzjoni joħlqu theddida għal investigazzjonijiet professjonali mhux partiġġjani kontra uffiċjali f'livelli għolja. L-investigazzjonijiet ma għandhomx jintużaw ħażin jew jiġu trasformati f'armi politiċi. Għandhom jiġu stabbiliti garanziji adegwati sabiex jiġi żgurat l-iffunzjonar indipendenti u effiċjenti ta' istituzzjonijiet kontra l-korruzzjoni. Karigi għoljin għandhom isegwu kriterji oġġettivi u trasparenti.

F'Lulju 2011, Ir-Repubblika tal-Moldova adottat l-Istrateġija Nazzjonali kontra l-korruzzjoni 2011-2015 permezz ta' deċiżjoni tal-Parlament – hija dokument kumpless u żviluppat tajjeb bħala programm. Fi Frar 2012, il-Parlament adotta Pjan ta' Azzjoni għall-2012-2013 għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija<sup>26</sup>. Ħafna mill-miżuri damu biex ġew implimentati jew ma ġew implimentati xejn u l-impatt tal-miżuri implimentati għadu jrid jidher. Ma hemm ebda indikazzjoni dwar l-iskadenzi stmati għall-miżuri li għadhom ma ġewx implimentati.

Fil-qasam tal-prevenzjoni tal-korruzzjoni, ir-Repubblika tal-Moldova ħadet passi biex tagħmel is-settur pubbliku iktar trasparenti f'attentat biex iżżid il-fiduċja tal-pubbliku fl-istituzzjonijiet pubbliċi, sabiex il-poplu jitressaq eqreb lejn il-gvern fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u sabiex jiġu llimitati l-vulnerabbiltajiet għall-korruzzjoni. Parti minn dan l-isforz tirtigwarda programm miftuħ ta' dejta fuq skala wiesgħa li permezz tiegħu l-gvern tal-Moldova jagħmel disponibbli għall-pubbliku diversi settijiet ta' dejta ta' informazzjoni pubblika f'format ta' dejta miftuħa, inkluża informazzjoni baġitarja. Fl-2008, ir-Repubblika tal-Moldova introduċiet ukoll l-obbligu tal-inizjatur ta' biċċa leġislazzjoni sabiex tiġi ppostjata onlajn u jkunu possibbli kummenti mill-pubbliku li jiġu sottomessi miċ-ċittadini.

Iċ-Ċentru Nazzjonali kontra l-Korruzzjoni (iktar 'il quddiem NAC) għandu kompetenzi importanti fil-qasam tal-prevenzjoni tal-korruzzjoni u l-istituzzjonijiet tal-Moldova bdew jimplementaw pjanijiet ta' integrità bbażati fuq l-evalwazzjoni ta' riskji ta' korruzzjoni f'kull istituzzjoni<sup>27</sup>. L-NAC jipprovdi wkoll, wara li ssir talba mill-Gvern jew mill-Parlament, għarfien espert kontra l-korruzzjoni tal-abbozz ta' leġislazzjoni.

Fil-qasam tar-ripressjoni tal-korruzzjoni, il-kompetenzi jinqasmu bejn l-NAC u l-uffiċċju speċjalizzat tal-Prosekutur kontra l-Korruzzjoni (iktar 'il quddiem AP). Il-biċċa l-kbira tax-xogħol investigattiv isir mill-impjegati tal-NAC filwaqt li l-prosekutur mill-AP imexxi u jissupervizjoni l-attività, filwaqt li johlroġ diversi awtorizzazzjonijiet jew applikazzjonijiet għal diversi ordnijiet tal-qorti matul l-istadju tal-investigazzjoni. L-NAC kien riorganizzat fl-

<sup>26</sup> Il-fondi neċessarji għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet inklużi fil-pjan għandhom jiġu pprovduti fl-allokkazzjonijiet għall-2012-2013 magħmula mill-awtoritajiet pubbliċi ffinanzjati mill-baġit tal-istat u l-baġits lokali, minbarra l-assistenza esterna li għandha tasal mill-awtoritajiet pubbliċi għall-implimentazzjoni ta' proġetti speċifiċi: Appoġġ għall-Proġett CoE għall-Governanza Tajba u l-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni fis-Sħubija tal-Lvant, Appoġġ għall-Kummissjoni Ewropea fil-proġett "Appoġġ għall-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova fiż-żamma tal-attivitajiet kontra l-korruzzjoni, ir-riforma tal-Ministeru tal-Affarijiet Interni inkluż il-pulizija u l-protezzjoni tad-dejta personali".

<sup>27</sup> Sa issa din is-sistema ma kellhiex l-impatt previst u ma mmodifikatx b'mod sinifikanti l-approċċ għall-integrità fis-settur pubbliku. L-awtoevalwazzjoni ta' riskji ta' korruzzjoni fil-biċċa l-kbira tal-ħin kienet eżerċizzju formali u l-instabbiltà politika kellha impatt fuq il-kapaċità tal-immaniġġjar ta' istituzzjonijiet pubbliċi. Il-pjanijiet ta' integrità li jirriżultaw minn dan il-proċess ma kinux ta' kwalità sodisfaċenti. Riċentiment l-NAC akkwistat il-kompetenza li tkun parti minn u tikkummenta dwar ix-xogħol ta' gruppi ta' ħidma fdati bl-analiżi tar-riskji tal-korruzzjoni – qabel l-NAC kellha rwol ġenerali ta' superviżjoni biss li ma kienx jippermetti involviment sostanzjali fil-proċess.

2012 u nbidel mis-superviżjoni tal-gvern għas-superviżjoni <sup>28</sup> tal-Parlament u reġa' rritorna taħt il-kontroll tal-Gvern f' Mejju 2013.

Verifiki ta' stil ta' ħajja<sup>29</sup> u ttestjar tal-integrità huma previsti fil-liġi tal-NAC u potenzjalment qed jiġu kkunsidrati mill-awtoritajiet tal-Moldova għall-bqija tal-amministrazzjoni pubblika. Id-diskrepanzi jistgħu jgħallu problema u jistgħu jirriżultaw fl-applikazzjoni ta' sanzjonijiet, inklużi tkeċċijiet. Għadu qed jitħejja abbozz ta' proċeduri ddettaljati għall-verifiki ta' stil ta' ħajja. Bħalissa s-Servizz tas-sigurtà u l-Informazzjoni biss jista' teknikament jinterċetta telefonati. L-NAC huwa awtorizzat jisma' l-konverżazzjonijiet interċettati dak il-ħin stess u jittraskrivihom jew jirrekordjahom għall-prosekuturi. L-investigazzjonijiet finanzjarji huma punt debboli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fir-Repubblika tal-Moldova. In-nuqqas ta' speċjalizzazzjoni ddettaljata tal-investigaturi fl-investigazzjonijiet finanzjarji għandu impatt negattiv serju meta wieħed iqis il-kumplessità tal-investigazzjonijiet u fl-aħħar mill-aħħar fuq l-assi rkuprati tal-konvenuti kkundannati.

L-eliminazzjoni tal-immunità tal-imħallfin għal investigazzjonijiet kriminali dwar korruzzjoni (l-artikoli 324 u 326) hija pass li ntlaga' fid-direzzjoni t-tajba. Għandhom jiġu kkunsidrati passi simili fir-rigward tal-kategoriji kollha li baqa' ta' uffiċjali li jgawdu l-immunità.

Fl-2011, ġew adottati 314-il deċiżjoni dwar korruzzjoni, iżda ftit minnhom kienu ta' livell għoli – 213-il kundanna, 18-il każ ġew liberati u 83 każ ġew abbandunati. Fl-2012, ġew adottati 293 deċiżjoni - 197 kundanna, 27 liberati u 69 kawża abbandunata. Fl-2012, fi 17-il każ biss ingħatat sentenza ta' ħabs – il-bqija tal-kundanni rriżultaw f' multi jew żmien ta' prova fil-ħabs jew projbizzjoni li jokkupaw karigi simili fis-settur pubbliku. Din mhix Prattika sodisfaċenti peress li l-qrati mhux qed ikunu stretti ma' dawk li jiksru l-liġi. L-NAC ikkummissjona studju analitiku li jivvaluta bl-għajnuna tal-MIAPAC<sup>30</sup> il-livell tal-għoti ta' sentenzi fil-każijiet tal-korruzzjoni li jkunu waslu għand il-qrati. Huwa rakkomandat ukoll li jiġu organizzati dibattiti fil-ġudikatura tal-Moldova dwar il-prattika tas-sanzjonar (linji gwida dwar l-għoti ta' sentenzi) li tiżgura li sanzjonijiet ta' deterrent jiġu applikati fil-każijiet ta' korruzzjoni.

Il-Kummissjoni dwar l-Integrità Nazzjonali (NIC) hija awtorità pubblika awtonoma indipendenti minn aġenziji oħra tal-gvern, jew entitajiet jew individwi. Il-membri tagħha huma appuntati mill-Parlament għal terminu ta' 5 snin. L-NIC hija responsabbli mid-dikjarazzjonijiet tal-assi, tal-interessi u tal-inkompatibbiltajiet. Il-liġi li tistabbilixxiha daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2012, iżda l-NIC bdiet topera biss fl-1 ta' Marzu 2013. L-NIC għandha 21 kariga li minnhom diġà huma impjegati 12 minnhom. L-NIC tissorvelja lid-dinjitarji, l-prosekuturi, l-imħallfin, il-ħaddiema tas-servizz pubbliku u funzjonijiet maniġerjali oħra u tkopri total ta' madwar 25,000 ħaddiem tas-servizz pubbliku. F'termini ta' software u ta' kapaċitajiet tekniċi, ir-riżorsi tal-NIC huma skarsi. L-NIC ġdida maħtura ma għandhiex rekord fuq il-kontrolli tad-dikjarazzjonijiet tal-assi, dikjarazzjonijiet tal-interessi u inkompatibbiltajiet.

<sup>28</sup> L-indipendenza funzjonali hija żgurata permezz ta' proċedura ta' ħatra ta' direttur tal-NAC sabiex it-terminu tal-uffiċċju ma jikkorrispondix għal dak tal-Gvern, il-Parlament u l-President; ħatra ta' direttur tal-NAC u deputati diretturi bbażata fuq kriterji ta' professjonaliżmu u mingħajr affiljazzjoni politika stabbilita bil-liġi; proċedura ta' ħatra/tkeċċija għandha tinvolvi iktar minn awtorità waħda; kundizzjonijiet stretti ta' tkeċċija qabel it-tmiem tat-terminu tal-uffiċċju definiti b'mod eżawrjenti fil-liġi.

<sup>29</sup> Verifiki tal-istil ta' ħajja jirreferu għall-verifikazzjoni tal-istil ta' ħajja ta' persuna mqabbel mad-dħul li jaqla' legalment.

<sup>30</sup> Proġett "Appoġġ għall-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova fil-qasam kontra l-korruzzjoni, riforma tal-Ministeru tal-Affarijiet inklużi l-pulizija u l-protezzjoni tad-dejta personali".

Riċentiment għaddiet liġi li rduppjat is-salarji tal-impjegati tal-NAC (EUR 500 għal pożizzjoni inizzjali ekwivalenti għas-salarju tal-imħallef tal-Qorti Suprema jew ta' Deputat – Prosekutur Ġenerali), li madankollu tista' tirrikjedi li jiġi pprovdut l-istess trattament għal prosekuturi AC sabiex ma tiġix żbilanċjata s-sistema.

Ir-Repubblika tal-Moldova ġiet ivvalutata mill-GRECO u rċeviet 17-il rakkomandazzjoni, li 9 minnhom fil-qasam tal-finanzjament tal-parti u 8 kienu jikkonċernaw inkriminazzjonijiet. Ir-rapport GRECO jirrikonoxxi li sar ħafna sforz sabiex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet kollha. Sa issa l-leġiżlazzjoni sabiex jiġu indirizzati kienet għadha ma ġietx adottata iżda grupp ta' ħidma mwaqqaf mill-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) (CEC)<sup>31</sup> ipprepara u ddibatta pubblikament l-Abbozz ta' Liġi, li issa suppost li ġie adottat. L-eliminazzjoni tal-immunità tal-imħallfin għal investigazzjonijiet kriminali dwar korruzzjoni (l-Artikoli 324 u 326) hija pass li ntlaja' fid-direzzjoni t-tajba. Għandhom jiġu kkunsidrati passi simili fir-rigward tal-kategoriji l-oħra kollha li jgawdu l-immunità.

### **Valutazzjoni tal-Element 3 / suġġett 1c – Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni**

Ittieħdet azzjoni affermattiva rigward it-tisħiħ tal-NAC u l-AP, u l-bidu tal-attivitajiet tal-Kummissjoni tal-Integrità Nazzjonali. Salvagwardji solidi finanzjament adegwati u miżuri addizzjonali għall-bini tal-kapaċità huma wkoll meħtieġa sabiex tiġi żgurata indipendenza politika sħiħa tal-awtoritajiet kollha kontra l-korruzzjoni.

#### Azzjoni ulterjuri hija meħtieġa għal:

- L-istabbiliment ta' sistema solida għal ħatriet ibbażati biss fuq kriterji professjonali u oġġettivi għal pożizzjonijiet ewlenin f'istituzzjonijiet kontra l-korruzzjoni, fil-prosekuzzjoni u fil-Qorti Suprema li jiggarrantixxu l-attività operattiva mhux partiġġjana u indipendenti. L-amalgamazzjoni tal-AP mal-NAC u r-restrizzjoni tal-attivitajiet tiegħu għal korruzzjoni ta' livell għoli. It-titjib tal-iskema tas-salarji u l-istimolu tan-numru ta' impjegati fl-istituzzjonijiet kollha kontra l-korruzzjoni (NAC, AP, NIC).
- L-iżvilupp ulterjuri tal-leġiżlazzjoni u l-prattika dwar il-kontroll tad-dikjarazzjonijiet tal-assi/ġid mhux iġġustifikati u kunflitti ta' interessi, u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' investigazzjonijiet finanzjarji fl-awtoritajiet għall-infurzar tal-liġi. L-implimentazzjoni ta' bylaws għall-verifiki tal-istil ta' ħajja tal-NAC abbażi tal-aħjar prattiki Ewropej u t-fassil ta' mekkaniżmu ta' kooperazzjoni dwar verifiki konġunti dwar l-istil ta' ħajja mal-NIC. Reviżjoni tal-immunitajiet ta' uffiċjali li baqa' mil-lenti tal-aħjar prattiki internazzjonali. It-taħriġ tal-imħallfin, tal-prosekuturi u tal-persunal għall-infurzar tal-liġi dwar il-prattiki Ewropej ta' interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet.

- **Implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u strateġija għall-prevenzjoni ta' ħasil tal-flus u finanzjament ta' terroriżmu, l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni rilevanti dwar il-konfiska ta' assi ta' kriminali (inklużi d-dispożizzjonijiet li jindirizzaw aspetti transfruntiera);**

Il-qafas legali tar-Repubblika tal-Moldova kontra l-ħasil tal-flus u dwar il-ġlieda kontra l-finanzjament ta' terroriżmu (AML/CFT) huwa komprensiv u komplut. Diversi awtoritajiet amministrattivi huma involuti fir-reġim AML/CFT tal-Moldova bi rwoli u funzjonijiet differenti, u kollha huma esperti fil-kompetenzi tagħhom. Il-livell ta' koordinazzjoni u

<sup>31</sup> Is-CEC hija komposta minn rappreżentanti minn partiti politiċi varji bi tliet funzjonijiet full-time flimkien ma' 20 persunal u joperaw speċjalment matul kampanja elettorali. Is-CEC għandu jkollha r-riżorsi neċessarji sabiex timplimenta sorveljanza sostantiva, proattiva tal-finanzjament ta' kampanji elettorali u tal-partiti politiċi iġenerali.

kooperazzjoni istituzzjonali fost l-awtoritajiet differenti huwa tajjeb, kif jeżiġu l-istandards internazzjonali.

Fl-2012, ir-Repubblika tal-Moldova approvat u implimentat diversi liġijiet (Liġi dwar is-Suq Kapitali, Liġi dwar is-Sistemi ta' Pagament u flus elettroniċi, Liġi dwar Attività Speċjali ta' Investigazzjoni), bylaws (Deċiżjoni rigward regolament dwar miżuri AML/CFT għas-suq finanzjarju mhux bankarju) u struzzjonijiet u rakkomandazzjonijiet sabiex jiġu indirizzati xi wħud mid-defiċenzi li ġew identifikati fit-Tielet (3) Rapport ta' Evalwazzjoni Reċiproka tal-Kumitat MONEYVAL tal-Kunsill tal-Ewropa. Ftit defiċenzi minuri fil-kriminalizzazzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu jeħtieġ li jiġu indirizzati u f'dan ir-rigward, l-awtoritajiet tal-Moldova ppreparaw tibdiliet leġiżlattivi li għaddejjin bħalissa. Madankollu, ir-regolament kurrenti tar-reati jikkonforma mal-konvenzjonijiet FATF, tal-UE u dawk internazzjonali. Għall-2011, minn 151 każ miftuħ mill-FIU, akkużi ngħataw f'erba' (4) każijiet u kundanni ngħataw fi tnejn (2).

L-istituzzjonijiet kollha ġew inklużi bħala membri attivi tal-Istrateġija Nazzjonali 2013-2017 dwar l-AML/CFT li waslet biex tiġi approvata mill-Parlament tal-Moldova. Ġew assenjati kompiti, obbligi u skadenzi fil-Pjan ta' Azzjoni lil kull waħda minn dawn l-istituzzjonijiet, taħt l-Uffiċċju għall-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-ħasil tal-Flus<sup>32</sup> (OPFML), il-koordinazzjoni u s-superviżjoni ta' Kummissjoni speċjali tal-Parlament tal-Moldova. Is-superviżjoni u l-gwida tal-entitajiet finanzjarji tar-reġim AML/CFT tal-Moldova li jitwettqu mill-NBM, NCFM u l-OPFML jidhru li huma xierqa u konsistenti mal-istandards internazzjonali. Hemm livell tajjeb ta' konformità mill-entitajiet finanzjarji permezz tal-miżuri preventivi skont l-istandards tal-FATF u tal-UE: Diliġenza Dovuta tal-Konsumatur; miżuri ta' identifikazzjoni msaħħa, relazzjonijiet ta' negozju għaddejjin, persuni esposti politikament, sidien benefiċjarji, trasferimenti, żamma ta' rekords, taħriġ, proċeduri u politiki interni, unitajiet ta' konformità; Rapportijiet dwar Tranżazzjonijiet Suspettużi (STRs).

Ir-rapport ta' Diċembru 2012 tal-Kumitat MONEYVAL tal-Kunsill tal-Ewropa jirrikonoxxi l-progress kontinwu li r-Repubblika tal-Moldova qed tagħmel fl-oqsma tad-diliġenza tal-konsumatur u r-rappurtar. Abbażi ta' dan ir-rapport, minn Diċembru 2012, ir-Repubblika tal-Moldova tpoġġiet taħt reġim simplifikat ta' monitoraġġ.

### **Valutazzjoni tal-Element 3 / suġġett 1d – Prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu**

Il-qafas legali tal-AML/CFT huwa komprensiv u implimentat kif xieraq. Il-livell ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni istituzzjonali fost l-awtoritajiet rilevanti huwa adegwat u jilħaq l-istandards Ewropej u internazzjonali.

#### Azzjoni ulterjuri hija meħtieġa sabiex:

- Jissaħħaħ iktar ir-reġim ta' sanzjonar għall-AML/CFT, jiżdedu l-penali u jitjeb ir-reġim ta' konfiska, iffriżar u sekwestru għall-fondi AML/CFT. Jiġu implimentati miżuri ta' superviżjoni għal Professjonijiet u Negozji Mhux Finanzjarji Identifikati. L-operazzjonijiet ta' flus fuq il-fruntieri jinġiebu konformi mal-leġiżlazzjoni kurrenti tal-UE u mal-istandards FATF.
- Titkompla l-implimentazzjoni sistematika u fil-ħin tal-Istrateġija Nazzjonali 2013-2017 dwar l-AML/CFT u l-Pjan ta' Azzjoni Rakkomandat imfassal minn Moneyval.

<sup>32</sup> OPFML huwa membru bi status ta' osservatur tan-Netwerk Interaġenzija Camden għall-Irkupru tal-Assi (CARIN).



- **Implimentazzjoni tal-istrateġija Nazzjonali kontra d-Droga u l-pjan ta' azzjoni relatat tagħha, li jagħmlu l-informazzjoni dwar is-sekwestru ta' drogi u persuni involuti aċċessibbli fuq il-punti tal-qsim tal-fruntieri; l-iżvilupp ulterjuri tal-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni mal-korpi internazzjonali rilevanti fil-qasam tad-droga;**

L-Istrateġija Nazzjonali Kontra d-Droga 2011-2018 u l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali 2011-2013 huma implimentati b'konformità mal-istandards Ewropej. Bħalissa qed jiġi mfassal il-Pjan ta' Azzjoni Kontra d-Droga nazzjonali 2014-2018, u qed tingħata importanza indaqs għall-indirizzar kemm tal-użu tad-droga kif ukoll tat-traffikar.

Kif previst mill-Pjan ta' Azzjoni, f'April 2012, ir-Repubblika tal-Moldova ngħaqdet mal-Grupp Pompidor tal-Kunsill tal-Ewropa. Wara l-iffirmar fl-2012 tal-Memorandum ta' Ftehim maċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u l-Vizzju tad-Droga, ġie stabbilit livell tajjeb ta' kooperazzjoni.

Il-Kummissjoni Nazzjonali kontra d-Droga stabbilita fl-2011 tikkoordina l-kooperazzjoni interaġenzija fost l-istituzzjonijiet governmentali u għandha kuntatt mal-istituzzjonijiet mhux governmentali u s-soċjetà ċivili dwar kwistjonijiet relatati mal-politika dwar id-droga. Ġie stabbilit livell tajjeb ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn il-korpi rilevanti. Huwa japplika approċċ bilanċjat bejn it-tnaqqis tad-domanda u servizzi tat-tnaqqis tal-provvista.

Il-kooperazzjoni bejn id-Direttorat kontra d-Droga tal-Ispettorat Ġenerali tal-Pulizija tal-MoI u l-istituzzjonijiet għall-prevenzjoni u l-kura tinsab f'livell tajjeb ħafna. Il-kooperazzjoni mal-NGOs involuti fl-assistenza tal-utenti tad-droga hija sodisfaċenti iżda jidher li hija iktar żviluppata rigward azzjonijiet relatati mal-HIV, milli mal-prevenzjoni tal-użu tad-droga u t-tnaqqis tal-ħsara. Fl-2004 ġew introdotti trattamenti sostituttivi, billi bdiet titqassam il-methadone fiċ-ċentri tas-saħħa u l-kura.

Ir-reati kollha relatati mad-droga u kategoriji oħra ta' offiżi huma rrapportati u rrekordjati bħala reati fis-Sistema ta' Informazzjoni Awtomatika Integrata stabbilita mill-MoI sabiex tirrekordja offiżi, każijiet kriminali u persuni li kkommettew offiżi. Twettqu b'suċċess diversi operazzjonijiet speċjali relatati mad-droga. Fl-2012, ġew reġistrati 1 457 offiża relatata mad-droga u ġew dokumentati 8 gruppi kriminali involuti fit-traffikar illeċitu ta' drogi. Is-sekwestri fl-2012 ammontaw għal 304 kg 890 gramma ta' droga. Fil-livell distrettwali, hemm stabbilita kapaċità forensika bażika, iżda ma jistgħux isiru testijiet preliminari tad-droga dwar is-sustanzi sekwestrati. Għaldaqstant, l-analiżi tiddependi fuq laboratorji forensiċi esterni, fattur li jieħu l-ħin u huwa ineffiċjenti.

Ir-Repubblika tal-Moldova mhijiex pajjiż ewlieni la fit-traffikar tad-droga u lanqas fil-produzzjoni tagħha, iżda sservi bħal punt ta' tranżitu għal drogi destinati lejn l-Ewropa tal-Punent. Sa issa, attivitajiet kontra d-droga kienu mxekkla minn uffiċjali tal-pulizija speċjalizzati u tagħmir insuffiċjenti. Il-Gvern ħa passi serji sabiex jindirizza s-sitwazzjoni fil-kuntast ta' sforzi li għaddejjin bħalissa għar-riforma tal-pulizija, u qed iżid l-għadd ta' persunal u r-riorganizzazzjoni ta' unitajiet speċjalizzati kontra d-droga tad-Direttorat kontra d-droga tal-MoI.

Il-mitigazzjoni ta' kultivazzjoni domestika ta' mariwana kienet waħda mill-iktar sfidi importanti li affaċċja d-Direttorat f'dawn l-aħħar snin. Madankollu, fl-2012 tfaċċaw bħala problema li qed tikber il-cannabinoids sintetiċi u l-cathinones sintetiċi.

Huwa rrapportat li d-drogi sintetiċi huma pjuttost mifruxa (amfitamini, methamfitamini, cannabinol sintetika u xi analġesiċi sintetiċi bħat-Tramadol, li jidher li huma irħas u li disponibbli b'mod relattivament faċli). Bħala reazzjoni għal din it-tendenza, l-MoI talab lill-Gvern sabiex iżid ħafna minn dawn is-sintetiċi mal-lista uffiċjali ta' sustanzi pprojbiti. L-użu

ta' ħafna drogi (drogi differenti jew drogi flimkien ma' alkoħol u sustanzi oħra) ukoll kien qed jinfirex b'rata li qed tiżdied.

### **Valutazzjoni tal-Element 3 / suġġett 1e – Implimentazzjoni tal-politika kontra d-droga**

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali kontra d-Droga 2011-2013 u l-qafas istituzzjonali ġew implimentati sew u l-kooperazzjoni interaġenzija tinsab f'livell tajjeb. Il-Kummissjoni Nazzjonali kontra d-Droga qed tiffunzjona sew u d-Direttorat kontra d-Droga tal-MoI huwa organizzat sew u riċentiment żied il-kapaċità analitika tiegħu fil-livell operattiv. Huwa neċessarju l-involviment ulterjuri tal-NGOs fit-tnaqqis tad-domanda għad-droga u l-attivitajiet tat-tnaqqis tal-ħsara.

Azzjoni ulterjuri hija meħtieġa sabiex:

- Ikomplu jiżdiedu l-isforzi sabiex il-pulizija jiġu mġammra b'mezzi tekniċi biex jidentifikaw sustanzi misjuba fl-operazzjonijiet tagħhom.
- Jiġi żgurat involviment ulterjuri tal-NGOs involuti fl-attivitajiet u t-trattamenti kontra d-droga.

- **Implimentazzjoni tal-Konvenzjonijiet rilevanti tan-NU u tal-Kunsill, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO fl-oqsma msemmija hawn fuq.**

Il-Liġi u l-Istrateġija għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-kriminalità organizzata jikkonformaw b'mod sħiħ mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU kontra l-kriminalità organizzata transfruntiera u l-Protokoll addizzjonali tagħha.

#### **(b) Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Valutazzjoni tal-Impatt**

- *Prevenzjoni u ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-livelli u fl-oqsma kollha.*

Implimentati parzjalment – ara l-parametri referenzjarji VLAP. Addizzjonalment, bl-Appoġġ tal-Proġett kontra l-Korruzzjoni, il-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu fir-Repubblika tal-Moldova (MOLICO), ġiet żviluppata Gwida Prattika għall-investigazzjoni ta' korruzzjoni u reati relatati mal-korruzzjoni. Il-Gwida hija intenzjonata għal prosekuturi u investigaturi kontra l-korruzzjoni fl-Uffiċċju tal-Prosekutur kontra l-Korruzzjoni, iċ-Ċentru Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni, il-MoI u s-Servizz tas-Sigurtà u l-Intelliġenza.

- *Titjib tal-ġbir tad-dejta dwar kriminali u OCGs fil-livell nazzjonali inter alia billi jitwaqqfu/jitjiebu l-bażijiet tad-dejta nazzjonali.*

Ara l-parametri referenzjarji tal-VLAP fil-paġni 17, 18 u 24 ta' dan ir-rapport.

- *Jitkomplew l-isforzi sabiex jitjiebu l-indikaturi tad-dejta u l-ġbir ta' dejta dwar il-kriminalità fl-oqsma kollha tal-kriminalità.*

Ara l-parametri referenzjarji tal-VLAP fil-paġni 17, 18 u 24 ta' dan ir-rapport.

- *Implimentazzjoni ta' azzjonijiet kontra l-korruzzjoni bħala prijorità fl-oqsma kollha, kif ukoll b'relazzjoni għal aspetti usa' tal-istat tad-dritt. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom ikollhom il-kapaċità li jiġġieldu l-korruzzjoni fil-livelli kollha - ċentrali, reġjonali, lokali u speċifiċi għas-settur, b'attenzjoni partikolari tingħata lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tad-dwana.*

Ara l-parametri referenzjarji tal-VLAP fil-paġni 19 sa 22 ta' dan ir-rapport.

- *Tiġi żgurata protezzjoni effettiva tax-xhieda tat-THB, u jitjiebu iktar il-protezzjoni, l-assistenza u l-appoġġ għall-vittmi tat-THB.*

Ara l-parametri referenzjarji tal-VLAP fil-paġni 18 u 19 ta' dan ir-rapport.

- *Proċeduri ta' konfiska ta' assi għandhom jiġu miftiehma mal-awtoritajiet tal-Moldova, sabiex tiġi rkuprata proprjetà misruqa jew il-profitt minnha, u biex titnaqqas is-saħħa finanzjarja tal-OCGs, u għaldaqstant sabiex jiġi ffaċilitat ż-żarmar tagħhom.*

Ara l-punti referenzjarji VLAP fil-paġni 17, 22 u 23 ta' dan ir-rapport.

### **Element 3 / suġġett 2 – Il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'oqsma kriminali**

#### **(a) Parametri referenzjarji tal-VLAP**

- **Implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet internazzjonali dwar kooperazzjoni ġudizzjarja f'oqsma kriminali (b'mod partikolari l-Konvenzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa);**

Ir-Repubblika tal-Moldova għandha qafas legali komprensiv u aġġornat għall-finijiet tal-kooperazzjoni ġuridika internazzjonali fl-oqsma kriminali. Il-liġi dwar ir-ratifikkazzjoni tat-Tieni Protokoll Addizzjonali tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Assistenza Ġuridika Reċiproka f'Oqsma Kriminali, ġiet adottata fis-26 ta' Diċembru 2012. Dan il-qafas, kompost minn diversi strumenti internazzjonali, reġjonali kif ukoll domestiċi, jippermettilha titlob u toffri b'mod adegwat kooperazzjoni internazzjonali f'oqsma kriminali f'konformità mal-istandards Ewropej. Il-qafas legali jkopri l-oqsma tradizzjonali ta' kooperazzjoni bħall-estradizzjoni, ittri rogatorji, trasferimenti u r-responsabbiltà (takeover) ta' proċeduri kriminali, talbiet għar-rikonossiment u infurzar ta' sentenzi kriminali barranin u talbiet għal trasferiment ta' persuni kkundannati. Dan il-qafas jinkludi xi dispożizzjonijiet dwar l-użu ta' mezzi relattivament effettivi ta' investigazzjoni bħal seduti permezz ta' konferenzi bil-vidjow, osservazzjonijiet transfruntiera, kunsinni kkontrollati, operazzjonijiet pajżana u timijiet konġunti ta' investigazzjoni. Konsegwentement, il-qafas legali huwa b'saħħtu biżżejjed biex jaffaċċja t-talba li qed tiżdied ta' kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-iktar reati serji bħat-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, it-traffikar tad-droga, it-traffikar tal-bnedmin, il-korruzzjoni, il-kriminalità ċibernetika u l-ħasil tal-flus.

Mill-2012, ir-rappreżentant tal-Uffiċċju tal-Prosekutur tar-Repubblika tal-Moldova qed jattendi laqgħat plenarji tal-Kumitat tal-Esperti dwar l-operazzjoni tal-Konvenzjonijiet Ewropej fil-qasam tal-kooperazzjoni kriminali (PC-OC) tal-Kunsill tal-Ewropa.

It-talbiet li jidhru u joħroġu ta' kooperazzjoni internazzjonali jgħaddu mill-awtoritajiet ċentrali, il-GPO u l-Ministeru tal-Ġustizzja (iktar 'il quddiem MJ) skont ir-regoli stabbiliti mill-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali skont l-istadju fil-proċedura jew ta' investigazzjoni kriminali jew ta' kundanna wara proċess.

Iż-żewġ awtoritajiet iwettqu l-kompitu tagħhom b'koordinazzjoni ma' korpi u istituzzjonijiet interni jew internazzjonali oħra. Għandhom persunal adegwat, speċjalment il-Qrati wara diversi deċiżjonijiet adottati fil-bidu tal-2013 mill-Kunsill Għoli tal-Maġistrati sabiex jiżdied in-numru ta' mħallfin investigattivi. Qed tingħata attenzjoni dejjem akbar lit-taħriġ neċessarju u għaddejjin sforzi biex jiżdiedu r-riżorsi baġitarji neċessarji għal dan il-għan.

Id-dejta statistika disponibbli turi li kemm is-servizzi tal-GPO kif ukoll is-servizzi tal-MJ regolarment jintalbu biex jipproċessaw għadd sinifikanti ta' talbiet għal kooperazzjoni ġuridika internazzjonali. Fir-rigward tal-estradizzjoni, ir-responsabbiltà tal-każijiet fi proċeduri kriminali u t-trasferimenti ta' każijiet fi proċeduri, ir-Repubblika tal-Moldova tidher iktar bħala l-istat li jagħmel it-talba milli l-istat li ssirlu t-talba. Matul l-2009-2012

il-GPO intalab biex kull sena jipproċessa l-għadd medju ta' madwar 227 talba li ssir għal estradizzjoni u kienubiss 27 it-talbiet li daħlu għall-estradizzjoni. Bħala medja, il-GPO indirizza 31 talba għal take over (talbiet deħlin) bħal f'każijiet ta' proċeduri kriminali u 11-il każ (talbiet ħerġin) ta' trasferiment fil-proċeduri kriminali. Għall-kuntrarju, rigward l-**ittri rogatorji**, ir-Repubblika tal-Moldova tidher li jsirulha talbiet iktar milli tagħmel talbiet hi peress li matul l-istess perjodu, il-GPO ipproċessa medja ta' 494 talba li tidħol u 388 talba li ssir kull sena.

Il-MJ qed jintalab ukoll biex jipproċessa talbiet imma fuq skala żgħira mill-GPO. Matul l-2012-2013, rigward l-**estradizzjoni**, il-MJ ipproċessa 71 talba li kienu ħerġin u 12-il talba li kienu deħlin. Il-MJ tratta 14-il każ ta' take over fi **proċeduri kriminali (talbiet deħlin)** u ebda talba għal trasferimenti f'każijiet kriminali (talbiet ħerġin). Għall-**ittri rogatorji**, iċ-ċifri globali biss huma disponibbli għall-MJ, jiġifieri 1068 każ ta' talbiet deħlin u ħerġin f'oqsma ċivili u kriminali, il-każijiet kriminali huma f'tit inqas numerużi minn dawk ċivili.

**Barra minn hekk, l-MJ huwa l-unika awtorità għat-talba għal rikonoxximent u infurzar ta' sentenzi kriminali ta' talbiet għal trasferiment ta' persuni kkundannati.** Matul l-2012-2013 il-MJ ittratta 16-il talba li daħlet u 12-il talba li ħarġet għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi kriminali. Il-MJ ipproċessa 390 talba għal trasferiment ta' persuni kkundannati lejn ir-Repubblika tal-Moldova u 21 talba għal trasferiment ta' persuni kkundannati lejn pajjiżi barranin.

L-istatistika dwar l-estradizzjoni turi li GPO jipproċessa għadd iktar sinifikanti ta' talbiet mill-MJ. Din id-differenza tirrifletti l-fatt li t-talbiet relatati ma' każijiet li huma fl-istadju tal-investigazzjoni, huma ħafna iktar numerużi minn dawk relatati għall-istadju tal-proċess (ara iktar 'il fuq rigward kompetenza).

Rigward l-**estradizzjoni**, kemm il-GPO u l-MJ **irrifjutaw għadd limitat ta' talbiet deħlin.** Il-GPO matul l-2009-2012 irrifjuta 15-il talba biss abbażi ta' motivi ġuridiċi l-iktar minħabba li l-persuni mfittxija kellhom ċittadinanza tar-Repubblika tal-Moldova jew minħabba limitazzjonijiet statutorji. Il-MJ matul l-2012-2013 irrifjuta talba waħda biss abbażi ta' motivi ġuridiċi minħabba li l-persuna mfittxija rċeviet ażil. L-għadd limitat ta' rifjut jista' jkun meqjus bħala indikazzjoni ta' attitudni miftuħa tal-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Moldova biex jikkooperaw ma' pajjiżi terzi.

**It-terminu ta' żmien medju** huwa indikatur ta' prestazzjoni importanti biex jivvaluta l-effettività tal-kooperazzjoni ġuridika internazzjonali. It-terminu ta' żmien għall-ipproċessar kemm mill-GPO kif ukoll mill-MJ<sup>33</sup> jidher raġonevoli u ma jaqbiżx il-medja tal-UE.

- **Livell għoli ta' effettività ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'oqsma kriminali ta' mħallfin u prosekuturi mal-Istati Membri tal-UE.**

Il-maġġoranza (bejn wieħed u ieħor żewġ terzi (2/3)) tat-talbiet imsemmija hawn fuq indirizzaw tħassibiet dwar is-CIS u inqas minn terz biss (1/3) tal-Istati Membri tal-UE. L-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Moldova ilhom jiżguraw kooperazzjoni effettiva mal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri tal-UE.

- **Konklużjoni ta' ftehim ta' kooperazzjoni operattiva mal-Eurojust**

<sup>33</sup> (i) Talbiet li jaslu għal estradizzjoni: il-MJ jipproċessahom fi żmien 3-4 xhur u l-GPO fi żmien 2 – 3 xhur; (ii) Ittri rogatorji li jaslu: MJ jipproċessahom fi żmien 2 – 3 xhur u l-GPO sa massimu ta' 6 xhur; (iii) MJ jipproċessa talbiet li jaslu għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi kriminali f'madwar 3 xhur u talbiet li jsiru għal rikonoxximent u infurzar ta' sentenzi kriminali fi żmien 4-5 xhur; (iv) Il-MJ jipproċessa talbiet għal trasferiment ta' persuni kkundannati lejn pajjiżi barranin fi żmien 5 – 6 xhur.

Fil-ħarifa tal-2012, il-Eurojust iffinalizzat Rapport ta' Evalwazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova dwar il-protezzjoni tad-dejta u f'Novembru 2012 infurmat lill-Kunsill dwar il-proposta li tnedi negozjati formali fl-1 ta' Frar 2013 bl-għan li jiġi konkluż ftehim ta' kooperazzjoni operattiva. L-ewwel rawnd ta' negozjati sar fl-10 ta' Ġunju 2013 u kien pożittiv ħafna, konsegwentement, in-negozjati mistennija li jiġu ffinalizzati dalwaqt.

### **(b) Rakkomandazzjonijiet tal-Valutazzjoni tal-Impatt**

- *Tissahħaħ is-sistema ġudizzjarja, inkluża l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'oqsma kriminali, b'mod partikolari assistenza ġuridika reċiproka.*

Ir-Repubblika tal-Moldova bħalissa qed timplimenta riforma komprensiva tas-sistema ġudizzjarja tagħha abbażi tal-Pjan ta' Azzjoni u l-Istrateġija tal-2011-2016 inklużi tibdiliet leġiżlattivi u istituzzjonali importanti. F'Settembru 2012, ġie stabbilit dipartiment għall-implimentazzjoni tar-riforma tal-GPO u l-Programm għall-iżvilupp Strateġiku tal-Uffiċċji tal-Prosekutur għall-2012-2014 ġie approvat f'Diċembru 2012 mill-Kunsill Superjuri tal-Prosekuturi u bħalissa qed jiġi implimentat.

### **Valutazzjoni tal-Element 3 / suġġett 2 – Il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'oqsma kriminali**

Ir-Repubblika tal-Moldova hija sieħeb affidabbli u attiv fil-kooperazzjoni ġuridika internazzjonali u r-rekord tagħha juri attitudni miftuħa ħafna għal kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-UE u pajjiżi oħra.

#### **Azzjoni ulterjuri hija meħtieġa sabiex:**

- Jitkompla t-titjib tat-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi dwar oqsma internazzjonali, inkluż billi jiżdedu l-fondi neċessarji.
- Jitkompla t-titjib tal-istatistika u r-reġistrazzjoni tagħha permezz tal-użu ta' lista ta' parametri definiti b'mod komun, fejn rilevanti, kemm għall-GPO kif ukoll għall-MJ.

### **Element 3 / suġġett 3 – Il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi**

#### **(a) Parametri referenzjarji tal-VLAP**

- **Livell għoli ta' kapaċità investigattiva operattiva u speċjali ta' servizzi tal-infurzar tal-liġi u l-użu konsistenti u effiċjenti tagħha biex tiġi indirizzata l-kriminalità transfruntiera;**

Mir-riforma tal-MoI f'Marzu 2013, L-Ispettor tal-Investigazzjoni Nazzjonali tal-Pulizija jikkonsisti f'direttorati speċjalizzati (reati serji, kriminalità organizzata, frodi, drogi, unità tal-intervenzjoni) u żewġ ċentri (tat-traffikar tal-bnedmin u tal-IT), li jindirizzaw minn post wieħed, l-ispettru kollu ta' attivitajiet ta' kriminalità serji u organizzati. Tliet subdiviżjonijiet reġjonali jiżguraw kopertura fir-Repubblika tal-Moldova kollha. Huma jirrapportaw lid-direttorati ċentrali u jwettqu investigazzjonijiet indipendenti.

Ġuridikament u teknikament, ir-riforma tipprevedi kooperazzjoni aħjar bejn is-servizzi tal-pulizija u l-prosekuturi. Ġiet stabbilita unità speċjalizzata fil-GPO– Diviżjoni għall-kontroll u l-investigazzjoni ta' kriminalità organizzata, li għandha obbligi fl-eżerċitar u l-immaniġġjar ta' prosekuzzjoni f'każijiet ta' reati ta' kriminalità organizzata, fir-rappreżentazzjoni ta' akkuża fil-qrati u fil-kontroll u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' subdiviżjonijiet speċjali mogħtija responsabbiltajiet fil-prevenzjoni u l-ġlieda ta' kriminalità organizzata. Barra minn hekk, il-GPO jopera diviżjoni dwar il-mitigazzjoni tat-traffikar tal-bnedmin u diviżjoni dwar il-mitigazzjoni ta' kriminalità ċibernetika.

F'Diċembru 2012, daħlet fis-seħħ liġi ġdida dwar attivitajiet investigattivi speċjali u f'April 2012 ġew adottati xi emendi għas-CPC. Iż-żewġ liġijiet jarmonizzaw il-leġiżlazzjoni eżistenti mad-dispożizzjonijiet ġodda dwar il-mitigazzjoni ta' kriminalità transfruntiera u timijiet ta' investigazzjoni konġunta internazzjonali, jirrevedu l-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-interċezzjoni ta' konverżazzjonijiet fuq it-telefown u jirrevedu l-leġiżlazzjoni rilevanti fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-Pulizija fix-xlokk tal-Ewropa.

Il-qafas legali kurrenti jipprevedi sistema iktar adattata u legali sabiex tħaddem miżuri investigattivi speċjali, regolati bil-liġi u taħt il-kontroll tal-prosekutur u tal-awtorità ġudizzjarja. Id-dispożizzjonijiet ġuridiċi huma f'konformità mal-istandards ġuridiċi u internazzjonali u tal-UE u jpoġġu għad-dispożizzjoni tas-servizzi investigattivi, firxa vasta ta' għodod investigattivi. Diġà ġew solvuti diversi każijiet kriminali bis-saħħa ta' dawn il-miżuri, u l-investigaturi u l-prosekuturi jagħtu l-impressjoni li għandhom stampa ċara u fehim dwar meta huwa prattikament u ġuridikament xieraq li jintużaw dawn l-għodod.

It-tagħmir tal-interċezzjoni u l-irrekordjar ta' konverżazzjonijiet, permezz tat-telefown u ta' apparat għal smiġh lajv jinsabu fil-bini tas-Servizz tas-Sigurtà u l-Intelliġenza u taħt il-kustodja tagħhom. L-SIS jirċievi s-sinjali mill-kumpanija tat-telefown jew mill-apparat għas-smiġh u jtrasferixxi lis-servizzi investigattivi għall-attivitajiet tagħhom. Is-sistema kurrenti toħloq sitwazzjoni li fiha l-atturi li jwettqu obbligi oħra (bħall-intelliġenza u kontrointelliġenza għal finijiet ta' sigurtà statali) għandhom għad-dispożizzjoni u l-kontroll tagħhom, dejta li tappartjeni investigazzjoni kriminali rregolata bis-CPC.

In-nuqqas ta' kontroll ta' Transnistria jnaqqas l-isforzi tar-Repubblika tal-Moldova sabiex tiżgura l-ordni pubblika u s-sigurtà. Il-kuntrabandu ta' oġġetti huwa l-iktar attività illegali frekwenti u l-impatt tagħha ġie llimitat permezz tal-preżenza tal-EUBAM. F'dan l-istadju, ma hemm ebda kooperazzjoni formalizzata tal-pulizija bejn Chisinau u Tiraspol.

- **Livell għoli ta' effettività fil-kooperazzjoni tal-infurzar tal-liġi fost aġenziji nazzjonali rilevanti – speċjalment gwardji tal-fruntiera, pulizija, uffiċjali tad-dwana, kif ukoll il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet ġudizzjarji;**

Fl-2012 ir-Repubblika tal-Moldova introduċiet għodda għal kooperazzjoni internazzjonali ġudizzjarja u tal-pulizija: it-Timijiet Konġunti ta' Investigazzjoni (JITs). L-isfond ġuridiku huwa l-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti<sup>34</sup> kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali, il-Konvenzjoni ta' Palermo, li daħlet fis-seħħ wara r-ratifikazzjoni fir-Repubblika tal-Moldova fis-16 ta' Settembru 2005. Il-liġi tal-Moldova, b'konformità mar-rekwiżiti tal-UE, tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ġenerali meta dawn it-timijiet jistgħu jiġu stabbiliti. Il-mudell użat mill-awtoritajiet tal-Moldova huwa bbażat fuq id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tal-UE u mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-UE dwar il-JITs.

Fir-relazzjonijiet bejn il-pulizija u l-prosekuzzjoni ma ġew osservati ebda ostakli jew nuqqasijiet kbar fil-komunikazzjoni. Il-kooperazzjoni stabbilita hija f'livell tajjeb u hemm diviżjoni ċara tal-kompetenzi bejn il-pulizija u l-uffiċċju tal-prosekutur. Il-każijiet studjati juru għarfien profond u effettiv tal-proċeduri kriminali u t-tekniki amministrattivi fuq iż-żewġ naħat. Is-sistema ġdida li għadha kemm ġiet stabbilita bir-riforma tal-MoI, jeħtieġ li tiġi implimentata u sfruttata. Miżura oħra sabiex tiżdied il-kooperazzjoni interaġenzija kienet l-istabbiliment fil-GPO fi Frar 2013 ta' unità ta' kontroll<sup>35</sup> u investigazzjoni speċjalizzata fi

<sup>34</sup> Skont il-Konvenzjoni, l-awtoritajiet kompetenti ta' żewġ stati partijiet jew iktar jistgħu jstabbilixxu, bi ftehim reċiproku, JIT għal għan speċifiku u għal perjodu ta' żmien limitat sabiex jeżegwixxi investigazzjonijiet kriminali f'pajjiż wieħed jew iktar minn tagħhom.

<sup>35</sup> L-għan ta' kontroll ifisser kif il-korpi tal-infurzar jirreferu, jirreġistraw u jinnotifikaw każijiet ta' kriminalità.

kriminalità organizzata u li tikkonsisti f'10 prosekuturi li għandhom mill-inqas għaxar snin (10) esperjenza kull wieħed.

Is-setgħat tal-Prosekutur Ġenerali hija kwistjoni sensittiva. Il-Prosekutur Ġenerali, minbarra li jmessi s-servizz ewlieni tal-prosekuzzjoni u huwa responsabbli għall-iktar każijiet kriminali serji, għandu setgħa kbira magħrufa bħala “sejħa mill-ġdid” (“call-back”), sabiex tiegħu r-responsabbiltà ta' każ minn prosekutur li għandu grad iktar baxx. Din is-setgħa, inkluża fl-oqfsa leġiżlattivi kollha għall-finijiet ta' koordinazzjoni u sostituzzjoni f'każ ta' “nuqqas ta' attività”, tista' tillimita ħafna l-indipendenza u l-awtonomija tal-prosekuturi, u għandha tiġi eżerċitata b'attenzjoni u restrizzjoni kbira. Tqajjem xi tħassib dwar jekk tali setgħa għandhiex b'xi mod tiġi limitata jew irregolata aħjar.

Forum oħra ta' kooperazzjoni interistituzzjonali bejn korpi tal-infurzar tal-liġi, inklużi dawk fil-qasam tal-prevenzjoni u l-mitigazzjoni ta' korruzzjoni, huma bbażati fuq sistemi ta' skambju ta' informazzjoni. Mill-2008, is-sistema ta' Informazzjoni Integrali Awtomatizzata dwar reati, każijiet kriminali u dwar dawk li jiksru l-liġi, u l-leġiżlazzjoni proċedurali kriminali, bdiet tinqasam bejn il-GPO, il-MoI, is-Servizz tad-Dwana u ċ-Ċentru Nazzjonali kontra l-Korruzzjoni.

- **Ftehimiet bilaterali u multilaterali msaħħa dwar il-kooperazzjoni operattiva fl-infurzar tal-liġi, inkluż permezz tal-kondiviżjoni fil-ħin ta' informazzjoni rilevanti mal-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-UE.**

Bħala riżultat tar-riforma li għaddejja tal-MoI fil-bidu tal-2013 ġie stabbilit Ċentru ġdid għall-Kooperazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija (CIPC). Is-CIPC ilaqqat flimkien tliet subdiviżjonijiet tal-MoI b'kompetenzi fil-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija: NCB Interpol, NVC SELEC/GUAM u NCP Europol. L-uffiċċji u l-unitajiet kollha inkarigati bil-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija issa huma unifikati fi struttura unika u jinsabu fl-istess bini.

L-Interpol huwa ċ-ċentru għall-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija fil-MoI, u huwa marbut mal-MJ, is-Servizz tad-Dwana, is-Servizz tas-Sigurtà u l-Intelliġenza, il-GPO, il-Pulizija tal-Fruntiera u ċ-Ċentru Nazzjonali kontra l-Korruzzjoni. L-uffiċċju tal-Interpol jirċievi u jibgħat it-talbiet internazzjonali kollha għal informazzjoni relatata mal-bażijiet tad-dejta tal-interpol u huwa marbut ma' bażijiet ta' dejta u reġistri differenti tar-Repubblika tal-Moldova. Il-fluss ta' informazzjoni li tidħol hija stabbli u r-rata ta' informazzjoni li toħroġ qed tiżdied. L-uffiċċjali u l-ispeċjalisti tal-unità huma konxji ħafna tal-mandat u l-missjoni tagħhom.

Parti mis-sistema usa' għall-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija hija l-unità GUAM, li tiżgura skambju ta' kuljum ta' informazzjoni bejn il-Ġeorġja, l-Ukrajna, l-Ażerbajġan u r-Repubblika tal-Moldova. L-ammont ta' informazzjoni li r-Repubblika tal-Moldova taqsa ma' dawk il-pajjiżi huwa sostanzjali. L-awtoritajiet tal-Moldova jipparteċipaw fil-ħidma tas-SELEC (Southeast European Law Enforcement Centre) u baġtu żewġ uffiċċjali ta' kuntatt li-ċentru u minbarra l-iskambju ta' informazzjoni, huma pjanati u implimentati ħafna operazzjonijiet konġunti mal-pajjiżi SELEC. Ir-Repubblika tal-Moldova impjegat uffiċċjal ta' kuntatt fl-Uffiċċju għall-Koordinazzjoni tal-Mitigazzjoni kontra Kriminalità Organizzata fil-Komunità tal-Istati Indipendenti (CIS).

Il-GPO tar-Repubblika tal-Moldova ffirmat ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet simili mir-Rumanija, l-Ukrajna, iċ-Ċina, it-Turkija, l-Irlanda, l-Ungerija, l-Italja u l-Korea t'Isfel. Fl-2012, il-GPO tar-Repubblika tal-Moldova ffirmat ftehimiet u memoranda ta' kooperazzjoni ma': DIICOT – ir-Rumanija; l-uffiċċju tal-Prosekutur Federali tar-Renju tal-Belġju, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Armenja, il-Ministeru tal-Ġustizzja tal-Ġeorġja.

Bħalissa qed jiġu nnegozjati ftehimiet bilaterali mal-Ażerbajġan, il-Federazzjoni Russa, il-Belarus, il-pajjiżi Baltiċi u l-Bulgarija.

Żewġ eżempji ta' suċċess ta' kooperazzjoni internazzjonali riċenti tal-pulizija jinkludu b'mod partikolari l-arrest ta' kriminal perikoluż Moldovan f' Verona (l-Italja), bl-appoġġ tal-Uffiċċju Ċentrali Nazzjonali tal-Interpol Ruma u l-Carabinieri ta' Verona; u intervista sensittiva bil-vidjow ta' vittma tat-traffikar.

F'Mejju 2013, is-Servizz tad-Dwana tar-Repubblika tal-Moldova ffirma Memorandum ta' Ftehim Reċiproku mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF). Huwa jipprevedi t-trawwim ta' kooperazzjoni, skambju reċiproku ta' informazzjoni u operazzjonijiet konġunti kontra reati transfruntiera.

- **Konklużjoni ta' ftehim ta' kooperazzjoni operattiv mal-Europol**

Wara l-iffirmar ta' ftehim strateġiku mal-Europol fl-2007, ġie stabbilit punt ta' kuntatt nazzjonali (NCP) fl-uffiċċju tal-Europol sabiex tiġi skambjata informazzjoni strateġika u teknika mal-Aġenzija tal-UE. Fl-aħħar ta' Lulju 2013, se jiġi ddelegat uffiċjal ta' kuntatt Moldovan fl-Aja wara l-iffirmar ta' ftehim ta' kuntatt fil-bidu tal-2013. Il-fażi preparatorja għall-iffirmar ta' Ftehim ta' Kooperazzjoni Operattiva mal-Europol għadha għaddejjja u r-Repubblika tal-Moldova qed tistenna żjara ta' studju mill-Europol sabiex jiġi evalwat ir-reġim dwar il-protezzjoni tad-dejta.

**(b) Rakkomandazzjonijiet tal-Valutazzjoni tal-Impatt**

- *Għandha tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet Moldovani u l-Istati Membri inkluż il-qsim tal-informazzjoni mal-Europol.*

Ara l-parametri referenzjarji tal-VLAP fil-paġni 29 u 30 ta' dan ir-rapport.

- *Għandha tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet Moldovani u l-kontrapartijiet tagħhom fl-Istati Membri tal-UE dwar protezzjoni u assistenza, inkluża l-identifikazzjoni u r-riferiment tal-vittmi tat-THB u r-ritorn sikur tagħhom.*

Ara l-parametri referenzjarji tal-VLAP fil-paġni 18, 29 u 30 ta' dan ir-rapport.

- *Għandhom jiġu żviluppatti fuq bażi regolari l-valutazzjonijiet u l-iskambju tal-informazzjoni dwar reati serji, taħt l-awspiċċju tal-Europol, u fejn xieraq bl-appoġġ tal-kanali tal-Interpol. Id-dejta komparattiva dwar il-kriminalità għandha tinġabar skont indikaturi definiti b'mod komuni.*

Ara l-parametri referenzjarji tal-VLAP fil-paġni 29 u 30 ta' dan ir-rapport.

- *Għandu jissaħħaħ l-iskambju tal-aħjar prattika u t-taħriġ tas-servizzi tal-infurzar tal-liġi.*

Ara l-parametri referenzjarji tal-VLAP fil-paġni 29 u 30 ta' dan ir-rapport.

**Valutazzjoni tal-Element 3 / suġġett 3 – Kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi**

Id-dispożizzjonijiet ġuridiċi, b'konformità mal-istandards Ewropej, jagħtu firxa wiesgħa ta' għodod investigattivi speċjali għad-dispożizzjoni tas-servizzi ta' investigazzjoni. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi huma mgħammra u ddedikati biex isaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali u ftehim operattiv mal-Europol iżid ħafna dawn il-prospetti.

Azzjoni ulterjuri hija meħtieġa sabiex:

- Jiġu żviluppatti rabtiet qawwija bejn l-unità tal-pulizija għall-mitigazzjoni reġjonali u transnazzjonali ta' kriminalità organizzata mal-kontrapartijiet tagħha fl-UE, fir-reġjun u mal-Europol.



- Ikun hemm implimentazzjoni ulterjuri tal-ippjnar konġunt ta' miżuri u investigazzjonijiet koordinati bejn l-Ispettorat Nazzjonali tar-Rondi u l-Pulizija tal-Fruntiera, b'mod partikolari fl-isfond tal-eżekuzzjoni ta' miżuri investigattivi speċjali bħall-konsenji kkontrollati.
- Tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-fruntiera tal-Ukrajna bl-appoġġ tal-EUBAM. Jiġu inkoraġġiti r-rabtiet operattivi u l-iskambji tal-informazzjoni bejn Chisinau and Tiraspol, mingħajr ħsara għall-proċess ta' soluzzjoni 5+2.

### **Element 3 / suġġett 4 – Protezzjoni tad-dejta**

#### **(a) Parametri referenzjarji tal-VLAP**

- **Implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta personali; jiġi żgurat funzjonament effiċjenti tal-awtorità superviżorja indipendenti tal-protezzjoni tad-dejta anke permezz tal-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji u umani neċessarji**

Il-qafas leġislattiv tal-Protezzjoni tad-Dejta, kif rivedut f'April 2012, huwa b'konformità mal-istandards Ewropej, inkluż l-acquis tal-UE, speċjalment id-Direttiva 96/46/KE. Il-liġi tistabbilixxi d-drittijiet tal-individwi meta tiġi pproċessata dejta personali tagħhom u tapplika *inter alia* għall-ipproċessar ta' dejta minn negozji, l-amministrazzjoni pubblika u s-settur tal-pulizija (minbarra dejta kklassifikata bħala "sigriet tal-istat").

Il-Liġi tafda r-responsabbiltà ewlenija għas-superviżjoni tal-konformità mal-istandards tal-protezzjoni tad-dejta personali lill-awtorità indipendenti: iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Protezzjoni ta' Dejta Personali (NCPDP). Ir-rapport tal-2012 tal-NCPDP, disponibbli fuq il-websajt tiegħu li hija multilingwi u faċli biex tintuża, juri firxa wiesgħa ta' attivitajiet u jipprovdri rekord tajjeb tal-implimentazzjoni tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta li tindika li l-NCPDP jaqdi kemm il-kompitu tiegħu ta' twettiq ta' kontrolli tal-legalità tal-ipproċessar tad-dejta u jinvesti sforzi fl-edukazzjoni tal-kontrolluri tad-dejta minn istituzzjonijiet oħra. Il-proċeduri għan-notifikazzjoni ta' pproċessar ta' dejta huma stabbiliti sew.

L-istruttura taċ-Ċentru approvata fl-2008 bil-liġi tindika limitu ta' persunal ta' 21 impjegat. Bħalissa 16-il persuna huma impjegati u iċ-Ċentru huwa fornut b'mod adegwat b'riżorsi finanzjarji. Għall-2012, iċ-Ċentru wettaq 82 kontroll u bħala riżultat ħareġ: 6 deċiżjonijiet ta' sospensjoni ta' operazzjonijiet ta' pproċessar ta' dejta personali; deċiżjoni (1) dwar il-waqfien ta' operazzjonijiet tal-ipproċessar ta' dejta personali, u beda 4 proċeduri ta' kontravvenzjoni dwar ir-rifjut tal-awtoritajiet li jiddeklassifikaw informazzjoni meqjusa bħala klassifikata mingħajr bażi. Peress li għandhom setgħat ġuridiċi sabiex jinvestigaw ilmenti mis-suġġetti ta' dejta personali, matul l-2012, il-persunal taċ-Ċentru eżamina 214-il petizzjoni u lmenti oħra (kważi tliet (3) darbiet iktar meta mqabbel mal-2011 u 10 darbiet iktar meta mqabbel mal-2010), li minnhom ġew aċċettati 98 petizzjoni u ġew rifjutati 5, f'111-il każ ingħataw spjegazzjonijiet u f'sitt (6) każijiet infetħu kawżi fil-qorti amministrattiva dwar ir-rifjut tal-awtoritajiet li jiddeklassifikaw informazzjoni meqjusa bħala kklassifikata mingħajr bażi. Barra minn hekk, matul l-2012, iċ-Ċentru ċċekkja 41 proġett ta' atti normattivi u ġuridiċi maħruġa minn awtoritajiet oħra għall-konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni ta' dejta personali.

#### **Valutazzjoni tal-Element 3 / suġġett 4 – Protezzjoni tad-dejta**

Il-leġislazzjoni hija implimentata f'konformità mal-istandards Ewropej, inkluż l-acquis tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta. Iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Protezzjoni ta' Dejta Personali huwa indipendenti u funzjonali.

Azzjoni ulterjuri hija meħtieġa sabiex:

- F'każ ta' reviżjoni leġislattiva ulterjuri, tiġi prevista l-possibbiltà li tiġi emendata l-leġislazzjoni sabiex tkun inkluża formalment il-funzjoni ta' konsultazzjoni minn qabel fost il-kompiti taċ-Ċentru.
- Ikompli jsegwi b'mod attiv il-każijiet li bħalissa huma pendenti quddiem il-qrati sabiex tiġi klassifikata l-applikazzjoni tal-liġi meta tiġi pproċessata dejta personali minn korp tal-infurzar tal-liġi. Jiżiedu l-isforzi sabiex ikun hemm iktar sensibilizzazzjoni pubblika rigward ir-regoli applikabbli għall-protezzjoni tad-dejta f'komunikazzjonijiet elettroniċi.

**Valutazzjoni Ġenerali tal-Element 3**

Il-Kummissjoni tqis li r-**Repubblika tal-Moldova b'mod ġenerali tissodisfa l-parametri referenzjarji tat-tieni fażi stabbiliti taħt l-Element 3**. Jeħtieġ li jiġu implimentati diversi rakkomandazzjonijiet oħra sabiex jiġu ssodisfati l-parametri referenzjarji kollha.

**ELEMENT 4: RELAZZJONIJIET ESTERNI U DRITTIJIET FUNDAMENTALI**

**(a) Parametri referenzjarji tal-VLAP**

- **Jiġi żgurat li l-libertà tal-moviment fir-Repubblika tal-Moldova ta' ċittadini Moldovani u persuni barranin li jibqgħu b'mod illegali jew persuni mingħajr stat, ma tkunx suġġetta għal restrizzjonijiet mhux iġġustifikati, inklużi miżuri ta' natura diskriminatorja abbażi ta' kwalunkwe motiv bħal sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, fatturi ġenetiċi, status ta' saħħa (inkluż HIV/AIDS), lingwa, reliġjon, sħubija f'minorità nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età jew orjentament sesswali;**

Kif jidher mill-parametri referenzjarji tal-VLAP, ir-restrizzjoni tal-libertà tal-moviment fir-Repubblika tal-Moldova ta' ċittadini Moldovani u persuni barranin li jibqgħu b'mod legali, jew persuni mingħajr Stat, ikkonċernat il-proċedura ta' reġistrazzjoni/dereġistrazzjoni tagħhom. B'applikazzjoni tal-Liġi tal-2010 dwar persuni barranin, ġie stabbilit qafas istituzzjonali ġdid li jimmaniġġja lill-migranti barranin li jirrisjedu b'mod legali fil-pajjiż. Fl-MoI ġie stabbilit l-Uffiċċju għall-Migrazzjoni u l-Ażil (BMA), li introduċa "punt wieħed fejn tinqeda minn kollox" li jirċievi, jipproċessa u joħroġ malajr permessi sabiex persuni barranin jibqgħu jew dokumenti ta' identità għall-persuni barranin li jirrisjedu legalment fil-pajjiż, kif ukoll li jindirizza proċeduri ta' stedni, approvazzjoni ta' ripatrijazzjoni u estensjonijiet ta' viża. Fl-10 ta' Diċembru 2012, is-servizz għall-provvediment ta' dokumentazzjoni għal ċittadini barranin fetaħ żewġ uffiċċji reġjonali: wieħed f'Balti (Servizz Reġjonali tat-Tramuntana), li huwa mistenni li jaqdi madwar 13 % tal-barranin li jgħixu fil-pajjiż, u wieħed f'Comrat (Servizz Reġjonali tan-Nofsinar), li mistenni li jaqdi madwar 11 % tal-barranin. Il-kwartieri ġenerali tal-BMA f'Chisinau jkompli jaqdi lill-barranin li jgħixu fil-kapitali kif ukoll fil-parti ċentrali tal-pajjiż.

B'mod simili, il-Pjan ta' Azzjoni approvat fid-9 ta' Novembru 2011 mill-Gvern sabiex jissimplifika l-kundizzjonijiet għall-immigrazzjoni ta' barranin għal raġunijiet ta' xogħol u jiffaċilita l-applikazzjoni għal residenza minn investituri barranin (Digriet Nru 106) ġie tradott fl-2012 f'emendi leġislattivi importanti għal-Liġi tal-2010 dwar il-Persuni Barranin, għal-Liġi tal-2008 dwar il-Migrazzjoni għax-Xogħol u għal-Liġi tal-2007 dwar l-HIV. Dawn l-emendi neħħew dispożizzjonijiet diskriminatorji preċedenti u effettivament jabolixx restrizzjonijiet ta' residenza u vjaġġar għall-persuni barranin li jgħixu bl-HIV/AIDS. Barra minn hekk, l-

emendi għal-Liġi dwar l-HIV jikkonċentraw fuq miżuri ta' prevenzjoni li għandhom l-għan li jnaqqsu l-vulnerabbiltà tan-nisa fir-rigward tal-infezzjoni tal-HIV, b'mod partikolari billi jiġu promossi programmi u azzjoni għall-pajjiż kollu bħala appoġġ għall-edukazzjoni u għall-ugwaljanza bejn is-sessi. Ġew introdotti wkoll miżuri li jiżguraw il-kunfidenzjalità ta' dejta medika minn istituzzjonijiet mediċi, u l-protezzjoni mill-amministrazzjoni pubblika ta' dejta personali rigward persuni infettati bl-HIV.

- **Aċċess sħiħ u effettiv għal dokumenti tal-ivjaġġar u tal-identità għaċ-ċittadini kollha Moldovani inklużi n-nisa, it-tfal, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni li jappartjenu għall-minoritajiet u gruppi vulnerabbli oħra.**

Ġew stabbiliti miżuri speċifiċi li jiffaċilitaw il-ħruġ ta' dokumenti tal-identità għall-minorenni u kategoriji vulnerabbli tas-soċjetà. Fl-2009, il-Gvern għamel l-ewwel applikazzjoni għall-karti tal-identità mingħajr ħlas (id-Deċiżjoni Nru 844 tat-18 ta' Diċembru 2009); kull sena f'April jew f'Mejju ssir kampanja ta' informazzjoni ("Karti tal-Identità għal Ċittadini Żgħażaġħ"). Fl-2011, 6 699 persuna rċevew l-ewwel dokumenti tal-identità tagħhom. Minn dik is-sena, il-Ministeru tat-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni żamm rekord u għamel analiżi tal-każijiet tar-rifjut tal-ħruġ ta' dokumenti tal-identità; din il-valutazzjoni li hija użata sabiex tiggwida l-implimentazzjoni ta' miżuri li jiffaċilitaw l-aċċess għall-identità għaċ-ċittadini kollha tal-Moldova, issir kull tliet xhur.

Il-kategoriji ta' persuni li jibbenefikaw mill-aċċess iffaċilitat għal dokumenti tal-identità jinkludu wkoll persuni b'diżabbiltajiet serji, aċċetwati jew ta' grad medju; veterani tal-WWII u persuni assimilati, likwidaturi tal-aċċident ta' Ċernobil u persuni assimilati u persuni midruba matul il-kunflitt militari fit-Transnistria. Għal dawn il-kategoriji, id-dokumenti tal-identità jistgħu jinħarġu mingħajr ħlas mal-ewwel dokumentazzjoni; dan il-benefiċċju huwa permanenti għall-persuni b'diżabbiltà. Ħruġ mingħajr ħlas ta' karta tal-identità u passaport bħala l-ewwel dokumentazzjoni huwa pprovdut ukoll lill-vittmi tal-għargħar tas-sajf 2010 (benefiċċju ta' darba); u trabi sa sena għandhom jirċievu kura tas-saħħa barra mill-pajjiż, abbażi ta' awtorizzazzjoni minn qabel mill-Ministeru tas-Saħħa (hija prevista proċedura mgħaġġla ta' ħruġ ta' dokumenti għal tali każijiet).

Minn Jannar 2012, ġew stabbiliti ufficiċċji mobbli ta' dokumentazzjoni u kunsinna d-dar ta' dokumenti tal-identità għall-persuni b'diżabbiltajiet. Is-servizzi mobbli huma b'xejn għal tfal taħt sena li jkollhom bżonn trattament mediku barra mill-pajjiż (abbażi ta' riferimenti mill-Ministeru tas-Saħħa) u għall-persuni b'diżabbiltajiet serveri (abbażi ta' riferimenti mill-Ministeru tas-Saħħa jew il-Ministeru tax-Xoġhol, il-Protezzjoni Soċjali u l-familja). Fl-2012, l-ufficiċċji mobbli tad-dokumentazzjoni kkunsinna 155 dokument tal-identità; u 108 dokument ġew ipprovduti permezz tal-użu tas-servizz tal-kunsinna d-dar.

Għall-persuni mingħajr stat, l-ostakli li baqa' għall-akkwist taċ-ċittadinanza (abbażi ta' priġunerija preċedenti għal reati premeditati jew prosekuzzjoni kriminali matul l-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni) tneħħew mill-emendi għal-Liġi tal-2000 dwar iċ-Ċittadinanza adottata mid-9 ta' Ġunju 2011. Mill-1 ta' Mejju 2011 sal-31 ta' Marzu 2013, 52 persuna mingħajr Stat kisbet iċ-ċittadinanza tal-Moldova.

Rigward il-minoritajiet etniċi, l-awtoritajiet tal-Moldova matul iż-żmien irnexxielhom jistabbilixxu sett ta' miżuri li relattivament għamlu suċċess sabiex il-politika ta' integrazzjoni tagħhom tas-soċjetà multietnika tal-Moldova, idawruha fi prattika. Wara l-2009, il-Programmi tal-Attività tal-Gvern 2011-2014 u 2013-2015 "Integrazzjoni Ewropea: Libertà, Demokrazija, Bennesseri" inkludew kapitolu speċifiku dwar "Minoritajiet Nazzjonali" fejn il-Gvern impenja ruħu għall-għanijiet li ġejjin: li jippreserva u jiżviluppa l-wirt kulturali u lingwistiku tal-persuni kollha li jappartjenu lill-minoritajiet nazzjonali, sabiex jimplementaw politika statali koerenti u multidimensjonali b'relazzjoni ma' persuni li jappartjenu għal minoritajiet

nazzjonali; u sabiex jirrevedu l-qafas legali, sabiex jiffaċilitaw l-integrazzjoni ta' persuni li jappartjenu għal minoritajiet nazzjonali fil-ħajja soċjali, amministrattiva, kulturali, politika u ekonomika tal-pajjiż.

Il-progress riċenti lejn dawn l-għanijiet, bħall-ewwel passi previsti fis-sistema edukattiva lejn l-edukazzjoni multilingwistika (pereżempju, fir-reġjun Awtonomu ta' Gagauzia), ħafna drabi inkiseb b'kooperazzjoni mal-korpi internazzjonali ta' monitoraġġ (bħall-Kunsill tal-Kumitat ta' Konsulenza tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Konvenzjoni Kwadru għall-Protezzjoni ta' Minoritajiet Nazzjonali) u minkejja qafas legali relattivament skadut (il-liġi dwar l-użu ta' Lingwi fit-territorju tar-Repubblika tal-Moldova tmur lura għall-1989 u l-Liġi dwar id-Drittijiet tal-Persuni li jappartjenu għall-Minoritajiet Nazzjonali tmur lura għall-2001). Ir-Repubblika tal-Moldova fl-1996 rratifikat il-Konvenzjoni Kwadru tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni ta' Minoritajiet Nazzjonali, u sa issa llimitat ruħha għall-iffirmar fl-2002 tal-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali u tal-Minoritajiet ("il-Karta"). Fi Frar 2012, madankollu daħlu dinamiki ġodda, meta l-Gvern waqqaf grupp ta' Ħidma dwar ir-ratifikkazzjoni tal-Karta, bl-għan li jibda l-abbozzar tal-Karta bħala strument ta' ratifikazzjoni. L-awtoritajiet rappreżentati mill-Uffiċċju tar-Relazzjonijiet Interetniċi, minn dak inhar għamlu stima preliminari tal-kost tar-ratifikkazzjoni u qed jaħdmu b'mod attiv lejn ir-ratifikkazzjoni tal-Karta.

Rigward b'mod partikolari l-minorità tar-Roma (0.4 % tal-popolazzjoni skont iċ-ċensiment tal-2004), il-Ministeru tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni segwa programm ta' ħidma sistematiku sabiex jidentifika l-oqsma ta' residenza kumpatta u sabiex jirfina l-informazzjoni statistika dwar il-poplu Roma fir-Reġistru tal-Istat tal-Popolazzjoni ("Ir-Reġistru"). It-terminu "Rom" ġie introdott fir-Reġistru bħala għażla għal "membru etniku", u għamilha iktar faċli għall-membri tal-minorità Roma sabiex jidentifikaw u jiddikjaraw ruħhom (qabel, it-terminu "Tsygan", li għal ħafna għandu tifsira peġġorattiva, kien l-uniku terminu propost għall-identifikazzjoni).

Barra minn hekk, minħabba li nuqqas ta' dokumenti għandu impatt negattiv fuq it-tgawdija ta' drittijiet soċjali u ekonomiċi, l-awtoritajiet tal-Moldova għandhom l-intenzjoni li kontinwament jindirizzaw il-kwistjoni li jipprovdu lill-poplu kollu Roma li jirrisjedi fir-Repubblika tal-Moldova b'dokumenti tal-identità. Fl-2012, il-Gvern eżenta liċ-ċittadini tal-etniċità tar-Roma mit-tariffi għall-ħruġ ta' dokumenti għal perjodi ta' sitt xhur mill-1 ta' Ottubru 2012 (id-Deċiżjoni n. 497 tas-6 ta' Lulju 2012). Sussegwentement seħħew erba' kampanji ta' informazzjoni permezz tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, l-istituzzjonijiet edukattivi, l-NGOs Roma u l-midja elettronika sabiex jinkoraġġixxu lill-poplu Roma biex japplika għal dokumenti ta' identifikazzjoni u benefiċċji soċjali. Bis-saħħa ta' dawn il-miżuri, 959 individwu ġew ipprovduti b'karti tal-identità ġodda. Kumplessivament, fl-2012 inħarġu 2 521 dokument tal-identità għall-persuni Roma, b'applikazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar Persuni li jappoġġjaw lir-Roma, il-proċess tal-ħruġ ta' dokumenti tal-identità għall-persuni Roma (evidenza u dokumentazzjoni) huwa mmonitorjat b'mod permanenti mis-subdiviżjonijiet territorjali tal-Ministeru tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni.

Rigward ir-reġistrazzjoni ta' trabi, b'mod partikolari sabiex jiġu evitati każijiet possibbli ta' reġistrazzjoni nieqsa ta' tarbi ġodda Roma, il-Ministeru tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (Ordni Komuni Nru 114/476 tat-12 ta' Diċembru 2008) stabbilixxa mekkaniżmu għall-ħruġ ta' ċertifikati fl-istituzzjonijiet mediċi, u stabbilixxa ufficiċċji għar-reġistrazzjoni sussegwenti ta' tfal fl-isptarijiet tal-maternità.

- **Implimentazzjoni effettiva ta' leġiżlazzjoni u politiki kontra d-diskriminazzjoni, l-implimentazzjoni ta' strumenti rilevanti tal-NU u tal-Kunsill tal-Ewropa;**

Il-Liġi tal-25 ta' Mejju 2012 dwar l-Assikurazzjoni tal-Ugwaljanza daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013. Flimkien ma' pakkett ta' atti leġiżlattivi, inkluża l-Liġi dwar l-Inklużjoni Soċjali ta' Persuni b'Diżabbiltajiet u emendi għall-Kodiċi Kriminali, adotta fil-ħin mill-Parlament, u l-atti ta' implimentazzjoni tagħhom, hija tikkostitwixxi s-sisien għall-qafas kontra d-diskriminazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova. Madankollu, tista' tkun ipprovduta evidenza li l-awtoritajiet tal-Moldova impenjaw ruħhom li jimplimentaw mingħajr dewmien programm robust ta' azzjonijiet u inizjattivi li jippromwovu u jispjegaw il-kontenut tal-qafas legali ġdid għall-maġistrati, l-avukati, l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u l-pubbliku ġenerali. Ir-riżultati ta' dawn l-isforzi diġà jidhru, speċjalment bis-saħħa tal-involviment bikri f'dan l-isforz tal-istituzzjonijiet rilevanti kompetenti bħall-Ombudsman / iċ-Ċentru għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Istitut Nazżjonali tal-Ġustizzja, xi wħud minnhom bi sħubija mal-UNDP, u l-għajnuna ta' għadd ta' NGOs u msieħba internazzjonali. F'Novembru 2012, l-Istitut Nazżjonali tal-Ġustizzja organizza taħriġ reġjonali għal 255 imħallef u 42 prosekutur dwar "Interpretazzjoni u infurzar tal-Liġi sabiex tiġi żgurata l-Ugwaljanza". Dan it-taħriġ ġdid se jsir matul din is-sena.

Wara talba tal-MJ, fis-6 ta' Diċembru 2012, l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem bi sħubija mal-Istitut Nazżjonali tal-Ġustizzja, organizza kors pilota ta' taħriġ għal 30 imħallef u prosekutur. Għall-2013, hemm ippjanati sitt seminars ta' taħtiġ li minnhom diġà saru tlieta (90 imħallef u prosekutur). Barra minn hekk, iċ-Ċentru tal-Liġi tal-Avukati bi sħubija mal-Assoċjazzjoni tal-Bar fl-2013 organizza serje ta' sessjonijiet ta' taħriġ għal 200 avukat (mir-reġjuni kollha tar-Repubblika tal-Moldova) dwar dispożizzjonijiet nazżjonali u internazzjonali dwar nondiskriminazzjoni, dwar ġurisprudenza f'dan il-qasam tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u dwar il-provvediment ta' assistenza ġuridika lill-vittmi ta' diskriminazzjoni. L-inizjattiva saret fil-kuntest ta' proġett ("Nikkonsolidaw l-għarfien tal-avukati dwar każijiet ta' diskriminazzjoni") ifffinanzjat mill-Fondazzjoni Soros, li ġie konkluż b'konferenza għan-nazzjon kollu dwar "Ir-rwol tal-avukati fl-indirizzar tal-każijiet ta' diskriminazzjoni – esperjenza Ewropea fil-prattika" (id-19 ta' April 2013).

L-awtoritajiet tal-Moldova għamlu wkoll sforzi sinifikanti sabiex jagħmlu operattiv element ewlieni għall-implimentazzjoni tal-Liġi sabiex tiġi Żgurata l-Ugwaljanza, il-Kunsill tal-Ugwaljanza. Il-funzjonament effettiv tal-Kunsill u l-abbiltà tiegħu li jwettaq l-obbligi tiegħu b'mod indipendenti u parzjali huma komponenti ewlenin għall-proċess ta' implimentazzjoni. Fis-7 ta' Marzu ġew maħtura żewġ membri u t-tlieta li baqa' ġew maħtura fl-10 ta' Ġunju. Matul id-djalogu bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tas-16 ta' April 2013, l-awtoritajiet tal-Moldova kkonfermaw l-impenn tagħhom li jagħmlu l-Kunsill tal-Ugwaljanza operattiv sal-ħarifa 2013. Il-MJ jantiċipa li l-baġit tal-Kunsill tal-ugwaljanza jippermetti l-finanzjament ta' 20 impjegat full-time fil-fażi inizjali.

Fl-2012, ir-Repubblika tal-Moldova rrikonoxxiet il-kompetenza tal-Kumitat tan-NU dwar l-eliminazzjoni ta' Diskriminazzjoni Razzjali li jirċievi komunikazzjonijiet individwali taħt l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni tal-forom kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali. Wara l-adozzjoni tal-Liġi sabiex tiġi Żgurata l-Ugwaljanza, l-awtoritajiet Moldovani kkunsidraw ukoll li jirratifikaw il-Protokoll Nru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali.

Minbarra l-Liġi sabiex tiġi Żgurata l-Ugwaljanza, riformi importanti oħra kienu adottati fl-2012 sabiex jiġi żgurat il-qafas leġiżlattiv li jiżgura nondiskriminazzjoni b'konformità mal-istandards internazzjonali u Ewropej. Il-Liġi tal-2007 dwar l-HIV ġiet emendata sabiex taqdi għan doppju: a) li jitneħħew id-dispożizzjonijiet diskriminatorji kontra persuni affettwati bl-HIV f'oqsma differenti, inkluża t-tneħħija ta' restrizzjonijiet fuq l-ivjaġġar u r-residenza permanenti għall-barranin, u b) li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-privatezza u tal-kunfidenzjalità. Dawn l-emendi effettivament ġew implimentati.

Barra minn hekk, il-Liġi dwar l-Inklużjoni Soċjali tal-Persuni b'Diżabbiltajiet (liġi n. 60 tat-30 ta' Marzu 2012) daħlet fis-seħħ, u allinjat il-qafas legali tal-Moldova mal-obbligi tal-pajjiż li jirriżultaw mir-ratifikkazzjoni tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà (UNCRPD). Din il-liġi ġdida u wiesgħa tapplika mhux biss għaċ-ċittadini tal-Moldova iżda wkoll għaċ-ċittadini barranin b'diżabbiltajiet li għandhom ir-residenza ġuridika tagħhom fir-Repubblika tal-Moldova. Il-liġi tipprevedi kooperazzjoni bejn l-Istat u s-soċjetà ċivili. Skont din tal-aħħar, l-awtoritajiet tal-Moldova qed jaħdmu b'mod attiv fuq l-implimentazzjoni ta' miżuri biex jgħaddu minn mudell "mediku" għal mudell "soċjali" għad-determinazzjoni ta', u sabiex jiġu indirizzati d-diżabbiltajiet u d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, u dwar l-allokkazzjoni tar-riżorsi baġitarji neċessarji.

Madankollu, diġà ġew adottati għadd ta' miżuri sabiex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 60 dwar l-integrazzjoni fil-qasam tal-impjeg (Kapitolu V) u speċjalment id-dispożizzjoni li tistabbilixxi kwota ta' 5% ta' impjegati li għandhom jiġu reklutati minn kumpaniji ta' daqs medju u kbar (iktar minn 20 impjegat) fost persuni b'diżabbiltajiet b'rakkomandazzjoni ta' impjeg mill-Kunsill Nazżjonali għad-Determinazzjoni tad-Diżabbiltajiet u tal-Kapaċità tal-Impjeg. Il-Ministeru tax-Xogħol, tal-Protezzjoni Soċjali u tal-Familja nieda r-reklutaġġ ta' 43 uffiċjali li għandhom jaħdmu fl-uffiċċji lokali kollha tal-Aġenzija nazżjonali għall-Impjeg bl-għan li jipprovdur assistenza personalizzata lill-persuni b'diżabbiltajiet fil-proċess tar-reklutaġġ tal-impjeg, bil-parteciġipazzjoni ta' assoċjazzjonijiet ad hoc, trejdunjins u min iħaddem.

Fis-26 ta' Diċembru 2012, ġiet adottata mill-Parlament il-Liġi Nru 306 "li temenda u tikkompleta xi atti ġuridiċi"; hija introduċiet fil-Kodiċi ta' Kontravvenzjoni reati amministrattivi ġodda ta' diskriminazzjoni fir-rigward ta' xogħol, diskriminazzjoni fl-edukazzjoni u diskriminazzjoni rigward l-aċċess għal servizzi u oġġetti pubbliċi.

Barra minn hekk, ġiet riveduta l-leġiżlazzjoni kriminali dwar "reati ta' mibegħda". L-Artikolu 176 tal-Kodiċi Kriminali ("ksur tal-ugwaljanza") ġie riformulat sabiex jiddefinixxi aħjar l-elementi li jikkostitwixxu reat kriminali ("distinzjoni, esklużjoni, restrizzjoni jew preferenza" minflok ksur "mhux speċifiku"). Madankollu, xi aspetti għadhom ma jikkonformawx mal-istandards ta' speċifiċità u prevedibbiltà; barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni kriminali li tkopri "reati ta' mibegħda", tibqa' implimentata b'mod rari mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u mill-awtoritajiet ġudizzjarji. B'kuntrast, il-litigazzjoni ġudizzjarja fil-każijiet ta' liġi ċivili jirriflettu dinamika attiva fis-soċjetà Moldovana, li tirrifletti l-politika proattiva tal-gvern, permezz tar-rekord li tfaċċa ta' attività ta' litigazzjoni mibdija mis-soċjetà ċivili u istituzzjonijiet tal-istat dwar każijiet ta' diskriminazzjoni, li wasslet għal deċiżjonijiet li jstabbilixxu preċedent mill-qrati domestiċi u li jqajmu kuxjenza dwar din il-kwistjoni fost il-pubbliku ġenerali.

Barra minn hekk, fid-dawl tad-Deċiżjoni ta' Ġunju 2012 tal-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem fil-kawża Genderdoc-M (applikazzjoni n. 9106/06), l-awtoritajiet ċentrali u l-muniċipalitá ta' Chisinau wrew ir-rieda tagħhom li jiżguraw id-dritt għal-libertá tal-assemblea għall-persuni LGBTI, kif jidher mill-marċijiet li għamlu suċċess li l-komunitá LGBTI organizzat fl-14 ta' Frar u fid-19 ta' Mejju 2013. Dawn il-marċijiet kienu l-ewwel marċijiet li saru fl-istorja tar-Repubblika tal-Moldova f'kundizzjonijiet siguri, taħt il-protezzjoni effettiva tal-pulizija.

Għandu jkun imsemmi l-pass pożittiv li sar rigward il-persuni transesswali u d-drittijiet tagħhom għar-rikonoxximent ġuridiku għat-tibdil tal-isem u l-ġeneru legali. Fit-2 ta' Novembru 2012, il-Qorti Suprema ħarġet ir-rakkomandazzjonijiet Nru 16 tagħha dwar il-proċedura ta' eżaminazzjoni għal ilmenti rigward it-rettifikkazzjoni tal-att dwar l-istatus ċivili wara li tkun saret operazzjoni kirurġika ta' tibdil tas-sess. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet

jirriflettu b' mod korrett u ċar il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li tistabbilixxi r-rifjut tar-rikonnoxximent wara l-operazzjoni tal-istatus ċivili bħala ksur tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja). Dan l-isforz, filwaqt li għandu jiġi mfaħħar, ma jidhirx li jsołvi għalkollox il-kwistjoni: dispożizzjonijiet ġuridiċi oħra jidhru li jkomplu jagħtu raġun lill-uffiċċji tar-Reġistru tal-Istatus Ċivili li jirrifjutaw li jemendaw l-istatus ċivili ta' persuna wara t-tibdil tal-ġeneru tiegħu/tagħha, bil-konsegwenza tal-bżonn għalih/għaliha li jikkontesta/tikkontesta d-deċizzjoni fil-qorti.

Fil-qasam ġudizzjarju, bħala riżultat tad-dibattitu pubbliku jaħraq fl-2011-2012 u bħala sinjal ta' dinamika iktar attiva fis-soċjetà Moldovana, dwar kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni, is-sena 2012 kienet xhieda ta' attivitajiet ta' litigazzjoni notevoli dwar każijiet ta' diskriminazzjoni. Xi każijiet ikkjarifikaw il-limiti tal-libertà tal-espressjoni fil-każ ta' "diskors ta' mibegħda", fost każijiet oħra f'ċirkostanzi ta' defamazzjoni u dikjarazzjonijiet infjammatorji kontra persuni Roma u LGBTI jew il-pubblikazzjoni fuq websajts ta' "listi suwed" ta' figuri pubbliċi "jippromwovu l-omosesswalità". Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-Qorti ġġudikat dawn il-każijiet f'konformità mal-istandards Ewropej u internazzjonali fir-rigward tal-limiti leġittimi tal-libertà tal-espressjoni f'każijiet ta' disseminazzjoni ta' mibegħda etnika, reliġjuża, jew soċjali ('diskors ta' mibegħda'); f'xi każijiet, iddeċidew ukoll li jagħtu kumpens lill-atturi.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Appell ta' Chisinau rrifjutat ilment imressaq minn organizzazzjoni reliġjuża kontra d-deċizzjoni ta' 'Teleradio Moldova' li jxandar dokumentarju dwar id-drittijiet tal-LGBTI bħala drittijiet tal-bniedem, bir-raġunar li l-attur ipprova "jinforza interdizzjoni għal-libertà tal-espressjoni u opinjoni dwar suġġett relatat mad-drittijiet tal-minoritajiet sesswali". Ir-reazzjoni tal-organizzazzjonijiet ċivili u l-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll il-miżuri diskriminatorji kontra individwi LGBTI u membri ta' minoritajiet reliġjużi adottati minn xi kunsilli lokali, inkluż il-Kunsill tal-Belt ta' Balti, kienu daqstant ieħor effettivi. Fit-28 ta' Frar 2013, il-Qorti tal-Appell ta' Balti ddeċidiet li l-istabbiliment minn dan tal-aħħar ta' "żona ta' appoġġ speċjali għall-Knisja Ortodossa tal-Moldova" u l-projbizzjoni ta' "propaganda aggressiva ta' orjentazzjoni sesswali mhux tradizzjonali", kienu jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Rigward id-deċizzjonijiet diskriminatorji adottati minn xi kunsilli lokali oħra, il-Kancellarija tal-Istat innotifikat lill-awtoritajiet ikkonċernati dwar l-illegalità tad-deċizzjonijiet tagħhom u bdiet il-proċeduri legali relatati. Konsegwentement, id-deċizzjonijiet kollha tal-muniċipalitajiet lokali ġew ikkanċellati mill-awtoritajiet li ħarġuhom jew ġew iddikjarati illegali mill-qrati rispettivi. L-istess approċċ qed jiġi segwit mill-Ombudsmen fil-każ tal-liġi "li tiżgura l-prinċipji tal-ugwaljanza, l-ekwità u oġġettività" adottata fit-30 ta' April 2013 mill-Assemblea tal-Poplu tal-Awtonomija ta' Gagauz, li ddaħħal ukoll fil-kwistjoni xi wħud mid-drittijiet stabbiliti mil-Liġi sabiex tiġi Żgurata Ugwaljanza, speċjalment fir-rigward tad-drittijiet tax-xogħol għall-persuni LGBTI.

- **Implimentazzjoni effettiva tal-miżuri tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni (inkluża l-allokkazzjoni ta' riżorsi adegwati), is-sensibilizzazzjoni ġenerali kontra r-razziżmu, l-ksenofobija, kontra s-Semitiżmu u forom oħra ta' diskriminazzjoni; it-tisħiħ tal-korpi responsabbli għall-politika kontra d-diskriminazzjoni u l-mitigazzjoni tar-razziżmu, il-ksenofobija u kontra s-Semitiżmu;**

Fis-27 ta' Diċembru 2012, il-Parlament adotta emendi għall-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Pjan ta' Azzjoni"), imħejji flimkien mal-awtoritajiet u s-soċjetà ċivili sabiex jiġu kkunsidrati żviluppi ġodda, bħall-eżitu tar-Reviżjoni Perjodika Universali (rapport finali ta' Marzu 2012) u rakkomandazzjonijiet internazzjonali oħra. Wara dan l-eżerċizzju, ġew inklużi kapitoli ġodda bħal: il-Prevenzjoni ta', u l-Ġlieda kontra d-

diskriminazzjoni; il-Libertà tal-Ħsieb, il-Kuxjenza u r-Reliġjon; u d-drittijiet tal-persuni mingħajr stat, il-migranti, ir-refuġjati u dawk li qed ifittxu ažił. Fid-djalogu bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tas-16 ta' April 2013, l-awtoritajiet tal-Moldova kkonfermaw il-prijorità li jagħtu lill-implimentazzjoni kontinwa tal-Pjan ta' Azzjoni – b'finanzjament adegwat – u l-monitoraġġ tiegħu.

Dan tal-aħħar huwa koordinat minn kummissjoni ad hoc għall-Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (“il-kummissjoni nazzjonali”) bl-appoġġ tekniku tal-MJ, kif ukoll mill-Kumitat Parlamentari Permanenti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Huwa bbażat fuq sett ta' indikaturi tal-prestazzjoni u jinkludi valutazzjoni kwalitattiva u mekkaniżmu ta' rispons; huwa wera li 85 % tal-azzjonijiet ippjanati għall-2012 intemmu jew fl-aħħar tas-sena kienu jinsabu għaddejjin. Il-kummissjoni nazzjonali tablet iktar involviment mill-35 kunsill distrettwali tal-pajjiż. Hija żiedet ukoll kapitolu finanzjarju separat għall-Pjan ta' Azzjoni, fejn l-awtoritajiet nazzjonali u lokali ntalbu jindikaw is-sorsi tal-finanzi, interni jew esterni, allokatu jew meħtieġa sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni sħiħa; kooperazzjoni mal-imsieħba nazzjonali u internazzjonali baqgħet fattur importanti għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni. L-awtoritajiet tal-Moldova riċentiment iddeċidew li jistiednu rappreżentanti tal-Kunsill tal-Ewropa, l-NU, l-UE, l-OSCE, NGOs nazzjonali u internazzjonali sabiex jipparteċipaw fil-kummissjoni nazzjonali.

Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Appoġġ għall-poplu Roma 2011-2015, li ġie rivedut fl-2012 b'konsultazzjoni ma' msieħba internazzjonali oħra, jagħmel impatt kbir fuq il-politiki tar-Repubblika tal-Moldova fir-rigward tar-Roma peress li jiffoka fuq l-inklużjoni soċjali milli jillimita ruħu għall-promozzjoni tal-kultura tar-Roma. L-istituzzjonalizzazzjoni tal-medjaturi tal-komunità Roma huwa pass importanti lejn integrazzjoni aħjar tal-poplu Roma. Ix-xogħol tan-netwerk ta' medjaturi tal-komunità Roma, li issa jirċievu salarju mill-baġit tar-Repubblika tal-Moldova għandu jkun pass kardinali għall-istrateġija intenzjonata ta' inklużjoni soċjali, abbażi ta' sforzi kkombinati tal-awtoritajiet ċentrali u lokali, il-parteċipazzjoni attiva tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet internazzjonali (bħall-UNICEF), u b'allokazzjonijiet finanzjarji adegwati. Inħatru 15-il medjatur tal-komunità, li huma ffinanzjati għalkollox mill-baġit tal-istat. Sal-2015, dan in-numru huwa pplanat li jilħaq l-oġġla livell ta' 47 medjatur tal-komunità. B'appoġġ għall-istrateġija li tingħata iktar setgħa lin-nisa Roma, 13 minn dawn il-15-il medjatur inizjali tal-komunità huma nisa. Bħala żvilupp pożittiv biex tiżdied il-kapaċità u s-sensibilizzazzjoni tal-awtoritajiet tal-Moldova sabiex jindirizzaw il-kwistjoni tal-inklużjoni soċjali tar-Roma, ġiet stabbilita kariga ta' konsulent speċjali għall-Prim Ministru dwar kwistjonijiet tar-Roma f'Novembru 2012.

Rigward l-istituzzjonijiet, l-importanza li jiġi żgurat rispettu għad-drittijiet tal-bniedem fis-settur tal-ġustizzja ġie riaffirmat bħala wieħed mill-pilastru tal-Istrateġija komprensiva fuq skala kbira għar-riforma tas-sistema tal-ġustizzja 2011-2016 u l-Pjan ta' Azzjoni relatat. L-ewwel mewġa ta' emendi leġislattivi, adottata f'Lulju 2012, saħħet il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura u b'mod partikolari saħħet is-setgħat dixxiplinarji tiegħu; huma laħqu wkoll l-għan li jallokaw lill-imħallfin b'mod iktar effiċjenti u flessibbli, skont il-volum ta' xogħol u l-volum ta' każijiet fi qrati partikolari u distretti, u b'mod li titnaqqas il-persjoni tax-xogħol tal-imħallfin billi tinħoloq il-pożizzjoni ta' assistent tal-imħallef. Is-sistema ta' għajnuna ġuridika, stabbilita fl-2008 u organizzata madwar il-Kunsill Nazzjonali ta' Għajnuna Legali, tġiebet ukoll. Il-Gwida dwar Għajnuna Ġuridika Garantita mill-Istat ippubblikata fl-2010 bl-appoġġ tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Kummissjoni Ewropea komplet titwassal għand l-istituzzjonijiet rilevanti u speċjalisti li jipprovdu għajnuna ġuridika, filwaqt li kien disponibbli għall-pubbliku ġenerali f'faxxiklu fil-qosor li jipprovdi spjegazzjonijiet dwar tipi ta' għajnuna ġuridika u proċeduri ġuridiċi għat-talba u l-kunsinna tiegħu.



Barra minn hekk, il-provvediment ta' għajnuna ġuridika ġie ddiversifikat billi difensuri pubbliċi jaħdmu ma' avukati privati li huma lesti li jagħtu għajnuna ġuridika fuq bażi kuntrattwali fil-ħames uffiċċji territorjali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Għajnuna Ġuridika. NGOs akkreditati se jkunu jistgħu wkoll jipprovdu għajnuna legali f'każijiet ċivili; paralegali u NGOs se jipprovdu għajnuna ġuridika primarja (informazzjoni bażika dwar il-liġi u assistenza fl-abbozzar ta' atti differenti, minbarra atti proċedurali għal proċeduri fil-qorti). Mill-1 ta' Jannar 2012, sar possibbli għall-atturi biex japplikaw għal għajnuna ġuridika anke f'każijiet ċivili; tali għajnuna hija disponibbli għal persuni li ma għandhomx mezzi biex ikollhom avukat u li l-każ tagħhom għandu ċertu kumplessità legali jew proċedurali.

L-istrateġija għar-riforma tas-settur tal-ġustizzja tagħti importanza xierqa lir-riforma tal-istituzzjoni tal-Ombudsman, iċ-Ċentru għad-Drittijiet tal-Bniedem ("iċ-Ċentru") bl-għan li tissaħħaħ l-effettività u l-indipendenza tiegħu kif ukoll dawk tal-Mekkaniżmu nazzjonali relatat mal-Prevenzjoni tat-Tortura (f'Novembru 2009, iċ-Ċentru għad-Drittijiet tal-Bniedem irċieva status "B" mill-Komitat Internazzjonali ta' Koordinazzjoni tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, li jindika konformità parzjali mal-prinċipji ta' Pariġi). Grupp ta' ħidma ad hoc għamel studju ddettaljat dwar l-attività taċ-Ċentru, inkluża evalwazzjoni dwar il-prestazzjoni ta' dan tal-aħħar, il-bżonnijiet finanzjarji u miżuri possibbli għall-ottimizzazzjoni tal-attivitajiet tiegħu. Abbażi tal-konklużjonijiet tiegħu, u bl-involvement ta' msieħba internazzjonali (bħall-konsulent lokali tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar it-Tortura) u NGOs lokali, il-MJ ipprepara abbozz ta' leġiżlazzjoni dwar ir-riorganizzazzjoni taċ-Ċentru, l-għażla u n-nomina ta' Ombudsperson(s), u l-istabbiliment tal-grad ta' awtonomija ta' dan tal-aħħar u l-ħatra tal-persunal taċ-Ċentru, u b'hekk tiġi fformata l-organizzazzjoni interna tal-istruttura u l-indirizzar ta' kwistjonijiet baġitarji. F'dan l-istadju l-abbozz ta' liġi ġie ppreżentat għall-konsultazzjoni pubblika.

Fl-istess ħin, iċ-Ċentru għamel l-isforzi tiegħu biex itejjeb l-effettività u l-kredibbiltà tar-rwol tiegħu. Huwa beda juża l-prerogattiva tiegħu biex jivverifika l-kostituzzjonalità ta' liġijiet speċifiċi quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u jibda pożizzjonijiet legali quddiem il-Qorti jew biex jintervjeni fi proċeduri ġudizzjarji fil-forma ta' "*amicus curiae*", inkluż fi proċeduri kontra d-diskriminazzjoni. Iċ-Ċentru fetaħ ċentru reġjonali f'Varnita, subborg ta' Bender ikkontrollat mir-Repubblika tal-Moldova, fiż-żona magħrufa bħala Żona ta' Sigurtà, bl-għan li jiġu indirizzati talbiet tal-popolazzjoni lokali u sabiex titjeb il-kooperazzjoni mal-istituzzjoni korrispondenti tal-ombudsman fi "Transnistria".

#### **(b) Rakkomandazzjonijiet tal-Valutazzjoni tal-Impatt**

- *Titkompla l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni 2011-2014 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u jitkompla jintalab l-involvement tal-komunità internazzjonali fl-indirizzar ta' kwistjonijiet tal-minoritajiet.*

L-awtoritajiet tal-Moldova wrew impenn konsistenti fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni 2011-2014 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. F'Marzu 2013, beda jitħejja abbozz tal-emendi għad-digriet tal-gvern li jstabilixxi Kummissjoni Nazzjonali għall-Implimentazzjoni tad-Drittijiet tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem sabiex jistieden organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Kunsill tal-Ewropa, in-NU, l-UE, l-OSCE kif ukoll NGOs internazzjonali sabiex jipparteċipaw fil-ħidma ta' monitoraġġ u valutazzjoni. L-intenzjoni tal-awtoritajiet tal-Moldova kienet li jipproċedu malajr b'tali stedina wara li jkun inħatar gvern ġdid.

- *Tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva ta' leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, b'konformità mal-istandards Ewropej u internazzjonali, speċjalment billi jinħarġu linji gwida komprensivi u billi jitwaqqaf Kunsill għall-Ugwaljanza li jkun jiffunzjona.*

Kif diġà ġie diskuss b'mod estensiv fit-taqsimha preċedenti, l-awtoritajiet tal-Moldova, l-istituzzjonijiet ġudizzjarji, is-soċjetà ċivili u l-popolazzjoni b'mod ġenerali juru livell għoli ta' sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet kontra d-diskriminazzjoni, suġġett li għadu kontroversjali fis-soċjetà. Ftit wara li ġiet adottata l-Liġi sabiex tiġi Żgurata l-Ugwaljanza ttieħdu għadd ta' miżuri ta' implimentazzjoni, speċjalment programm qawwi edukattiv u ta' taħriġ li jipprovdi l-implimentazzjoni tal-linji gwida lill-ġuristi u li jinfirmaw lill-pubbliku ġenerali; deċiżjonijiet amministrattivi jew atti ġuridiċi reġjonali li jopponu l-Liġi sabiex tiġi Żgurata l-Ugwaljanza jiġu rrevokati permezz ta' mezzi ġuridiċi; u fir-rigward tal-ġurisprudenza nazzjonali li qed titfaċċa li qed tiġi allinjata mad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

- *Isostni l-isforzi finanzjarji tiegħu sabiex jimplimenta l-Pjan ta' Azzjoni 2011-2015 dwar Appoġġ għar-Roma b'mod effettiv u konsistenti.*

Kif ġie indirizzat fit-taqsimha preċedenti, il-Pjan ta' Azzjoni 2011-2015 dwar Appoġġ għar-Roma ġie implimentat b'mod konsistenti. Għalkemm b'xi dewmien, l-impenn preċedenti tagħhom li jistituzzjonalizzaw lill-medjaturi tal-komunità Roma ġie msarraf f'impenji baġitarji effettivi fl-2013. Dwar din il-kwistjoni, kif ukoll dwar kwistjonijiet relatati b'mod ġenerali mad-drittijiet tal-bniedem, il-kooperazzjoni u l-appoġġ mill-komunità internazzjonali huwa fattur importanti sabiex jiġi żgurat suċċess tal-azzjonijiet ipplanati.

- *Tkompli l-kooperazzjoni tajba mal-awtoritajiet de facto f'Tiraspol, li tippermetti skambju ta' informazzjoni dwar il-ħruġ ta' dokumenti kif ukoll dwar aspetti tal-infurzar tal-liġi;*

Kif deskritt fil-parametru referenzjarju VLAP, il-ħruġ ta' dokumenti tal-identità għal residenti ta' Transnistria mill-awtoritajiet kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Moldova, isir abbażi ta' informazzjoni pprovduta taħt il-liġi Moldovana u vverifikata abbażi ta' informazzjoni li jkollhom fil-pussess tagħhom l-awtoritajiet kostituzzjonali.

Il-kooperazzjoni bejn Chisinau u Tiraspol dwar kwistjonijiet ta' infurzar tal-liġi ssir b'mod ad hoc abbażi ta' ftehim tal-1994. Dan il-ftehim madankollu ma jistax jiġi implimentat bħala tali fil-kuntest tal-progress tar-Repubblika tal-Moldova fi kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem peress li ma jipprovdi garanziji suffiċjenti dwar il-protezzjoni ta' dejta personali u rispett għad-drittijiet tal-bniedem ta' persuni suspettati mitluba għal investigazzjoni mill-awtoritajiet de facto ta' Transnistria; dan il-format jeħtieġ li jiġi rivedut. Xogħol fuq din il-kwistjoni ssokta fl-isfond tal-laqgħa "5+2" li saret f'Odessa, abbażi ta' abbozz propost mill-missjoni tal-OSCE għar-Repubblika tal-Moldova.

- *Jiżdiedu l-isforzi biex jingħelbu l-isfidi possibbli tas-sigurtà u l-migrazzjoni u jinstabu soluzzjonijiet possibbli għat-tisħiħ tal-kontroll mingħajr ħsara għall-proċess tan-negozjar tal-"5+2".*

F'Marzu 2013, id-Deputat Prim Ministru tal-Moldova għar-riintegrazzjoni (ir-rappreżentant politiku tar-Repubblika tal-Moldova fil-"5+2") informa permezz ta' ittra lill-amministrazzjoni de facto ta' Transnistria, lill-parteċipanti l-oħra fil-proċess "5+2" u lill-Kummissjoni għall-Kontroll Konġunt stabbilita mill-ftehim ta' waqfien mill-ġlied tal-1992 bejn ir-Russja u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-intenzjoni tar-Repubblika tal-Moldova li tistabbilixxi sitt punti ta' reġistrazzjoni tal-Uffiċċju tal-Moldova dwar il-konfini amministrattivi mat-"Transnistria", fiż-żona magħrufa bħala żona ta' sigurtà tal-kunflitt ta' Transnistria sabiex jiġu kkontrollati u mmonitorjati l-flussi tal-migrazzjoni permezz tas-segment ċentrali (ta' Transnistria) tal-fruntiera bejn ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna. L-informazzjoni pprovduta lil Tiraspol inkludiet fatti bażiċi dwar il-post, il-proċeduri, l-istituzzjonijiet responsabbli u aspetti rilevanti oħra.

F'April, wara r-reazzjoni negattiva tal-amministrazzjoni ta' Transnistria, id-Deputat Prim Ministru għar-riintegrazzjoni pprova kjarifiki addizzjonali bil-miktub mill-Uffiċċju għall-Migrazzjoni u l-Ażil. Il-kwistjoni reġgħet tqajmet matul il-laqgħa f'Odessa tal-“5+2” (23 - 24 ta' Mejju 2013), meta r-Repubblika tal-Moldova neħħiet l-akkużi ta' Transnistria li l-inizjattiva tagħha xxekkel il-moviment ħieles tar-residenti tar-Russja u ta' Transnistria li ma għandhomx passaport tal-Moldova. Ir-Repubblika tal-Moldova addizzjonalment qablet li ssewgi mar-Russja u l-Ukrajna konsultazzjonijiet konsulari tripartitiċi dwar ir-rikonoxximent tar-residenza Moldovana ta' residenti Russi u Ukranjani li jirrifjutaw li jirreġistraw mal-awtoritajiet Moldovani.

Skont l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, fl-2012, il-popolazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova kienet 3 559 541 persuna (mingħajr ir-reġjun ta' Transnistria). Barra minn hekk, il-popolazzjoni tar-reġjun Transnistrijan kienet stmata li hi madwar 509 400 persuna (mingħajr ma jitnaqqas in-numru konsiderevoli ta' immigranti mir-reġjun), li minnhom 280 239 (55%) kienu ċittadini Moldovani reġistrati fir-Reġistru tal-Popolazzjoni tal-Istat. Fl-2012, il-Ministeru tal-Infurmazzjoni, it-Teknoloġija u l-Komunikazzjonijiet ħareġ 15 531 passaport lil ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova li jirrisjedu fir-reġjun ta' Transnistria.

Ir-Repubblika tal-Moldova segwiet politika ġeneralment inklussiva fir-rigward taċ-ċittadini tagħha li jirrisjedu fit-“Transnistria”, u tippermettilhom li jkollhom aċċess mingħajr ħlas għaċ-ċittadinanza Moldovana fuq bażi volontarja (jew il-ħruġ mingħajr ħlas ta' dokumenti tal-identità bħala l-ewwel dokumentazzjoni). Minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent tad-dokumenti dwar l-istatus ċivili ta' Transnistria mir-Repubblika tal-Moldova, il-Ministeru tal-Infurmazzjoni, it-Teknoloġija u l-Komunikazzjonijiet, japplika miżuri speċifiċi sabiex jikkonferma ċ-ċittadinanza tal-applikanti, b'konformità mal-emendi tal-Liġi tal-2004 dwar iċ-ċittadinanza u d-Deċiżjonijiet tal-Gvern Nru 959 mid-9 ta' Settembru 2005 u Nru 337 tal-10 ta' Mejju 2011. Minn Mejju 2012, għaddejnin diskussjonijiet bejn Chisinau u Tiraspol għall-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' skambju ta' infurmazzjoni, li jippermetti r-reġistrazzjoni mill-ġdid tad-dokumenti maħruġa mill-awtoritajiet de facto ta' Transnistria u, speċjalment li jintroduċi elementi ta' identifikazzjoni għan-nazzjoni kollu (għadd iġġenerat mir-Reġistru tal-Istatus Ċivili tal-Moldova) fid-dokumenti tal-istatus ċivili maħruġa mill-awtoritajiet de facto ta' Transnistria; dan se jissimplifika l-proċess tal-applikazzjoni għar-residenti ta' Transnistria li japplikaw għal dokumenti tal-identità Moldovani.

Bħalissa, id-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 125 tat-18 ta' Frar 2013 li tapprova r-“Regolament dwar il-ħruġ ta' dokumenti tal-identità u tal-evidenza tal-popolazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova” (li tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 376 tas-6 ta' Ġunju 1995 kif emendata sussegwentement) tistipula li “l-identifikazzjoni tal-persuni li jilħqu l-età ta' maġġorenni u ma kellhomx dokumenti qabel, jew li l-identità tagħhom ma tistax tiġi stabbilita abbażi ta' dokumenti maħruġa qabel, għandha ssir b'dikjarazzjoni ta' responsabbiltà ta' wieħed mill-ġenituri, rappreżentanti ġuridiċi jew membri oħra tal-familja fil-grad I-III ". Fil-każ tal-aħħar, l-applikant għandu jipprovdi dokumenti ta' spjegazzjoni addizzjonali maħruġa mill-awtorità pubblika lokali jew minn istituzzjoni oħra tal-istat li għandha infurmazzjoni dwar il-persuna rispettiva. Għalhekk, id-dixxendenti jew il-familja tar-residenti ta' Transnistria li ma jistgħux jiġu identifikati u rikonoxxuti skont il-mudell Sovjetiku tas-sistema tal-passaport (li r-“Reġistru” tal-Moldova wiret), bħalissa jistgħu jiddependu fuq id-dikjarazzjonijiet tal-membri tal-familja tagħhom sabiex japplikaw għaċ-ċittadinanza tal-Moldova. Il-Kodiċi Kriminali tal-Moldova jipprevedi multi u sa sena ħabs għal dikjarazzjonijiet foloz li jsiru quddiem uffiċjal pubbliku sabiex tiġi prodotta konsegwenza ġuridika għal persuna terza.

#### **Valutazzjoni Ġenerali tal-Element 4**

Ir-Repubblika tal-Moldova mxiet lejn implimentazzjoni effettiva tal-parametri referenzjarji

tat-tieni fażi. Ir-restrizzjonijiet li kien baqa' sabiex persuni barranin u dawk mingħajr stat jibqgħu b'mod legali tneħħew; l-aċċess għaċ-ċittadini kollha għal dokumenti tal-identità kompli jittjeb b'mod effettiv; sar titjib konsiderevoli fl-implimentazzjoni tal-qafas legali kontra d-diskriminazzjoni. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni fir-reġjun ta' Transnistria ġiet indirizzata b'diliġenza, permezz tal-istabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ tal-migrazzjoni u l-introduzzjoni ta' proċeduri speċjali ta' konferma għar-residenti ta' Transnistria li japplikaw għal dokumenti tal-identità Moldovani. Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Moldova għandha rekord ta' segwitu konsistenti tar-rakkomandazzjonijiet kollha li saru fil-Valutazzjoni tal-Impatti.

**Il-Kummissjoni tqis li r-Repubblika tal-Moldova b'mod ġenerali tissodisfa l-parametri referenzjarji tat-tieni fażi stabbiliti taħt l-Element 4.**

Azzjoni ulterjuri hija meħtieġa sabiex:

- Tiġi kkonfermata l-implimentazzjoni sostenibbli tal-Liġi sabiex tiġi Żgurata l-Ugwaljanza, speċjalment billi jitwaqqaf Kunsill għall-Ugwaljanza li jiffunzjona u jtkompla l-progress lejn l-implimentazzjoni tal-liġi dwar l-inklużjoni soċjali ta' persuni b'diżabbiltajiet;
- Jiġi kkonfermat l-appoġġ finanzjarju tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;
- Titkompla l-implimentazzjoni tar-riforma tas-settur tal-ġustizzja, inkluż it-tisħiħ tal-istituzzjoni tal-ombudsman;
- Jiġu stabbiliti l-punti ta' reġistrazzjoni mħabbra fuq il-konfini amministrattivi kollha mat-"Transnistria";
- Jitkompla l-progress mat-"Transnistria" sabiex tiġi ffaċilitata d-dokumentazzjoni u l-evidenza tar-residenti tat-Transnistria.

### 3. KONKLUŻJONIJIET

Mit-tnedija f'Ġunju 2010 tad-djalogu bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-Viża u l-preżentazzjoni lill-awtoritajiet Moldovani ta' Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża (VLAP) f'Jannar 2011, il-Kummissjoni bdiet tirrapporta b'mod regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress li tkun għamlet ir-Repubblika tal-Moldova biex tieħu miżuri neċessarji sabiex tissodisfa l-parametri referenzjarji identifikati taħt l-erba' Elementi tal-ewwel fażi u issa taħt it-tieni fażi tal-VLAP permezz ta' dan ir-raba' (4) rapport tal-progress.

Minbarra dan il-proċess ta' rappurtar intensiv relatat mal-VLAP, il-Kummissjoni kompliet timmonitorja wkoll il-progress li għamlet ir-Repubblika tal-Moldova fl-oqsma rilevanti tal-VLAP permezz ta'

- il-Kumitat Konġunt bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viża;
- il-Kumitat Konġunt bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova dwar ir-Riammissjoni;
- is-Sottokumitat Nru 3 Konġunt bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova;
- il-Laqgħa tal-Uffiċjali Għolja tal-UE u r-Repubblika tal-Moldova dwar is-Sħubija fil-Mobbiltà;
- id-Djalogu bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

F'kull wieħed minn dawn il-Kumitati u oqfsa, l-istat tad-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova huwa avanzat u għaddej mingħajr ħafna diffikultajiet. Matul l-aħħar Kumitati Konġunti dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viża u r-Riammissjoni li saru fit-

12 ta' Ġunju 2013 fi Brussell, bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri tal-UE, il-Kummissjoni rreġistrat implimentazzjoni sodisfaċenti kumplessiva taż-żewġ ftehimiet.

Id-Djalogu bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-Viża wera li hu għodda importanti għar-**riformi**, mhux biss il-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, iżda anke lil hinn minn oqsma b'impatti bħall-istat tad-dritt u kwistjonijiet kostituzzjonali inklużi l-finanzjament tal-partiti politiċi u l-immunitajiet politiċi. Il-progress li għamlet ir-Repubblika tal-Moldova fl-aħħar tliet snin fl-oqsma varji koperti mill-erba' Elementi tal-VLAP kien konsistenti u effettiv, li juri l-impenn importanti u l-isforzi li għamlu l-awtoritajiet tal-Moldova biex jagħmlu l-implimentazzjoni tal-VLAP prijorità fuq l-aġenda leġiżlattiva, politika u amministrattiva tagħha.

Madankollu, huwa importanti li jiġi affermat li r-riformi li saru f'diversi oqsma koperti mill-VLAP, u b'mod partikolari dawk dovuti għall-governanza tajba tal-amministrazzjoni pubblika, jeħtieġu b'mod ċar **rieda politika stabbli** mill-awtoritajiet Moldovani bil-għan li dawk ir-riformi jiġu kkonsolidati għalkollox fis-soċjetà Moldovana.

Il-valutazzjoni kurrenti turi li r-Repubblika tal-Moldova hija **b'mod ġenerali konformi mal-parametri referenzjarji stabbiliti fl-erba' Elementi tal-VLAP**. Il-funzjonament tal-qafas leġiżlattiv u politiku u l-prinċipji u l-proċeduri istituzzjonali u organizzazzjonali fl-erba' Elementi huwa konformi mal-istandards Ewropej u internazzjonali. Il-Kummissjoni tqis li r-Repubblika tal-Moldova għamlet **progress tajjeb ħafna** fl-implimentazzjoni effettiv u sostenibbli tat-tieni fażi tal-parametri referenzjarji tal-VLAP. L-issodisfar tal-azzjonijiet meħtieġa f'dan ir-rapport iwassal lir-Repubblika tal-Moldova għall-finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-parametri referenzjarji kollha tat-tieni fażi tal-VLAP.

Il-Kummissjoni se tkompli tagħti attenzjoni partikolari li qed jiġu allokati riżorsi finanzjarji u riżorsi umani adatti mir-Repubblika tal-Moldova għall-implimentazzjoni sostenibbli tal-qafas leġiżlattiv u politiku. F'dak ir-rigward, ir-Repubblika tal-Moldova qed tintalab tistabbilixxi **ppjanar għal terminu ta' żmien ta' diversi snin** sabiex tiżgura li r-riżorsi finanzjarji u umani neċessarji huma allokati biex jiġu ssodisfati l-parametri referenzjarji b'mod sostenibbli permezz tal-integrazzjoni sistematika tal-linji tan-nefqa neċessarji fil-baġit tal-Istat. Huwa essenzjali wkoll li jkompli jiġu organizzati kampanji ta' informazzjoni mmirati li għandhom l-għan li jikkjarifikaw id-drittijiet u l-obbligi tal-ivjaġġar mingħajr viża, u dwar regoli li jirregolaw l-aċċess għas-suq tax-xogħol tal-UE.

Il-Kummissjoni se **tkompli timmonitorja b'mod attiv** l-issodisfar tal-azzjonijiet meħtieġa f'dan ir-rapport taħt l-erba' Elementi tal-VLAP, bil-għan ta' **rappurtar fil-ħarifa** dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-parametri referenzjarji kollha taħt il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viża.